IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011
COM(2011) 811 final

2011/0402 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' XXX**

**li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2011) 1427-Volume 1}
{SEC(2011) 1428-Volume 1}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Is-sett ta’ proposti għal "Orizzont 2020", imfassla b'konformità sħiħa mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Baġit għall-Ewropa 2020[1]", jappoġġaw bis-sħiħ l-Istrateġija Ewropa 2020, li identifikat ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala elementi ċentrali sabiex jintlaħqu l-miri ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. Is-sett jikkonsisti f'proposti għal:

(1) Programm Qafas għall-Orizzont 2020 (Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – "TFUE");

(2) sett uniku ta' Regoli għall-Parteċipazzjoni u Disseminazzjoni (TFUE);

(3) programm speċifiku uniku li jimplimenta l-Orizzont 2020 (TFUE); kif ukoll

(4) proposta unika għall-partijiet tal-Orizzont 2020 korrispondenti għat-Trattat tal-Euratom.

In-narrattiva u sfond politiċi ġenerali għal dawn il-proposti leġiżlattivi huma pprovduti minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata flimkien magħhom, li tindirizza għadd ta’ elementi trasversali ewlenin bħas-simplifikazzjoni u kif ġie msaħħaħ l-approċċ għall-innovazzjoni.

L-Orizzont 2020 jikkontribwixxi direttament lill-indirizzar tal-isfidi ewlenin tas-soċjetà identifikati fl-Ewropa 2020 u l-iniżjattivi ewlenin tagħha. Se jikkontribwixxi ugwalment lill-ħolqien ta' tmexxija industrijali fl-Ewropa. Dan għandu jżid ukoll l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza, li hija essenzjali għas-sostenibbiltà kif ukoll il-prosperità u benessri fit-tul tal-Ewropa. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-proposti jinkludu firxa sħiħa ta' appoġġ li huwa integrat matul iċ-ċiklu ta' riċerka u innovazzjoni. Għalhekk, l-Orizzont 2020 jiġbor flimkien u jsaħħaħ l-attivitajiet attwalment iffinanzjati fl-ambitu tas-Seba' (7) Programm Kwadru għar-riċerka, il-partijiet dwar l-innovazzjoni fil-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija. B’dan il-mod, il-proposti huma wkoll imfassla sabiex jirrealizzaw simplifikazzjoni sostanzjali għall-parteċipanti.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

It-tħejjija tal-erba' proposti qieset bis-sħiħ ir-reazzjonijiet għal konsultazzjoni pubblika estensiva bbażata fuq il-Green Paper, “Mill-isfidi għall-opportunitajiet: lejn qafas strateġiku komuni għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE”, COM(2011)48. Ġew espressi fehmiet mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri u firxa wiesa' ta’ partijiet interessati mill-industrija, il-qasam akkademiku u mis-soċjetà ċivili.

Il-proposti jiddependu wkoll fuq żewġ valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, imsejsa fuq konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, valutazzjonijiet interni u esterni, u kontribuzzjonijiet minn esperti internazzjonali. Il-valutazzjonijiet sabu li l-alternattiva Orizzont 2020 twassal għal aktar ċarezza fl-iffukar, tikseb bl-aħjar mod il-massa kritika

[1] COM(2011) 500 finali

meħtieġa ta' sforz f'livell ta' programm u proġett, u twassal għall-aktar impatt qawwi fuq l-objettivi tal-politika u benefiċċji ekonomiċi, kompetittivi u soċjali downstream, filwaqt li jgħin biex tissimplifika kwistjonijiet billi, pereżempju, tnaqqas il-piż amministrattiv għall-parteċipanti, jissimplifika r-regoli u proċeduri applikabbli, jiżgura l-konsistenza bejn l-istrumenti u jindika bilanċ ġdid bejn ir-riskju u l-fiduċja.

# 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

## 3.1. Bażi legali

Il-proposta tintegra l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni b'mod konsistenti sabiex tikseb l-objettivi ta' politika.

L-Orizzont 2020 għandu jkun ibbażat fuq it-Titoli tat-TFUE "L-Industrija" u "Ir-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Ispazju" (Artikoli 173 u 182). Regoli relatati għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni se jkunu ibbażati fuq l-istess Titoli tat-TFUE (l-Artikoli 173, 183 u 188). Il-bażi tal-"Industrija" fiż-żewġ każijiet se jirrelataw, b'mod predominanti, mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), li se jiġi ffinanzjat b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-Orizzont 2020. L-EIT mhux se jidher fil-livell tal-programm speċifiku.

Huwa mfakkar li attivitajiet ta' innovazzjoni ġew inklużi espliċitament f'diversi Programmi Qafas bbażati fuq it-Titolu tar-Riċerka tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li l-Programmi Qafas attwali jinkludu wkoll firxa ta' attivitajiet ta' innovazzjoni. Bħala konsegwenza, il-programm speċifiku li se jimplimenta l-Orizzont 2020 se jkun ibbażat fuq it-it-titolu tat-TFUE "Ir-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Ispazju" (l-Artikolu 182) peress li l-attivitajiet previsti fihom se jaqgħu taħt dawk koperti minn dan it-Titolu.

Il-proposta għall-programm Euratom għar-riċerka u t-taħriġ li jikkontribwixxi lill-Orizzont 2020 hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom.

## 3.2. Prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità

Il-proposti tfasslu sabiex jimmassimizzaw il-valur miżjud u l-impatt tal-Unjoni, b'enfasi fuq l-objettivi u l-attivitajiet li ma jistgħux jiġu realizzati b'mod effiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. L-intervent fil-livell ta' Unjoni jista' jsaħħaħ il-qafas ġenerali ta' riċerka u innovazzjoni u jikkoordina l-isforzi ta' riċerka tal-Istati Membri biex b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni, tinżamm massa kritika f'oqsma ewlenin u jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku jintuża bl-aħjar mod. L-intervent fil-livell ta' Unjoni jippermetti kompetizzjoni madwar il-kontinent kollu sabiex jintgħażlu l-aħjar proposti, biex b'hekk jogħlew il-livelli ta' eċċellenza u tiġi provduta viżibbiltà għar-riċerka u l-innovazzjoni ewlenija. Il-livell tal-Unjoni jinsab ukoll fl-aħjar pożizzjoni sabiex jappoġġa l-mobbiltà transnazzjonali, li permezz tiegħu jitjiebu t-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera għar-riċerkaturi. Programm fuq livell ta' Unjoni huwa f'pożizzjoni aħjar biex jidħol għal riċerka u żvilupp ta' riskju għoli u fit-tul, biex b'hekk jinqasam ir-riskju u tiġi ġġenerata firxa ta' ambitu u ekonomiji ta' skala li ma jistgħux jinkisbu b'mod ieħor. L-intervent fil-livell tal-Unjoni jista' jikseb investimenti pubbliċi u privati addizzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni; jikkontribwixxi għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka fejn l-għarfien, ir-riċerkaturi u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament; u taċċellera l-kummerċjalizzazzjoni u diffużjoni ta' innovazzjonijiet madwar is-Suq Uniku. Programmi fuq livell tal-Unjoni huma meħtieġa wkoll biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika kif ukoll l-

objettivi stabbiliti minn firxa ta' politiki. L-evidenza kollha hija ppreżentata fil-valutazzjonijiet tal-impatt ta’ akkumpanjament.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-baġit tal-proposti kollha huwa ppreżentat fi prezzijiet kurrenti. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma’ din il-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji, tar-riżorsi umani u r-riżorsi amministrattivi. Il-Kummissjoni tista' tuża, abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, aġenziji eżekuttivi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020, kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b’ċerti kompiti fit-tmexxija ta’programmi tal-Unjoni.

2011/0402 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' XXX**

**li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 182(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3]

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4]

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 182(3) tat-Trattat, ir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... rigward Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ("Orizzont 2020")[5] – għandu jiġi implimentat permezz ta' programm speċifiku li jiddetermina l-objettivi speċifiċi u r-regoli għall-implimentazzjoni tagħhom, jiffissa t-tul ta' żmien tiegħu u jipprovdi għall-mezzi meqjusa meħtieġa.

(2) Orizzont 2020 għandu tliet prijoritajiet, partikolarment, li jiġġenera xjenza eċċellenti ("Xjenza eċċellenti"), joħloq tmexxija industrijali ("Tmexxija industrijali") u jindirizza l-isfidi tas-soċjetà ("Sfidi tas-soċjetà"). Dawk il-prijoritajiet għandhom ikunu

---

2 ĠU C , , p.
3 ĠU C , , p.
4 ĠU C , , p.
5 ĠU , , p.

implimentati bi programm speċifiku li jikkonsisti minn tliet Partijiet dwar azzjonijiet indiretti u Parti waħda dwar l-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (JRC).

(3) Filwaqt li l-Orizzont 2020 jistabbilixxi l-objettiv ġenerali ta' dak il-programm qafas, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-objettivi u attivitajiet speċifiċi li jridu jitwettqu, il-programm speċifiku għandu jiddefinixxi objettivi speċifiċi u linji ġenerali tal-attivitajiet li huma speċifiċi għal kull waħda mill-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni stabbiliti f'Orizzont 2020 japplikaw bis-sħiħ għal dan il-programm speċifiku, inkluż dawk relatati għal prinċipji etiċi.

(4) Kull Parti għandha tkun kumplimentari mal-Partijiet l-oħra tal-programm speċifiku u implimentata b'mod koerenti magħhom.

(5) Hemm ħtieġa kritika ta' rinfurzar u estensjoni tal-eċċellenza tal-bażi xjentifika tal-Unjoni u li tiġi żgurata provvista ta' riċerka u talent ta' klassi dinjija biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-benesseri fit-tul tal-Ewropa. Il-Parti "Xjenza eċċellenti " għandha tappoġġa l-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, teknoloġiji futuri u emerġenti, Azzjonijiet Marie Curie u l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka. Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li tinbena kompetenza fit-tul, b'enfasi qawwija fuq il-ġenerazzjoni ta' xjenza, sistemi u riċerkaturi li jmiss, u jipprovdu appoġġ għat-talent emerġenti minn madwar l-Unjoni u minn pajjiżi assoċjati. Attivitajiet tal-Unjoni li jappoġġaw xjenza eċċellenti għandhom jgħinu biex jikkonsolidaw iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u jagħmlu sistema tax-xjenza tal-Unjoni aktar kompetittiva u attraenti fuq skala globali.

(6) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt il-Parti "Xjenza Eċċellenti" għandhom jiġu determinati skont l-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tax-xjenza, mingħajr prijoritajiet tematiċi predeterminati. L-aġenda tar-riċerka se tiġi stabbilita b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità xjentifika. Ir-riċerka għanda tiġi ffinanzjata abbażi tal-eċċellenza.

(7) Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka stabbilit fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni għandu jissostitwixxi u jkun is-suċċessur tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/134/KE[6]. Għandu jopera skont prinċipji stabbiliti ta' eċċellenza xjentifika, awtonomija, effiċjenza u trasparenza.

(8) Sabiex tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija industrijali tal-Unjoni hemm bżonn urġenti li tiġi stimulata r-riċerka u l-iżvilupp fis-settur privat u l-investiment fl-innovazzjoni, tiġi promossa r-riċerka u l-innovazzjoni b'aġenda xprunata min-negozju u jitħaffef l-iżvilupp tat eknoloġiji ġodda li se jsostnu negozji futuri u t-tkabbir ekonomiku. Il-parti dwar "tmexxija industrijali" għandha tappoġġa investimenti f'riċerka u innovazzjoni eċċellenti f'teknoloġiji abilitanti ewlenin u teknoloġiji industrijali oħra, tiffaċilita l-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal kumpaniji u proġetti innovattivi u tipprovdi appoġġ madwar l-Unjoni għall-innovazzjoni fl-impriżi żgħar u ta'daqs medju.

(9) Ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-ispazju, li hija kompetenza kondiviża tal-Unjoni, għandhom ikunu inklużi bħala element koerenti fil-Parti dwar "tmexxija industrijali" sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt xjentifiku, ekonomiku u dak fuq is-soċjetà u, biex tiġi żguarata implimentazzjoni effiċjenti u kosteffettiv.

---

6 ĠU L 57, 24.2.2007, p. 14..

(10) Biex jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà ewlenin identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020[7] jeħtieġu investimenti kbar fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati u implimentati soluzzjonijiet ġodda u rivoluzzjonarji li jkollhom l-iskala u ambitu meħtieġa. Dawn l-isfidi jirrappreżentaw ukoll opportunitajiet ekonomiċi ewlenin għal kumpaniji innovattivi u għalhekk jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni u l-impjiegi.

(11) Il-Part III "Sfidi tas-soċjetà" għandha żżid l-effettività tar-riċerka u l-innovazzjoni bħala reazzjoni għall-isfidi prinċipali tas-soċjetà billi tappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti. Dawk l-attivitajiet għandhom jiġu implimentati permezz ta' approċċ imsejjes fuq l-isfidi li jiġbor flimkien riżorsi u għarfien bejn oqsma, teknoloġiji u dixxiplini differenti. Ix-xjenzi soċjali u r-riċerka fl-istudji umanistiċi huma element importanti għall-indirizzar tal-isfidi kollha. L-attivitajiet għandhom ikopru l-firxa sħiħa ta' riċerka u innovazzjoni b'enfasi fuq attivitajiet relatati mal-innovazzjoni bħall-pilotaġġ, id-dimostrazzjoni, il-bażijiet sperimentali u l-appoġġ għall-akkwist pubbliku, riċerka prenormattiva u l-istabbiliment ta' standards, u l-użu tal-innovazzjonijiet mis-suq. L-attivitajiet għandhom jappoġġaw direttament il-kompetenzi tal-politika settorjali korrispondenti fil-livell tal-Unjoni. It-tibdiliet kollha għandhom jikkontribwixxu lill-objettiv prevalenti tal-iżvilupp sostenibbli.

(12) Bħala Parti integrali tal-Orizzont 2020, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandu jkompli jipprovdi sostenn xjentifiku u tekniku xprunat mill-klijent għat-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Unjoni. Sabiex iwettaq il-missjoni tiegħu iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jwettaq riċerka tal-ogħla kwalità. Fit-twettiq tal-azzjonijiet diretti skont il-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jagħmel enfasi partikolari fuq oqsma ta' importanza ewlenija għall-Unjoni, jiġifieri tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli, is-sigurtà u ċ-ċittadinanza u l-Ewropa Globali.

(13) L-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandhom ikunu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġiet rilevanti tal-utenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-politiki tal-Unjoni, kif ukoll billi jiġi rrispettat l-objettiv li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dawk l-azzjonijiet ta' riċerka għandhom jiġu adattati fejn xieraq għal dawn il-ħtiġijiet u għall-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u jimmiraw li jiksbu l-eċċellenza xjentifika.

(14) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali permezz ta 'attivitajiet kompetittivi, inkluż il-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti tal-Orizzont 2020, ħidma ta' Parti terza u, f'livell inqas, l-isfruttar tal-proprjetà intellettwali.

(15) Il-programm speċifiku għandu jikkumplimenta l-azzjonijiet imwettqa fl-Istati Membri kif ukoll azzjonijiet oħra tal-Unjoni li huma meħtieġa għall-isforz strateġiku ġenerali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari b'azzjonijiet fl-oqsma ta' politika tal-koeżjoni, agrikoltura, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, industrija, saħħa pubblika, protezzjoni tal-konsumatur, impjiegi u politika soċjali, enerġija, trasport, ambjent, tibdil fil-klima, sigurtà, baħar u sajd, kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politika tat-tkabbir u tal-viċinat.

---

[7] COM(2010) 2020

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-evalwazzjonijiet tal-Orizzont 2020 jirreflettu l-aktar livell avvanzat u li l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-faċilitajiet ta' finanzjament jirreflettu l-kundizzjonijiet tas-suq, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tadatta u telabora aktar l-indikaturi tal-prestazzjoni li jikkorispondu għall-objettivi speċifiċi tal-programm speċifiku u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-użu tal-faċilitajiet finanzjarji. Huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż f'livell espert.

Il-Kummissjoni, waqt li tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni fil-ħin u xierqa ta’ dokumenti rilevanti lill-Kunsill.

(17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tadotta programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku.

(18) Is-setgħat implimentattivi relatati mal-programmi ta' ħidma għall-Partijiet I, II u III, bl-eċċezzjoni tal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka fejn il-Kummissjoni ma titbiegħidx mill-pożizzjoni tal-Kunsill Xjentifiku, għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni[8].

(19) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/282Euratom tal-10 ta’ April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru ta’ Riċerka Konġunt[Ċentru Konġunt tar-Riċerka][9], ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-programm speċifiku dwar l-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka.

(20) Għal raġunijiet ta’ ċertezza u ċarezza legali, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013)[10], id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Ideat" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013)[11], id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013)[12], id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013)[13], u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/975/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm

[8] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[9] ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12.
[10] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.
[11] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243.
[12] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272.
[13] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299.

speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka fl-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013)[14], għandhom jiġu mħassra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[14] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 368.

# TITOLU I

## STABBILIMENT

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru XX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u jiddetermina l-objettivi speċifiċi għal appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament kif ukoll ir-regoli għall-implimentazzjoni.

*Artikolu 2*
*Stabbiliment tal-Programm Speċifiku*

1. Il-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("il-programm speċifiku") huwa b'dan stabbilit għall-perjodu mill-1 ta 'Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

2. Skont l-Artikolu 5(2) u 5(3) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020], il-programm speċifiku għandu jikkonsisti mill-Partijiet li ġejjin:

   (a) Parti I "Xjenza eċċellenti";

   (b) Parti II "Tmexxija industrijali";

   (c) Parti III " Sfidi tas-soċjetà";

   (d) Parti IV "Azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-Kunsill taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) ".

*Artikolu 3*
*Objettivi speċifiċi*

1. Il-Parti I "Xjenza eċċellenti" għandha issaħħaħ l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea skont il-prijorità "Xjenza eċċellenti " stabbilita fl-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] billi tilħaq l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) it-tisħiħ tar-riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, permezz tal-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC);

   (b) it-tisħiħ tar-riċerka f'Teknoloġiji Futuri u Emerġenti;

---

15

(c) it-tisħiħ tal-ħiliet, taħriġ u żvilupp tal-karriera, permezz tal-azzjonijiet Marie Curie ;

(d) it-tisħiħ tal-infrastrutturi Ewropj tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi.

Il-linji ġenerali tal-attivitajiet għal dawk l-objettivi speċifiċi huma stabbiliti fil-Parti I tal-Anness I.

2. Il-Parti II "Tmexxija industrijali " għandha ssaħħaħ it-tmexxija industrijali u l-kompetittività skont il-prijorità "tmexxija industrijali" stabbilita fl-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] billi tilħaq l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) tingħata spinta lit-tmexxija industrijali Ewropea permezz tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali li ġejjin:

(i) it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(ii) in-nanoteknoloġiji;

(iii) il-materjali avvanzati;

(iv) il-bijoteknoloġija;

(v) il-manifattura u pproċessar avvanzati;

(vi) l-ispazju;

(b) it-titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni;

(c) iż-żieda fl-innovazzjoni f'impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-linji ġenerali tal-attivitajiet għal dawk l-objettivi speċifiċi huma stipulati fil-Parti II tal-Anness I. Se jkun hemm kundizzjonijiet speċifiċi għall-użu ta' faċilitajiet ta' finanzjament taħt l-objettiv speċifiku fil-punt (b). Dawk il-kundizzjonijiet huma stipulati fil-Punt 2 tal-Parti II tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegati skont l-Artikolu 10 għall-fini li jiġu adattati dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi tas-suq jesiġu dan jew skont ir-riżultati miksuba mill-Faċilità ta' Garanzija għal Self tal-Programm ta' Kompettitività u Innovazzjoni u l-Istrument ta' Kondiviżjoni tar-Riskju tal-Faċilità Finanzjarja ta' Kondiviżjoni tar-Riskju tas-Seba' Programm Kwadru.

3. Il-Parti III "Sfidi tas-soċjetà" għandha tikkontribwixxi lill-prijorità "Sfidi tas-soċjetà" stabbiliti fl-Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] billi jitwettqu azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-titjib tas-saħħa u l-benessri matul il-ħajja;

(b) l-iżgurar ta' biżżejjed provvisti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti b'bażi bijoloġika oħrajn, billi jiġu żviluppati sistemi ta' produzzjoni primarja produttivi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi bis-servizzi relatati tal-ekosistemi, flimkien ma' industriji kompetittivi u b'livell baxx ta' karbonju;

(c) issir it-tranżizzjoni lejn sistem tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva, fid-dawl tal-iskarsezza tar-riżorsi, l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tal-enerġija u t-tibdil fil-klima;

**(d)** il-kisba ta' sistema Ewropea tat-trasport li hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla intoppi għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-ekonomija u s-soċjetà;

(e) tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar fil-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta.

(f) it-trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri f'kuntest ta' trasformazzjonijiet mingħajr preċedent u interdipendenzi globali dejjem akbar.

Il-linji ġenerali tal-attivitajiet għal dawk l-objettivi speċifiċi huma stabbiliti fil-Parti III tal-Anness I.

4. Il-Parti IV dwar azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka għandha tikkontribwixxi għall-prioritajiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzjont 2020] bl-objettiv speċifiku li tipprovdi appoġġ xjentifiku u tekniku integrat u f'waqtu lill-proċess tat-tfassil tal-politika Ewropea.

Il-linji ġenerali ta' dak l-objettiv speċifiku huma stipulati fil-Parti IV tal-Anness I.

5 Il-programm speċifiku għandu jiġi vvalutat fir-rigward ta' riżultati u impatt kif imkejla fil-konfront ta' indikaturi tal-prestazzjoni, inkluż, fejn xieraq, pubblikazzjonijiet f'ġurnali ta' impatt għoli, iċ-ċirkolazzjoni tar-riċerkaturi, l-aċċessibbiltà tal-infrastrutturi ta' riċerka, l-investimenti mmobbilizzati permess ta' kapital ta' finanzjament tad-dejn u kapital ta' riskju, SMES li jintroduċu innovazzjonijiet li huma ġodda għall-kumpanija jew is-suq, referenzi lill-attivitajiet rilevanti ta' riċerka fid-dokumenti ta' politika kif ukoll okkorrenzi ta' impatti speċifiċi fuq il-politiki.

Dettall ulterjuri dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jikkorispondi għall-objettivi speċifiċi stipulati fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu huwa stipulat fl-Anness II.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10 għall-fini li tadatta dawk l-indikaturi fid-dawl tal-iżviluppi ġodda jew biex telaborahom aktar.

*Artikolu 4*
*Baġit*

1. Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020], il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku għandu jkun EUR 86198 miljun.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitqassam fost l-erba' Partijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020]. It-tqassim indikattiv tal-baġit għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta’ din id-Deċiżjoni u l-ammont massimu globali tal-kontribuzzjoni għall-azzjonijiet taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka huma stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020].

3 Mhux aktar minn 6 % tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020] għall-Partijiet I, II u III tal-programm speċifiku għandhom ikunu għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni.

4. Fejn meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit għal wara l-2020 biex ikopru spejjeż tekniċi u amministrattivi, sabiex jippermettu l-ġestjoni ta’ azzjonijiet li jkunu għadhom ma tlestewx sal-31 ta’ Diċembru 2020.

# TITOLU II

# IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 5*
*Programmi ta' ħidma*

1. Il-programm speċifiku għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma komuni jew separati gall-implimentazzjoni tal-Partijiet I, II u III ta' dan il-programm speċifiku msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(2), għajr għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt l-għan speċifiku "Tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien". Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

3. Il-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt l-objettiv speċifiku "Tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien" kif stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka taħt l-Artikolu 7(2b), għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-programm ta' ħidma stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku biss meta tqis li dan mhuwiex skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni. F 'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' xogħol permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2). Il-Kummissjoni għandha tagħti motivazzjoni b'mod dovut għal din il-miżura.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma multiannwali separat, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għall-Parti IV tal-programm speċifiku dwar azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 2(2).

   Dan il-programm ta' ħidma għandu jqis il-parir mogħti mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Kunsill tar-Riċerka Konġunta imsemmi fid-Deċiżjoni 96/282/Euratom.

5. Il-programmi ta' ħidma għandhom iqisu l-istat tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni fuq livell nazzjonali, dak tal-Unjoni u dak internazzjonali kif ukoll l-iżviluppi rilevanti fil-politiki, is-suq u s-soċjetà. Dawn għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-koordinazzjoni mal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa mill-Istati Membri, inkluż f'oqsma fejn hemm inizjattivi ta' programmazzjoni konġunta. Dawnn għandhom jiġi aġġornat fejn huwa xieraq.

6. Il-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-Partijiet I sa III msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(2) għandhom jistabbilixxu l-objettivi indirizzati, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni indikattiva dwar l-ammont tan-nefqa relatata mal-klima. Għandhom jinkludu ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, skeda indikattiva ta'

implimentazzjoni, kif ukoll approċċ multiannwali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin sussegwenti ta' implimentazzjoni. Għandhom jinkludu għotjiet għall-prijoritajiet essenzjali, kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima tal-kofinanzjament. Għandhom jippermettu approċċi minn isfel għal fuq li jindirizzaw l-objettivi f'modi innovattivi.

Barra minn hekk, dawk il-programmi ta' ħidma għandhom jinkludu taqsima li tidentifika azzjonijiet trasversali kif imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Orizzont 2020], li jkopru żewġ objettivi speċifiċi jew aktar, it-tnejn fi ħdan l-istess prijorità u fuq żewġ prijoritajiet jew aktar. Dawk l-azzjonijiet għandhom ikunu implimentati b'mod integrat.

*Artikolu 6*
*Kunsill Ewropew għar-Riċerka*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew għar-Riċerka ("ERC"), permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jkun il-mezz ta' implimentazzjoni fl-ambitu tal-Parti I "Xjenza eċċellenti" li huma relatati mal-objettiv speċifiku "Tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien". L-ERC għandu jieħu post il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka stabbilit bid-Deċiżjoni 2007/134/KE.

2. Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jkun magħmul minn Kunsill Xjentifiku indipendenti previst fl-Artikolu 7 u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni prevista fl-Artikolu 8.

3. L-ERC għandu jkollu President, li jintgħażel minn xjenzati superjuri u internazzjonalment rispettati.

   Il-President għandu jinħatar mill-Kummissjoni, wara proċess ta' reklutaġġ li jinvolvi kumitat dedikat għat-tiftix, għal terminu limitat ta' erba' snin li jiġġedded darba. Il-proċess ta' reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu jkollhom l-approvazzjoni tal-Kunsill Xjentifiku.

   Il-President għandu jippresjedi l-Kunsill Xjentifiku u għandu jiżgura t-tmexxija u l-kollaborazzjoni tiegħu mal-istruttura dedikata ta' implimentazzjoni, u għandu jirrappreżentah fid-dinja tax-xjenza.

4. Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jaħdem skont il-prinċipji tal-eċċellenza xjentifika, l-awtonomija, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Għandu jiżgura kontinwità mal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka mwettqa skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE.

5. L-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandhom jappoġġaw riċerka mwettqa fl-oqsma kollha minn timijiet individwali u transnazzjonali f'kompetizzjoni fuq livell Ewropew. L-għotjiet tar-riċerka tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandhom jingħataw fuq il-kriterju uniku tal-eċċellenza.

6. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala garanti tal-awtonomija u l-integrità tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka u għandha tiżgura t-twettiq xieraq tal-kompiti fdati lilu.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka hija skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu kif ukoll l-istrateġija xjentifika globali tal-Kunsill Xjentifiku msemmija fl-Artikolu 7(2).

### *Artikolu 7*
### *Kunsill Xjentifiku*

1. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jkun kompost minn xjentisti, inġiniera u akkademiċi tal-ogħla reputazzjoni u b'kompetenza xierqa, li jiżguraw diversità ta' oqsma ta' riċerka, jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom, indipendentement minn interessi estranji.

Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara proċedura indipendenti u trasparenti għall-identifikazzjoni tagħhom miftiehma mal-Kunsill Xjentifiku, inkluża konsultazzjoni mal-komunità xjentifika u rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-mandat għandu jkun limitat għal erba' snin, li jiġġedded darba, abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni li għandha tiżgura l-kontinwità tax-xogħol tal-Kunsill Xjentifiku.

2. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jistabbilixxi:

(a) l-istrateġija globali tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka;

(b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka;

(c) il-metodi u l-proċeduri għall-analiżi *inter pares* u l-evalwazzjoni ta' proposti li abbażi tagħhom jiġu determinati l-proposti li għandhom jiġu ffinanzjati;

(d) il-pożizzjoni tiegħu dwar kwalunkwe kwistjoni li minn perspettiva xjentifika tista' ssaħħaħ il-kisbiet u l-impatt tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-kwalità tar-riċerka mwettqa.

(e) il-kodiċi ta' kondotta li tindirizza, fost oħrajn, l-evitar ta' kunflitt ta' interessi.

Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-pożizzjonijiet stabbilti mill-Kunsill Xjentifiku skont il-punti (a), (c), (d), u (e) tal-ewwel subparagrafu biss meta tqis li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ma ġewx rispettati. F'dak il-każ il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jżommu l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-programm speċifiku u l-kisbiet tal-objettivi tiegħu, li jistabbillixu punti ta' tbegħid mill-pożizzjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku u billi tiġġustifikahom b'mod dovut.

3. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi skont il-mandat stabbilit fil-punt 1.1, Parti I tal-Anness I.

4. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi esklużivament fl-interess li jintlaħaq l-objettiv speċifiku "Tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien" skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(4). Għandu jaġixxi b'integrità u b'mod rett u għandu jwettaq xogħlu b'effiċjenza u bl-akbar trasparenza possibbli.

*Artikolu 8*
*Struttura ddedikata għall-implimentazzjoni*

1. L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-programm, kif deskritt fil-punt 1.2 tal-Parti I tal-Anness u għandha tappoġġa l-Kunsill Xjentifiku fit-twettiq tal-kompiti kollha tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni ssegwi b'mod strett, b'mod effiċjenti u bil-flessibiltà neċessarja l-objettivi u r-rekwiżiti tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka waħdu.

# TITOLU III

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 9*
*Proċedura tal-kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[16].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat imsemmi fil-paragrafu 2 tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, dan jiġi deċiż mill-president tal-kumitat jew meta dan jintalab minn maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat.

*Artikolu 10*
*Eżerċitar tad-delega*

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati qiegħda tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tkun kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

3. Id-delega ta' setgħa tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata f'dan. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan.

5. Att delegat għandu jidħol fis-seħħ biss jekk fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Kunsill ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.

6. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat bl-adozzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, jew dwar kwalunkwe oġġezzjoni formulata lilhom, jew dwar ir-revoka tad-delega tas-setgħat mill-Kunsill.

---

[16] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

*Artikolu 11*
*Dispożizzjonijiet ta' revoka u tranżizzjonali*

1. Id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE huma revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

2. Madankollu, l-azzjonijiet mibdija taħt id-Deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u l-obbligi finanzjarji relatati ma' azzjonijiet indirizzati taħt dawk id-Deċiżjonijiet għandhom ikomplu jiġu rregolati minn dawk id-Deċiżjonijiet sat-tlestija tagħhom. Fejn meħtieġ, kwalunkwe kompiti li jifdal tal-Kumitati stabbiliti bid-Deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm speċifiku tista' tkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm speċifiku u l-miżuri koperti bid-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE.

*Artikolu 12*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**ANNESS I**
**Linji ġenerali tal-attivitajiet**

# Elementi komuni għall-azzjonijiet indiretti

## 1. IPPROGRAMMAR

### 1.1. Ġenerali

Ir-Regolament (UE) Nru XX/2012 (Orizzont 2020 jipprovdi sett ta’ prinċipji sabiex jitrawwen approċċ programmatiku li permezz tiegħu l-attivitajiet jikkontribwixxu b'mod strateġiku u integrat lejn l-objettivi tiegħu u sabiex jiżgura kumplimentarjetà b'saħħitha ma’ politiki u programmi relatati oħrajn madwar l-Unjoni.

L-azzjonijiet indiretti tal-Orizzont 2020 se jkunu implimentati permezz ta' forom ta' finanzjament previsti fir-Regolament Finanzjarju, partikolarment għotjiet, premjijiet, akkwisti u strumenti finanzjarji. Il-forom kollha tal-finanzjament se jintużaw b’mod flessibbli fil-firxa kollha tal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Orizzont 2020, bl-użu tagħhom jiġi ddeterminat abbażi tal-ħtiġijiet u l-aspett speċifiki tal-objettiv speċifiku partikolari.

Attenzjoni partikolari għandha tingħata biex ikun żgurat approċċ wiesa’ għall-innovazzjoni, li mhuwiex biss limitat għall-iżvilupp ta’ prodotti u servizzi ġodda abbażi ta' avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi, iżda li jinkorpora wkoll aspetti bħall-użu ta' teknoloġiji eżistenti f’applikazzjonijiet ġodda, titjib kontinwu, l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ ħolistiku għall-innovazzjoni biss jista' jindirizza fl-istess ħin l-isfidi tas-soċjetà u jagħti lok għal negozji u industriji kompetittivi ġodda.

Għall-isfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali b’mod partikolari, se jkun hemm enfasi partikolari fuq attivitajiet ta' appoġġ li joperaw qrib is-suq, bħal dimostrazzjoni, il-pilotaġġ jew il-prova tal-kunċett. Din se tinkludi wkoll, fejn xieraq, l-attivitajiet favur l-innovazzjoni soċjali, il-prestandardizzazzjoni jew l-akkwist prekummerċjali, l-akkwist ta’ soluzzjonijiet innovattivi, l-istandardizzazzjoni u miżuri tad-domanda oħrajn biex jgħinu fl-aċċellerazzjoni tal-użu u d-diffużjoni ta’ prodotti u servizzi innovattivi fis-suq. Barra minn hekk, se jkun hemm biżżejjed lok għal approċċi minn isfel għal fuq u skemi miftuħa, ħfief u veloċi taħt kull waħda mill-isfidi u teknoloġiji biex jipprovdu, lill-aħjar riċerkaturi, intraprendituri u impriżi tal-Ewropa, l-opportunità li jippreżentaw soluzzjonijiet rivoluzjonarji tal-għażla tagħhom.

L-iffissar tal-prijoritajiet dettaljati matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 se jinvolvi approċċ strateġiku għall-ipprogrammar tar-riċerka, bl-użu ta' modi ta' governanza li jallinjaw mill-qrib mal-iżvilupp tal-politika iżda li jaqsmu l-politiki settorjali tradizzjonali. Dan ikun imsejjes fuq evidenza soda, analiżi u antiċipazzjoni, bi progress li jitkejjel permezz ta' sett robust ta' indikaturi tal-prestazzjoni. Dan l-approċċ trasversali għall-ipprogrammar u l-governanza se jippermetti koordinazzjoni effettiva bejn l-objettivi speċifiċi kollha tal-Orizzont 2020 u se jkun possibbli li jiġu indirizzati l-isfidi li jolqtuhom, bħal pereżempju is-sostenibbiltà, it-tibdil fil-klima jew ix-xjenzi u t-teknoloġiji tal-baħar.

L-iffissar tal-prijoritajiet bl-istess mod se jkun imsejjes fuq firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet u pariri. Se jinkludi, fejn xieraq, gruppi ta’ esperti indipendenti mwaqqfa speċifikament biex

jagħtu parir dwar l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 jew kwalunkwe objettiv speċifiku tiegħu. Dawn l-gruppi ta' esperti għandhom juru l-livell xieraq ta' kompetenza u għarfien fl-oqsma koperti u varjetà ta' sfondi professjonali, inklużi l-industrija u l-involviment tas-soċjetà ċivili.

L-iffissar ta' prijoritajiet jista' wkoll iqis l-aġendi ta' riċerka strateġika tal-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija jew il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni. Fejn xieraq, is-sħubijiet pubbliċi pubbliċi u s-sħubijiet privati pubbliċi appoġġati permezz tal-Orizzont 2020 se jikkontribwixxu wkoll lill-proċess ta' stabbiliment tal-prijoritajiet lill-implimentazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Orizzont 2020. L-interazzjonijiet regolari maċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' metodoloġiji xierqa bħal konferenzi ta' kunsens, valutazzjoni parteċipatorji tat-teknoloġija jew impenn dirett fil-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, se jkunu wkoll il-pedament tal-proċess tal-iffissar tal-prijoritajiet.

Peress li Orizzont 2020 huwa programm għal seba' snin, il-kuntest ekonomku, tas-soċjetà u dak politiku li fih se jopera jista' jinbidel b'mod sinifikanti matul il-ħajja tiegħu. Għandu jkun possibbli għall-Orizzont 2020 li jadatta għal dawn il-bidliet. Għaldaqstant taħt kull wieħed mill-objettivi speċifiċi, se jkun hemm il-possibbiltà li jinkludu appoġġ għal attivitajiet lil hinn mid-deskrizzjonijiet stipulati hawn taħt, fejn dan huwa ġġustifikat b'mod dovut biex jiġu indirizzati żviluppi ewlenin, ħtiġijiet tal-politika jew ġrajjiet mhux imbassra.

### 1.2. Xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi

Ir-riċerka fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi se jiġu integrati bis-sħiħ f'kull wieħed mill-objettivi ġenerali tal-Orizzont 2020. Dan se jinkludi bosta opportunitajiet ta' appoġġ għal din ir-riċerka permezz tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-azzjonijiet Marie Curie jew l-objettiv speċifiku tal-Infrastrutturi ta' Riċerka .

Ix-xjenzi u l-istudji umanistiċi huma wkoll inklużi bħala element essenzjali tal-attivitajiet meħtieġa biex jiġu indirizzati kull waħda mill-isfidi tas-soċjetà biex jitjieb l-impatt tagħhom. Dawn jinkludu: fehim tad-determinanti għas-saħħa u ottimizzazzjoni tal-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, appoġġ lill-politiki li jagħtu setgħa liż-żoni rurali u jippromwovu għażliet informati tal-konsumatur, teħid robust tad-deċiżjonijiet dwar il-politika tal-enerġija u fl-iżgurar ta' grilja Ewropea tal-elettrika favur il-konsumatur, politika u tbassir għat-trasport ibbażati fuq evidenza ta' sostenn, appoġġ għal strateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, inizjattivi ta' użu effiċjenti tar-riżorsi u miżuri lejn ekonomija ekoloġika u sostenibbli.

Barra minn hekk, l-objettiv speċifiku ta' "Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri" se jappoġġa r-riċerka fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi fi kwistjonijiet ta' natura orizzontali bħall-ħolqien ta' tkabbir intelliġenti u sostenibbli, it-trasformazzjonijiet soċjali fis-soċjetajiet Ewropej, l-innovazzjoni soċjali, l-innovazzjoni fis-settur pubbliku jew l-pożizzjoni tal-Ewropa bħala attur globali.

### 1.3. Impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

Orizzont 2020 se jinkoraġġixxi u jappoġġa l-parteċipazzjoni tal-SMEs b'mod integrat fost l-objettivi speċifiċi kollha.

Skont l-Artikolu 18 ta' Orizzont 2020, miżuri dedikati kif stabbiliti fl-objettiv speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs" (strument iddedikat lill-SMEs ) għandhom jiġu applikati fl-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali" u l-Parti "Sfidi tas-soċjetà ". Dan l-approċċ integrat huwa mistenni li jwassal għal madwar 15 % tal-baġits totali kkombinati tagħhom li jmorru indirizzat lill-SMEs.

## 1.4. Aċċess għal finanzjament ta' riskju

Orizzont 2020 se jgħin lill-kumpaniji u tipi oħrajn ta' organizzazzjoni jiksbu aċċess għal self, garanziji u finanzjament ta' ekwità permezz ta' żewġ faċilitajiet.

Faċilità ta' dejn se tipprovdi self lil benefiċjarji uniċi għal investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni; garanziji lill-benefiċjarji finanzjarji li jagħmlu self lil benefiċjarji; kombinazzjonijiet ta'self u garanziji, u garanziji jew kontrogaranziji għal skemi nazzjonali u reġjonali ta' finanzjament tad-dejn. Din se tkun tieqa għall-SMEs li timmira għall-SMEs xprunati mir-R&I b'ammonti ta' self li jikkumplimentaw il-finanzjament lill-SMEs mill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs.

Din il-faċlità ta' ekwità se tipprovdi kapital ta' riskju u/jew mezzanin lil impriżi individwali fl-istadju bikri (tieqa għal start ups). Il-faċilità se jkollha wkoll il-possibbiltà li investimenti ta' stadju ta' espanjoni u tkabbir flimkien mal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-SMEs, inkluż fil-fondi tal-fondi.

Dawn il-faċilitajiet se jkunu ċentrali għall-objettiv speċifiku "Aċċess għal finanzjament ta' riskju" iżda, fejn rilevanti, jistgħu jintużaw ukoll fost l-objettivi speċifiċi oħrajn kollha tal-Orizzont 2020.

Il-faċilità ta' ekwità u t-tieqa tal-SMEs tal-faċilità ta' dejn se jkunu implimentati bħala pari minn żewġ Strumenti Finanzjarji tal-UE li jipprovdu ekwità u dejn bħala appoġġ lir-R&I u tkabbir tal-SMES, flimkien mal-faċilitajiet ta' ekwità u dejn taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs.

## 1.5. Komunikazzjoni u disseminazzjoni

Valur miżjud ewlieni tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati fil-livell tal-Unjoni huwa l-possibbiltà li jiġu ddisseminati u kkomunikati r-riżultati fuq livell kontinentali biex jissaħħaħ l-impatt tagħhom. Għaldaqstant Orizzont 2020 se jinkludi, taħt l-objettivi speċifiċi kollha tiegħu, appoġġ dedikat għal disseminazzjoni (inkluż permezz ta' aċċess miftuħ għal riżultati tar-riċerka), azzjonijiet ta' komunikazzjoni u djalogu, b'enfasi b'saħħitha fuq il-komunikazzjoni tar-riżultati lill-utenti aħħarin, ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika. Għal dan il-għan, Orizzont 2020 jista' jagħmel użu minn netwerks stabbiliti għat-trasferiment tal-informazzjoni. Attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa fil-kuntest tal-Orizzont 2020 se jippruvaw iżidu wkoll il-kuxjenza pubblika dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' pubblikazzjonijiet, avvenimenti, maħżna ta' għarfien, bażi tad-dejta, siti tal-internet jew użu mmirat tal-midja soċjali.

# 2. KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Kooperazzjoni internazzjonali mal-imsieħba f'pajjiżi terzi hija meħtieġa sabiex tindirizza effettivament bosta objettivi speċifiċi ddefiniti f'Orizzont 2020, partikolarment dawk relatati mal-politiki esterni u impenji internazzjonali tal-Unjoni. Dan huwa l-każ għal sfidi kollha tas-

soċjetà indirizzati mill-Orizzont 2020, li huma ta' natura globali. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija wkoll essenzjali għal riċerka fil-fruntiera tal-għarfien u dik bażika biex jinkisbu l-benefiċċji minn opportunitajiet tax-xjenza u t-teknoloġija emerġenti. Għaldaqstant, li jiġu promossi riċerkaturi u mobbiltà ta' persunal marbut mal-innovazzjoni fuq skala internazzjonali huwa kruċjali biex tissaħħaħ din il-koperazzjoni globali. Attivitajiet fuq livell internazzjonali huma ugwalment importanti għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea billi jippromwovu l-użu u n-negozjar ta' teknoloġiji ġodda, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta’ standards mad-dinja kollha u linji gwida dwar l-interoperabbiltà, u bil-promozzjoni tal-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet Ewropej barra mill-Ewropa.

L-enfasi tal-kooperazzjoni internazzjonali f’Orizzont 2020 se tkun fuq kooperazzjoni bi tliet gruppi ewleni ta' pajjiżi

(1) ekonomiji industrijalizzati u emerġenti;

(2) pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat; kif ukoll

(3) pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

Fejn xieraq, Orizzont 2020 se jippromwovi l-kooperazzjoni fuq livell reġjonali jew multilaterali. Kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni hija aspett ewlieni tal-impenji globali tal-Unjoni u għandha rwol importanti x'taqdi fis-sħubija tal-Unjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħall-progress lejn il-kisba tal-Objettivi ta' Żvilupp tal-Millennju.

L-Artikolu 21 tal-Orizzont 2020 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta’ organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Peress li r-riċerka u l-innovazzjoni ġeneralment, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jibbenefikaw minn ftuħ lejn pajjiżi terzi, Orizzont 2020 se jkompli mal-prinċipju tal-ftuħ ġenerali, filwaqt li jinkoraġġixxi l-aċċess reċiproku għall-programmi tal-pajjiżi terzi. Għal għadd ta' oqsma, madankollu, approċċ aktar kawt jista' jkun irrakkomandat sabiex jiġi ssalvagwardjat l-interess Ewropew.

Barra minn hekk, firxa ta’ azzjonijiet immirati se jiġu implimentatii billi jittieħed approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali abbażi ta' interess komuni u benefiċċju reċiproku u l-promozzjoni tal-koordinazzjoni u sinerġiji ma' attivitajiet tal-Istati Membri. Dan se jinkludi mekkaniżmu ta' appoġġ għal sejħiet konġunti u l-possibbiltà ta' programmi ta' kofinanzjament flimkien ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Eżempji ta' oqsma fejn tali kooperazzjoni internazzjonali strateġika tista' tiġi żviluppata huma:

(a) Il-kontinwazzjoni ta' *Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw* (EDCTP2) dwar provi kliniċi għal interventi mediċi kontra l-HIV, il-malarja u t-tuberkolożi;

(b) Appoġġ permezz tal-*Programm tal-Fruntiera tax-Xjenza Umana* (HSFP) sabiex Stati Membri tal-Unjoni li mhumiex pari mill-G7 ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-finanzjament ipprovdut mill-HSFP;

(c) Konsorzju internazzjonali dwar mard rari, ma' għadd ta' Stati Membri tal-Unjoni u pajjiżi terzi. L-għan ta’ din l-inizjattiva huwa li sal-2020 jiġu żviluppati testijiet dijanjostiċi għal ħafna mard rari u 200 terapija ġdida għal mard rari;

(d) Appoġġ lill-attivitajiet tal-Forum Internazzjonali dwar il-Bijoekonomija Bbażata fuq l-Għarfien u t-*Task Force* bejn l-UE-Stati Uniti dwar ir-Riċerka tal-Bijoteknoloġija kif ukoll rabtiet ta' kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet u inizjattivi internazzjonali rilevanti (bħall-alleanzi globali tar-riċerka dwar il-gassijiet serra agrikoli u dwar is-saħħa tal-annimali);

(e) Kontribuzzjoni lill-*proċessi u l-inizjattivi multilaterali* , bħall-proċessi tal-Bord Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Pjattaforma Intergovernattiva dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES), u l-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO);

(f) Id-*Djalogi dwar l-Ispazju* bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Russja, iż-żewġ pajjiżi ewlenin b'attivitajiet fl-ispazju, huma estremament importanti u jifformuw l-bażi għall-istabbiliment tas-sħubijiet ta' kooperazzjoni strateġika fl-ispazju bħall-Istazzjon Spazjali Internazzjonali jew mezzi għal-illanċjar, u l-kollaborazzjoni fi proġetti RTD spazjali mill-aktar .

## 3. KUMPLIMENTARJETAJIET U AZZJONIJIET TRASVERSALI

Orizzont 2020 huwa strutturat madwar l-objettivi ddefiniti għat-tliet partijiet tagħha: il-ġenerazzjoni ta' xjenza eċċellenti, il-ħolqien ta' tmexxija industrijali u l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà. Se tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata koordinazzjoni adegwata bejn dawn il-partijiet u l-isfruttar sħiħ tas-sinerġiji iġġenerati bejn l-objettivi speċifiċi kollha li jimmassimizzaw l-impatt kumplessiv tagħhom fuq l-objettivi ta’ politika tal-Unjoni ta' livell ogħla. Għaldaqstant l-objettivi tal-Orizzont 2020 se jiġu indirizzati permezz ta' enfasi b'saħħitha fuq is-sejba ta' soluzzjonijiet effiċjenti, li tmur lil hinn sew minn approċċ ibbażat sempliċement fuq dixxiplini xjentifiċi u teknoloġiċi u setturi ekonomiċi tradizzjonali.

Azzjonijiet trasversali se jiġu promossi bejn il-Parti dwar ix-"Xjenza Eċċellenti" u l-isfidi għas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali sabiex b'mod konġunt, jiżviluppaw għarfien ġdid, teknoloġiji futuri u emerġenti, infrastrutturi tar-riċerka u kompetenzi ewlenin. L-infrastrutturi tar-riċerka se jkunu wkoll promossi għal użu usa’ fis-soċjetà, pereżempju fis-servizzi pubbliċi, għall-promozzjoni tax-xjenza, is-sigurtà ċivili u l-kultura. Barra minn hekk, l-iffissar tal-prijoritajiet matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka u l-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se jkunu ikkoordinati adegwament ma’ partijiet oħra tal-Orizzont 2020.

Barra minn hekk, f'ħafna każijiet, kontribuzzjoni effettiva lill-objettivi ta' Ewropa 2020 u l-Unjoni tal-Innovazzjoni se tesiġi li jiġu żviluppati soluzzjonijiet li huma interdixxiplinari fin-natura tagħhom u għalhekk jolqtu bosta objettivi speċifiċi tal-Orizzont 2020. Se tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli. Il-ġens għandu jiġi indirizzat bħala kwistjoni trasversali sabiex jirrettifika l-iżbilanċi bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiġi integrata dimensjoni tas-sessi fl-ipprogrammar u kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni. Orizzont 2020 jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jinċentiva tali azzjonijiet trasversali, inkluż permezz ta' raggruppament effiċjenti tal-baġits. Pereżempju, dan jinkludi wkoll il-possibilità għal sfidi tas-soċjetà u teknoloġiji abilitanti u industrijali li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet għal strumenti finanzjarji u l-istrument iddedikat għall-SMEs.

Azzjoni trasversali se tkun wkoll vitali fl-istimular tal-interazzjonijiet bejn sfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali meħtieġa biex jiġġeneraw kisbiet teknoloġiċi ewlenin.

Eżempji ta' fejn dawn l-interazzjonijiet jistgħu jiġu żviluppati huma: l-isfera tas-saħħa elettronika, il-grilji intelliġenti, is-sistemi intelliġenti tat-trasport, l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi, in-nanomediċina, il-materjali avvanzati għal vetturi ħfief jew l-iżvilupp ta' proċessi industrijali u prodotti b'bażi bijoloġika. Għaldaqstant se jiġu mrawma sinerġiji b'saħħithom bejn sfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti u industrijali ġeneriċi. Dan se jitqies espliċitament fl-iżvilupp ta' strateġiji multiannwali u l-iffissar tal-prijoritajiet għal kull wieħed minn dawn l-objettivi speċifiċi. Dan se jesiġi li l-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-perspettivi differenti huma involuti bis-sħiħ fl-implimentazzjoni u f'ħafna każijiet, jeħtieġu wkoll azzjonijiet li jiġbru flimkien il-finanzjament minn teknoloġiji abilitanti u industrijali u l-isfidi tas-soċjetà kkonċernati.

Se tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-koordinazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati permezz ta' Orizzont 2020 ma' dawk appoġġati taħt programmi ta' finanzjament oħrajn tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd jew l-Erasmus għal Kulħadd: il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażagħ u Sport jew il-Programm Saħħa għat-Tkabbir. Din tinkludi artikolazzjoni xierqa mal-fondi ta' politika ta' Koeżjoni, fejn l-appoġġ għall-bini ta' kapaċità għar-riċerka u innovazzjoni fuq livell reġjonali jista' jaġixxi bħala 'taraġ lejn l-eċċellenza', l-istabbilimenti ta' ċentri reġjonali ta' eċċellenza jistgħu jgħinu biex tonqos id-differenza fl-innovazzjoni ġewwa l-Ewropa jew fl-appoġġ għall-proġetti ta' dimostrazzjoni u linja pilota fuq skala kbira jista' jgħin fil-kisba tal-objettiv tal-ġenerazzjoni ta' tmexxija industrijali ġewwa l-Ewropa.

## 4. SĦUBIJA

Sabiex jintlaħaq tkabbir sostenibbli fl-Ewropa, il-kontribuzzjoni tal-atturi pubbliċi u privati għandha tiġi ottimizzata. Dan huwa essenzjali biex tiġi kkonsolidata ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għat-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni ta' Innovazzjoni, l-Aġenda Diġitali u inizjattivi ewlenin oħrajn tal-Ewropa 2020. Barra minn hekk, riċerka u innovazzjoni responsabbli jesiġu li l-aħjar soluzzjonijiet jiġu derivati minn interazzjonijiet bejn l-imsieħba li għandhom diversi perspettivi iżda interessi komuni.

Orizzont 2020 jinkludi ambitu u sett ċar ta' kriterji għall-istabbiliment ta' sħubijiet pubbliċi pubbliċi u dawk privati pubbliċi. Sħubijiet privati pubbliċi jistgħu jkunu bbażati fuq arranġament kuntrattwali bejn atturi pubbliċi u privati u jistgħu, f'każijiet limitati, jkunu sħubijiet privati pubbliċi istituzzjonalizzati (bħal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti u Impriżi Konġunti oħrajn).

Sħubijiet pubbliċi pubbliċi u dawk privati pubbliċi eżistenti jistgħu jirċievu appoġġ minn Orizzont 2020, sakemm dawn jindirizzaw l-objettivi ta' Orizzont 2020, jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'Orizzont 2020 u juru li għamlu progress sinifikanti taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u d-Dimostrazzjoni (FP7).

Inizjattivi skont l-Artikolu 185 tat-Trattat appoġġati fl-ambitu tal-FP6 u/jew FP7 li għalihom jista' jiġi pprovdut appoġġ ulterjuri skont il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq jinkludu: is-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP), Għajxien Megħjun Kontestwalment (AAL), il-Programm ta' Riċerka u Żvilupp dwar il-Baħar Baltiku (BONUS), Eurostars u tl-Programm Ewropew għar-Riċerka tal-Metroloġija. Aktar appoġġ jista' jiġi pprovdut lill-Alleanza Ewropea għar-Riċerka dwar l-Enerġija (EERA) stabbilita taħt il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET).

Impriża Konġunta stabbilita fl-FP7 taħt l-Artikolu 187 tat-Trattat, li għaliha jista' jiġi pprovdut appoġġ ulterjuri skont il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq huma: l-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (IMI), Clean Sky, Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH), u Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter (ARTEMIS) u n-Nanoelettronika (ENIAC). L-aħħar tnejn jistgħu jiġu kkombinati f'inizjattiva unika.

Sħubiji privati pubbliċi oħrajn appoġġati taħt l-FP7 li għalihom jista' jiġi pprovdut appoġġ ulterjuri skont il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq huma: Fabbriki tal-futur, Bini Effiċjenti fl-Enerġija, l-Inizjattiva Ewropea tal-Karozzi Ekoloġiċi, l-Internet Futur. Aktar appoġġ jista' jiġi pprovdut ukoll lill-Inizjattivi Industrijali Ewropej (EIIs) stabbiliti taħt il-Pjan SET.

Aktar sħubijiet pubbliċi pubbliċi u sħubijiet privati pubbliċi jistgħu jiġu varati taħt l-inizjattiva Orizzont 2020 meta jissodisfaw kriterji ddefiniti. Dan jista' jinkludi sħubijiet dwar Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fl-oqsma il-Fotonika u Robotika, dwar l-industriji tal-ipproċessar sostenibbli, dwar l-industriji b'bażi bijoloġika u dwar it- teknoloġiji tas-sigurtà għas-sorveljanza tal-fruntieri marittimi.

# Parti I

## Xjenza Eċċellenti

### 1. KUNSILL EWROPEW GĦAR-RIĊERKA

Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (l-ERC) se jippromwovi l-aħjar riċerka fil-fruntieri tal-għarfien. Ir-riċerka fil-fruntieri u lil hinn mill-fehim kurrenti hija ta' importanza kritika għall-benessri ekonomiku u soċjali, u inizjattiva intrinsikament riskjuża, li tavvanza f'oqsma ġodda ta' riċerka u li joffru l-akbar sfida u kkaratterizzata mill-assenza ta' konfini dixxiplinari.

Sabiex jiġu stimulati avvanzi sostanzjali fil-fruntieri tal-għarfien, l-ERC se jappoġġa lill-gruppi individwali sabiex iwettqu riċerka fi kwalunkwe qasam tar-riċerka xjentifika u teknoloġika bażika li taqa' fl-ambitu tal-Orizzont 2020, inklużi l-inġinerija, ix-xjenzi soċjoekonomiċi u l-istudji umanistiċi. Kif xieraq, is-suġġetti ta' riċerka jew il-gruppi ta' mira speċifiċi (pereżempju riċerkaturi tal-ġenerazzjoni ġdida/timijiet emerġenti) jistgħu jitqiesu, li jsegwu objettivi tal-programm u l-ħtiġijiet għall-implimentazzjoni effiċjenti. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma emerġenti u li qed jikbru b'rata mgħaġġla fil-fruntiera tal-għarfien, u fl-interfaċċja bejn id-dixxiplini.

Riċerkaturi indipendenti ta' kwalunkwe età, inklużi r-riċerkaturi li għadhom jibdew, li jagħmlu t-tranżizzjoni sabiex ikunu mexxejja indipendenti tar-riċerka bil-ħila tagħhom, minn kwalukwe pajjiż fid-dinja għandhom ikunu appoġġati sabiex iwettqu r-riċerka tagħhom fl-Ewropa.

Se jiġi segwit l-approċċ investigattiv . Dan ifisser illi l-programm għandu jappoġġa l-proġetti mwettqa mir-riċerkaturi dwar suġġetti tal-għażla tagħhom fl-ambitu tas-sejħa għall-proposti. Il-proposti se jiġu evalwati skont il-kriterju uniku ta' eċċellenza kif ġudikat minn analiżi *inter pares*, filwaqt li titqies l-eċċellenza fit-timijiet ġodda, riċerkaturi tal-ġenerazzjoni li jmiss, kif ukoll gruppi stabbiliti, u b'attenzjoni partikolari għall-proposti ferm pijuneristiċi u li korrispondentement jinvolvu riskji xjentifiċi għolja.

L-ERC se jopera bħala korp ta' finanzjament immexxi mix-xjenza magħmul minn Kunsill Xjentifiku indipendenti, appoġġat minn struttura ddedikata għall-implimentazzjoni li hija ħafifa u kosteffettiva.

Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC jistabbilixxi l-istrateġija xjentifika globali u se jkollu l-awtorità sħiħa fuq deċiżjonijiet dwar it-tip ta' riċerka li se tiġi ffinanzjata.

Il-Kunsill Xjentifiku se jistabbilixxi l-programm ta' ħidma biex jintlaħqu l-objettivi tal-ERC bbażati fuq l-istrateġija xjentifika tiegħu kif deskritt hawn taħt. Dan għandu jistabbilixxi l-inizjattivi ta' kooperazzjoni internazzjonali meħtieġa skont l-istrateġija xjentifika tiegħu, inklużi l-attivitajiet ta' komunikazzjoni sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-ERC għall-aħjar riċerkaturi minn madwar id-dinja.

Il-Kunsill Xjentifiku se josserva kontinwament l-operazzjoni tal-iskemi ta' finanzjament tal-ERC u jikkunsidra kif l-aħjar jikseb l-objettivi usa' tiegħu. Dan se jiżviluppa t-taħlita tal-ERC ta' miżuri ta' appoġġ kif meħtieġ sabiex jirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti.

L-ERC se jimmira għall-eċċellenza fl-operazzjonijiet tiegħu stess. L-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal għall-ERC fir-rigward tal-Kunsill Xjentifiku u l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata għandhom ikunu konsistenti ma' ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva. In-nefqa amministrattiva se tinżamm baxxa kemm jista' jkun, konsistenti mal-iżgurar tal-aħjar implimentazzjoni possibbli tar-riżorsi neċessarji, sabiex jiġi mmassimizzat il-finanzjament tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien.

Se jkun hemm premjijiet tal-ERC u l-għotijiet jingħataw skont proċeduri sempliċi sabiex tinżamm l-attenzjoni fuq l-eċċellenza, l-inkoraġġiment ta' inizjattiva u l-kombinazzjoni tal-flessibiltà mar-responsabbiltà. L-ERC għandu jħares kontinwament lejn modi ulterjuri sabiex jissimplifika u jtejjeb il-proċeduri sabiex ikun żgurat li dawn il-prinċipji jiġu sodisfatti.

Minħabba l-istruttura unika u r-rwol tal-ERC bħala korp tal-finanzjament immexxi mix-xjenza, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-ERC għandhom jiġu riveduti u evalwati fuq bażi kontinwa bl-involviment sħiħ tal-Kunsill Xjentifiku sabiex jevalwa l-kisbiet tiegħu u jaġġusta u jtejjeb il-proċeduri u l-istrutturi abbażi tal-esperjenza.

## 1.1. Il-Kunsill Xjentifiku

Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, kif stipulat fl-Artikolu 7, il-Kunsill Xjentifiku se:

(1) Strateġija xjentifika:

- jistabbilixxi l-istrateġija xjentifika globali għall-ERC, fid-dawl tal-opportunitajiet xjentifiċi u l-ħtiġijiet xjentifiċi Ewropej;
- jiżgura fuq bażi permanenti, skont l-istrateġija xjentifika, l-istabbiliment tal-programm ta' ħidma u l-modifiki neċessarji, inklużi l-iskemi ta' finanzjament, is-sejħiet għall-proposti u l-kriterji u, skont il-ħtieġa, id-definizzjoni ta' suġġetti speċifiċi jew gruppi ta' mira (pereżempju timijiet li għadhom jibdew/emerġenti);

(2) Ġestjoni, monitoraġġ u kontroll tal-kwalità xjentifiċi, :

- jistabbilixxi, kif xieraq, minn perspettiva xjentifika, pożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tas-sejħiet għall-proposti, il-kriterji ta' evalwazzjoni, il-proċessi ta' analiżi *inter pares* inklużi l-għażla tal-esperti, il-metodi tal-analiżi *inter pares* u l-evalwazzjoni tal-proposta u r-regoli ta' implimentazzjoni u linji gwida neċessarji li, abbażi tagħhom, il-proposta li għandha tiġi ffinanzjata tiġi determinata taħt is-superviżjoni tal-Kunsill Xjentifiku; kif ukoll kwalunwke kwistjoni oħra li taffettwa l-kisbiet u l-impatt tal-attivitajiet tal-ERC, u l-kwalità tar-riċerka mwettqa, inklużi d-dispożizzjonijiet prinċipali tal-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja tal-ERC;
- jimmonitorja l-kwalità tal-operazzjonijiet u jevalwa l-implimentazzjoni u l-kisbiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-azzjonijiet ta' korrezzjoni jew futuri.

(3) Komunikazzjoni u disseminazzjoni:

- jiżgura l-komunikazzjoni mal-komunità xjentifika u partijiet interessati ewlenin interessati dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tal-ERC;
- jirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tiegħu.

Il-Kunsill Xjentifiku għandu l-awtorità sħiħa fuq deċiżjonijiet dwar it-tip ta' riċerka li għandha tiġi ffinanzjata u huwa l-garanti tal-kwalità tal-attività mill-perspettiva xjentifika.

Fejn ikun xieraq, il-Kunsill Xjentifiku għandu jikkonsulta mal-Komunità xjentifika, tal-inġinerija u akkademika.

Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku għandhom ikunu kkumpensati tal-kompiti li huma jwettqu permezz ta' onorarja u, fejn xieraq, ir-rimborż tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-manteniment.

Il-President tal-ERC se jirrisjedi ġewwa Brussel għat-tul ta' żmien tal-ħatra u jiddedika l-biċċa l-kbira tal-ħin tiegħu/tagħha[17] lill-ħidma tal-ERC. Hu/hi se j/tkun irrimunerat f'livell kumparabbli mal-maniġment għoli tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill Xjentifiku għandu jeleġġi minn fost il-membri tiegħu tliet Viċi-Presidenti li għandhom jassistu lill-President fir-rappreżentanza tiegħu u fl-organizzazzjoni tal-ħidma tiegħu. Iż-żewġ Viċi-Presidenti jista' jkollhom ukoll t-titlu ta' Viċi-President tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka.

Se jiġi pprovdut appoġġ lit-tliet Viċi President sabiex tiġi żgurata assistenza amministrattiva lokali adegwata fl-istituti ta' oriġini tagħhom.

## 1.2. Struttura ddedikata għall-implimentazzjoni

L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tkun responsabbli għall-aspetti kollha tal-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-programm, kif previst fil-progamm ta' ħidma. Din se timplimenta, b'mod partikolari, il-proċedura ta' evalwazzjoni, l-analiżi *inter pares* u l-proċess tal-għażla skont l-istrateġija stabbilita mill-Kunsill Xjentifiku u għandha tiżgura l-ġestjoni finanzjarja u xjentifika tal-għotjiet.

L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tappoġġa l-Kunsill Xjentifiku fit-twettiq tal-kompiti kollha tiegħu stipulati hawn fuq, tipprovdi aċċess għad-dokumenti neċessarji u d-dejta fil-pussess tagħha, u żżomm lill-Kunsill Xjentifiku infurmat dwar l-attivitajiet tagħha.

Sabiex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva mal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni dwar kwistjonijiet ta' strateġija u operattivi, it-tmexxija tal-Kunsill Xjentifiku u d-Direttur tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandhom iżommu laqgħat regolari ta' koordinazzjoni.

Il-ġestjoni tal-ERC se titwettaq minn persunal reklutat għal dak l-għan, inklużi, fejn meħtieġ, uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE u se tkopri biss il-ħtiġijiet amministrattivi reali sabiex tiġi żgurata l-istabbilità u l-kontinwità neċessarji għal amministrazzjoni effettiva.

## 1.3. Rwol tal-Kummissjoni

Sabiex jiġu ssodisfati r-responsabbilitajiet tagħha, kif stabbiliti fl-Artikoli 6,7 u 8 il-Kummissjoni għandha:

– taħtar il-President tal-ERC, tiżgura l-kontinwità u t-tiġdid tal-Kunsill Xjentifiku u tipprovdu appoġġ għal Kumitat ta' Identifikazzjoni permanenti għall-identifikazzjoni tal-membri futuri tal-Kunsill Xjentifiku;

[17] Fil-prinċipju mill-inqas 80%

– tiżgura l-kontinwità tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni u d-delega ta' kompiti u responsabbilitajiet għaliha, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku;

– taħtar id-Direttur u l-Persunal Superjuri tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku;

– tiżgura l-adozzjoni f'waqtha tal-programm ta' ħidma, il-pożizzjonijiet fir-rigward tal-metodoloġija ta' implimentazzjoni u r-regoli neċessarji ta' implimentazzjoni kif previst fir-Regoli ta' Sottomissjoni tal-ERC u l-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja tal-ERC, filwaqt li jitqiesu l-pożizzjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku;

– tinforma b'mod regolari l-kumitat tal-programm dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC;

## 2. TEKNOLOĠIJI FUTURI U EMERĠENTI

L-attivitajiet tat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) se jikkonkrettizzaw it-tipi differenti ta' loġika ta' intervent, minn dik kompletament miftuħa għal dik ta' gradi li jvarjaw ta' strutturar ta' suġġetti, komunitajiet u finanzjament, strutturati madwar tliet pilastri:

### 2.1. FET Miftuħin: trawwim ta' ideat ġodda

L-appoġġ għal sett kbir ta' proġetti ta' riċerka kollaborattiva embrijoniċi, ta' xjenza u tekonoloġija viżjonarja b'riskju għoli huwa neċessarju għall-esplorazzjoni ta' suċċess ta' sisien ġodda għal teknoloġiji futuri radikalment ġodda. Billi tkun espliċitament mhux topika u mhux preskritta, din l-attività tippermetti ideat ġodda kull meta dawn jitfaċċaw u minn kull fejn jiġu, fi ħdan l-ispettru usa' ta' temi u dixxiplini. It-trawwim ta' tali ideat fraġli jesiġi approċċ ta' riċerka veloċi, li jipproteġi mir-riskju u b'interdixxiplinarjetà għolja, li jmur lil hinn sew mill-isferi stretti tat-teknoloġija. L-attirar u l-istimular tal-parteċipazzjoni ta' atturi ġodda b'potenzjal għoli fir-riċerka u l-innovazzjoni, bħal pereżempju riċerkaturi żgħażagħ u SMEs b'teknoloġija għolja huma wkoll importanti għat-trawwim ta' mexxejja xjentifiċi u industrijali tal-futur.

### 2.2. FET Proattivi: trawwim ta' temi u komunitajiet emerġenti

Oqsma u temi ġodda jeħtieġu li jiġu mmaturati, permezz tal-ħidma lejn l-istrutturar ta' komunitajiet emerġenti u l-appoġġ għat-tfassil u żvilupp ta' temi trasformattivi ta' riċerka. Il-benefiċċji prinċipali ta' dan l-approċċ ta' strutturar, iżda esplorattiv, huma l-oqsma emerġenti ġodda li għadhom mhux lesti għall-inklużjoni fil-pjan direzzjonali tar-riċerka industrijali, u l-bini u l-istrutturar ta' komunitajiet ta' riċerka madwarhom. Dan iwettaq il-pass minn kollaborazzjonijiet bejn għadd żgħir ta' riċerkaturi, għal raggruppament ta' proġetti li kull wieħed minnhom jindirizza aspetti ta' tema ta' riċerka u jaqsam ir-riżultati.

### 2.3. FET Ewlenin: l-indirizzar tal-isfidi kbar tax-xjenza u t-teknoloġija interdixxiplinari

L-inizjattivi ta' riċerka fi ħdan l-isfida huma mmexxija mix-xjenza, fuq skala kbira, multidixxiplinari u msejsa fuq objettiv viżjonarju li jgħaqqad. Dawn jindirrizzaw l-isfidi l-kbar tax-xjenza u teknoloġija li jesiġu kooperazzjoni fost firxa ta' dixxiplini, komunitajiet u

programmi. Il-progress xjentifiku għandu jipprovdi bażi soda u wiesgħa għall-innovazzjoni teknoloġika futura u sfruttar ekonomiku, kif ukoll benefiċċji ġodda għas-soċjetà. In-natura u d-daqs ġenerali jimplikaw li jistgħu biss jiġu realizzati permezz ta' sforz unit u sostnut (fl-ordni ta' terminu ta' 10 snin).

L-attivitajiet fit-tliet pilastri tal-FET huma kkumpementati minn firxa wiesgħa ta' netwerking u attivitajiet ibbażati fuq il-komunità għall-ħolqien ta' bażi Ewropea fertili u vibranti għal riċerka mmexxija mix-xjenza lejn teknoloġiji futuri. Dawn għandhom jappoġġaw l-iżviluppi futuri tal-attivitajiet tal-FET, irawwmu d-dibattitu dwar l-implikazzjonijiet ta' teknoloġiji ġodda, u jaċċelleraw l-impatt.

## 2.4. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

Bord Konsultattiv tal-FET għandu jipprovdi l-kontribuzzjoni tal-partijiet interessati dwar l-istrateġija xjentifika globali, inkluża d-definizzjoni tal-programm ta' ħidma.

L-FET se jkomplu jkunu mmexxija mix-xjenza appoġġati minn struttura ta' implimentazzjoni ħafifa u effiċjenti. Proċeduri amministrattivi sempliċi se jiġu adottati sabiex iżommu l-iffukar fuq l-eċċellenza fl-innovazzjoni teknoloġika mmexxija mix-xjenza, jinkoraġixxu l-inizjattiva u jikkombinaw il-flessibiltà mar-responsabbiltà. L-aktar approċċi xierqa se jintużaw biex jiġi eżaminat ix-xenarju tar-riċerka (pereżempju, għal analiżi tal-portafoll) u biex jinvolvu komunitajiet ta' partijiet interessati (pereżempju, għall-konsultazzjonijiet). L-għan se jkun it-titjib kontinwu, u t-tiftixa għal modi ulterjuri biex jiġu ssimplifikati u mtejba proċeduri sabiex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji huma ssodisfati. Se jitwettqu valutazzjoniet tal-effettività u l-impatt tal-attivitajiet FET, li jikkumplimentaw dawk fuq livell ta' programm.

Minħabba l-missjoni tagħhom ta' trawwim ta' riċerka mmexxija mix-xjenza lejn teknoloġiji futuri, l-FET jippruvaw jiġbru flimkien l-atturi mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. L-FET għandhom għalhekk ikollhom rwol attiv u katalittiku fl-istimular ta' mentalità ġdida, prattiki ġodda u kollaborazzjonijiet ġodda.

Attivitajiet tal-gruppi tal-FET miftuħa għat-tiftix komplet minn isfel għal fuq għal ideat ġodda promettenti. Ir-riskju għoli implikat minn tali idea huwa ribattut permezz tal-esplorazzjoni ta' ħafna minnhom. L-effiċjenza f'termini ta' ħin u riżorsi, l-ispiża baxxa tal-opportunità għall-proponenti, u l-ftuħ mhux disputat għall-ideat mhux konvenzjonali u interdixxiplinari huma l-karatteristiċi prinċipali ta' dawn l-attivitajiet. Skemi ta' sottomissjoni ħfief u rapidi u kontinwament miftuħin se jfittxu ideat ġodda ta' riċerka promettenti b'riskju għoli u se jinkludu binarji għal atturi tal-innovazzjoni ġodda u b'potenzjal qawwi, bħal pereżempju riċerkaturi żgħażagħ u SMEs b'teknoloġija avvanzata. Dan se jiġi kkumplimentat b'attivitajiet li jistimulaw, b'mod attiv, ħsieb kreattiv lil hinn mill-konvenzjoni.

FET proattivi: din l-attività regolarment tiftaħ sejħiet dwar diversi temi b'riskju għoli u b'potenzjal innovattiv qawwi, iffinanzjati f'tali livell li jistgħu jintgħażlu diversi proġetti. Dawn il-proġetti se jkollhom l-appoġġ tal-azzjonijiet ta' bini tal-komunità li jrawwmu l-attivitajiet bħall-avvenimenti konġunti, żvilupp ta' kurrikula u pjanijiet direzzjonali ta' riċerka ġodda. L-għażla tat-temi se tqis l-eċċellenza fir-riċerka mmexxija mix-xjenza lejn teknoloġiji futuri, il-potenzjal għall-ħolqien ta' massa kritika u l-impatt fuq ix-xjenza u teknoloġija.

Għadd ta' inizjattivi ffukati fuq skala kbira (FET Ewlenin) se jiġu implimentati. Dawn se jkunu bbażati fuq sħubijiet li jippermettu l-kombinazzjoni tal-kontributi tal-UE, kif ukoll dawk nazzjonali u privati, bi grad għolja ta' awtonomija u flessibiltà fl-implimentazzjoni li

jippermettu l-inizjattiva ewlenija ssegwi mill-qrib pjan direzzjonali ta' riċerka appoġġat b'mod wiesa'. L-għażla se tqis l-għan li jgħaqqad, l-impatt, l-integrazzjoni tal-partijiet interessati u r-riżorsi taħt pjan direzzjonali koeżiv ta' riċerka u l-appoġġ mill-partijiet interessati u programmi ta' riċerka nazzjonali/reġjonali

## 3. AZZJONIJIET MARIE CURIE

### 3.1. Trawwim ta' ħiliet ġodda permezz ta' taħriġ inizjali eċċellenti tar-riċerkaturi

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' riżorsi umani b'saħħitha u kreattiva, mobbli fost il-pajjiżi u setturi b'kombinazzjoni tajba ta' ħiliet biex ikun hemm innovazzjoni u biex jiġu kkonvertiti l-għarfien u l-ideat fi prodotti u servizzi għall-benefiċċju ekonomiku u soċjali.

Dan se jinkiseb b'mod partikolari permezz tal-istrutturar u ż-żieda fl-eċċellenza f'parti sostanzjali tat-taħriġ inizjali ta' kwalità għolja tar-riċerkaturi fl-istadju bikri u kandidati għad-dottorat fost l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati kollha. Billi r-riċerkaturi jiġu mgħammra, fl-istadju bikri, b'diversità ta' ħiliet li se jippermettuhom jaffrontaw l-isfidi kurrenti u futuri, il-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi se tibbenefika mill-prospetti mtejba ta' karriera kemm fis-setturi pubbliċi kfi ukoll dawk privati, biex b'hekk ukoll tiżdied l-inċentiva għaż-żgħażagħ sabiex jagħżlu karrieri fir-riċerka.

L-azzjoni se tiġi implimentata permezz tal-appoġġ għall-programmi ta' taħriġ ta' riċerka magħżula b'kompetizzjoni madwar l-UE implimentati minn sħubijiet ta' universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, negozji, SMEs u atturi soċjoekonomiċi oħra minn pajjiżi differenti madwar l-Ewropea u lil hinn minnha. Istituzzjonijiet individwali li huma kapaċi jipprovdu l-istess ambjent ta' tisħiħ għandhom jiġu appoġġati. Il-flessibilità fl-implimentazzjoni tal-objettivi se tkun żgurata sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet differenti. Normalment is-sħubijiet ta' suċċess se jieħdu l-għamla ta' netwerks ta' taħriġ ta' riċerka jew dottorati industrijali, filwaqt li l-istituzzjonijiet individwali se jkunu normalment involuti fil-programmi dottorali innovattivi. F'dan il-qafas, l-appoġġ huwa previst għall-aħjar riċerkaturi fl-istadju bikri minn kwalunkwe pajjiż sabiex jingħaqdu f'dawn il-programmi eċċellenti.

Dawn il-programmi ta' taħriġ ser jindirizzaw l-iżvilupp u t-twessigħ tal-kompetenzi bażiċi ta' riċerka, filwaqt li r-riċerkaturi jingħataw taħriġ għal moħħ kreattiv, perspettiva intraprenditorjali u ħiliet ta' innovazzjoni li jikkorrispondu għall-ħtieġijiet futuri tas-suq tax-xogħol. Il-programmi se jipprovdu wkoll taħriġ f'kompetenzi li jistgħu jiġu trasferiti, bħax-xogħol f'tim, it-teħid ta' riskji, il-ġestjoni ta' proġetti, l-istandardizzazzjoni, l-intraprenditorija, l-etika, id-dritt ta' proprjetà intellettwali, il-komunikazzjoni ġenerali u l-komunikazzjoni fis-soċjetà li huma essenzjali għall-ġenerazzjoni, l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u d-diffużjoni tal-innovazzjoni.

### 3.2. Trawwim tal-eċċellenza permezz ta' mobbiltà transkonfinali u transettorjali

L-Ewropa għandha tkun attraenti għall-aħjar riċerkaturi, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk mhux Ewropej. Dan se jinkiseb b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għal opportunitajiet ta' karriera attraenti għar-riċerkaturi b'esperjenza fis-setturi pubbliċi u privati, u billi jiġu mħeġġa li jiċċaqalqu bejn il-pajjiżi, setturi u dixxiplini sabiex iżidu l-potenzjal kreattiv u innovattiv tagħhom.

Il-finanzjament għandu jsir lill-aħjar riċerkaturi u dawk l-iktar promettenti, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li jixtiequ jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' esperjenza ta'

mobbiltà transnazzjonali jew internazzjonali. Dawn jistgħu jkunu appoġġati matul l-istadji differenti tal-karriera tagħhom, inklużi dawk l-iktar subalterni eżatt wara l-grad dottorali tagħhom jew esperjenza ekwivalenti. Dawn ir-riċerkaturi għandhom jirċievu fondi bil-kondizzjoni li huma jiċċaqilqu minn pajjiż għall-ieħor sabiex iwessgħu jew japprofondixxu l-kompetenzi tagħhom fl-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, in-negozji, l-SMEs jew l-atturi soċjoekonomiċi l-oħra tal-għażla tagħhom, li jaħdmu fuq proġetti ta' riċerka li jaqblu mal-ħtieġijiet u interessi personali tagħhom. Dawn se jkunu wkoll imħeġġa jiċċaqilqu mis-settur pubbliku għal dak privat jew viċiversa permezz tal-appoġġ ta' stazzjonar temporanju. L-opportunitajiet part-time li jippermettu pożizzjonijiet kombinati kemm fis-setturi pubbliċi u dawk privati se jkunu wkoll appoġġati sabiex jiżdied it-trasferiment ta' għarfien bejn is-setturi u jiġi mħeġġeġ ukoll il-ħolqien ta' bidu ta' negozji. Tali opportunitajiet ta' riċerka mfassla apposta se jgħinu lil riċerkaturi promettenti jsiru kompletament indipendenti u jiffaċilitaw iċ-ċaqliq bejn is-setturi pubbliċi u privati.

Sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal eżistenti tar-riċerkaturi, se jiġu wkoll appoġġati l-possibilitajiet għall-bidu mill-ġdid ta' karriera ta' riċerka wara waqfa.

### 3.3. Stimular tal-innovazzjoni permezz tad-dakkir reċiproku tal-għarfien

L-isfidi tas-soċjetà qed isiru iktar u iktar globali u transkonfinali u kollaborazzjonijiet transettorjali huma kruċjali sabiex dawn jiġu affrontati b'suċċess. Il-qsim ta' għarfien u ideat mir-riċerka lis-suq huwa għalhekk vitali u jista' jinkiseb biss permezz tal-konnessjoni tal-persuni. Dan se jkun promoss permezz ta' appoġġ għal skambji flessibbli ta' persunal, ta' ħiliet għolja fir-riċerka u l-innovazzjoni, bejn is-setturi, pajjiżi u dixxiplini.

Il-finanzjament Ewropew se jappoġġa l-iskambji ta' żmien qasir tal-persunal tar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan l-isħubijiet tal-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, in-negozji, l-SMEs u l-atturi soċjoekonomiċi oħrajn madwar l-Ewropa, kif ukoll bejn l-Ewropa u l-pajjiżi terzi sabiex tiġi rinfurzata l-kooperazzjoni internazzjonali. Dan se jkun miftuħ għall-persunal tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livelli kollha ta' karriera, mill-aktar subaltern (postuniversitarju) għall-aktar suprjuri (maniġment), inkluż ukoll il-persunal amministrattiv u tekniku.

### 3.4. Żieda tal-impatt strutturali permezz tal-kofinanzjament tal-attivitajiet

L-istimular tal-programmi reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali sabiex titrawwem l-eċċellenza u jinfirxu l-aħjar prattiki tal-Azzjonijiet Marie Curie f'termini ta' possibilitajiet ta' mobbiltà madwar l-Ewropa għat-taħriġ tar-riċerkaturi, l-iżvilupp tal-karriera u l-iskambju ta' persunal se jżid l-impatt numeriku u strutturali tal-Azzjonijiet Marie Curie. Dan se jżid ukoll l-ġibda ta' ċentri ta' eċċellenza madwar l-Ewropa.

Dan se jinkseb permezz tal-kofinanzjament ta' programmi reġjonali, nazzjonali, privati u internazzjonali, ġodda jew eżistenti, sabiex jinfetħu u jipprovdu taħriġ ta' riċerka internazzjonali, intersettorjali u interdixxiplinari, kif ukoll il-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-persunal tal-innovazzjoni transkonfinali u intrasettojrali u fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom.

Dan se jippermetti l-isfruttar ta' sinerġiji bejn l-azzjonijiet tal-UE u dawk fil-livell reġjonali u nazzjonali, billi tiġi miġġielda l-frammentazzjoni f'termini ta' objettivi, metodi ta' evalwazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi.

### 3.5. Appoġġ u azzjonijiet speċifiċi ta' politika

Sabiex tintlaqa' l-isfida b'mod effiċjenti se jkun essenzjali li jiġi mmonitorjat il-progress. Il-programm se jappoġġa l-iżvilupp ta' indikaturi u l-analiżi tad-dejta relatata mal-mobbiltà, il-ħiliet u l-karrieri tar-riċerkaturi bl-għan li jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni ta' distakki fl-azzjonijiet Marie Curie u t-titjib tal-impatt ta' dawn l-azzjonijiet. Dawn l-attivitajiet se jiġu implimentati bit-tiftix tas-sinerġiji u koordinazzjoni mill-qrib mal-azzjonijiet ta' appoġġ tal-politika fir-rigward tar-riċerkaturi, il-ħaddiema tagħhom u dawk li jipprovdu l-finanzjament imwettqa taħt is-'Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri'. L-azzjonijiet speċifiċi se jiġu ffinanzjati biex jappoġġaw inizjattivi biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' karriera fir-riċerka għall-parteċipanti fl-azzjonijiet Marie Curie, u biex jinxterdu r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni li joħorġu mill-għotjiet appoġġati mill-Azzjonijiet Marie Curie

Sabiex jiżdied aktar l-impatt tal-Azzjonijiet Marie Curie, in-netwerking bejn ir-riċerkaturi Marie Curie (attwali u tal-passat) se jissaħħaħ permezz ta' strateġija tas-servizzi tal-alumni. Dawn se jvarjaw mill-appoġġ għal forum ta' kuntatt u skambju bejn ir-riċerkaturi, b'possibilitajiet ta' esplorazzjoni ta' kollaborazzjonijiet u oppotunitajiet ta' impjiegi, għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti konġunti u l-involviment tal-imsieħba fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni bħala ambaxxaturi għall-Azzjonijiet Marie Curie u għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

### 3.6. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

L-Azzjonijiet Marie Curie se jkunu miftuħa għal-attivitajiet ta' taħriġ u żvilupp tal-karriera fi ħdan l-isferi kollha ta' riċerka u innovazzjoni indirizzati taħt it-Trattat, minn riċerka bażika sa użu mis-suq u servizzi ta' innovazzjoni. Il-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll is-setturi se jintgħażlu liberament mill-applikanti.

Biex jibbenefikaw mill-bażi tal-għarfien imxerrda madwar id-dinja , l-azzjonijiet Marie Curie se jkunu miftuħa għar-riċerkaturi u l-persunal tal-innovazzjoni, kif ukoll l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, in-negozji u atturi soċjoekonomiċi oħra mill-pajjiżi kollha, inkluż pajjiżi terzi taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti fir-Regolament (UE) xx/2012 (Regoli għall-Parteċipazzjoni).

Matul l-attivitajiet kollha deskritti hawn fuq, se tingħata attenzjoni lill-inkoraġġiment ta' parteċipazzjoni b'saħħitha tal-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs, kif ukoll l-atturi soċjoekonomiċi l-oħra għall-implimentazzjoni u impatt ta' suċċess tal-azzjonijiet Marie Curie. Il-kollaborazzjoni fit-tul bejn l-edukazzjoni ogħla, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u s-settur privat, li tqis il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, hija promossa matul l-Azzjonijiet Marie Curie kollha.

Tinżamm il-possibilità, jekk ikun hemm il-ħtieġa speċifika, li jiġu mmirati ċerti attivitajiet taħt il-programm fir-rigward ta' sfidi tas-soċjetà, tipi ta' istituzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi speċifiċi sabiex jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewropa f'termini ta' ħiliet, taħriġ fir-riċerka, żvilupp tal-karriera u kondiviżjoni tal-għarfien.

Sabiex ikunu miftuħin għas-sorsi kollha ta' talent, il-miżuri ġenerali biex jingħelbu kwalunkwe distorsjonijiet fl-aċċess għall-għotjiet se ikunu żgurati, pereżempju, billi jiġu mħeġġa opportunitajiet ugwali fl-Azzjonijiet Marie Curie u permezz ta' parametri tal-ġens tal-parteċipazzjoni. Barra minn hekk, l-azzjonijiet Marie Curie se jappoġġaw ir-riċerkaturi biex

jiġu stabbiliti f'karriera iktar stabbli u jiżguraw li jkunu jistgħu jiksbu l-bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni familjari, u jikkontribwixxi sabiex tiġi ffaċilitata t-tkomplija ta' karriera fir-riċerka wara waqfa. Il-prinċipji tal-Karta Ewropea tar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ ta' Riċerkaturi li jippromwovu rekultaġġ miftuħ u kondizzjonijiet ta' xogħol attraenti jridu jiġu approvati u applikati mill-parteċipanti ffinanzjati kollha.

Sabiex jiżdiedu iktar id-disseminazzjoni u l-impenn pubbliku, il-benefiċjarji tal-Azzjonijiet Marie Curie se jkunu meħtieġa jippjanaw attivitajiet ta' komunikazzjoni xierqa għall-pubbliku ġenerali. Dan il-pjan se jkun ivvalutat waqt il-proċess ta' evalwazzjoni kif ukoll waqt is-segwitu ta' proġett.

## 4. INFRASTRUTTURI TA' RIĊERKA

L-attivitajiet se jkollhom l-għan li jibnu infrastrutturi Ewropej ta' riċerka għall-2020 u wara, irawwmu l-potenzjal ta' innovazzjoni u l-kapital uman tagħhom u jirrinfurzaw il-politika Ewropea. Il-koordinazzjoni mas-sorsi ta' iffinanzjar ta' koeżjoni se jkunu indirizzati sabiex jiġu żgurati sinerġiji u approċċ koerenti għall-iżvilupp tal-infrastrutturi ta' riċerka.

### 4.1. L-iżvilupp tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka għall-2020 u wara

#### *4.1.1. Żvilupp ta' infrastrutturi tar-riċerka mill-aqwa*[18]

L-għan huwa li jiġu żgurati l-implimentazzjoni, is-sostenibbiltà fit-tul u t-tħaddim effiċjenti tal-infrastrutturi ta' riċerka identifikati mill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u l-infrastrutturi tar-riċerka mill-aqwa oħrajn, li se jgħinu lill-Ewropa twieġeb lill-isfidi l-kbar fix-xjenza, l-industrija u s-soċjetà. Dan l-objettiv se jindirizza speċifikament dawk l-infrastrutturi li qed jistabbilixxu jew stabbilew il-governanza tagħhom, pereżempju abbażi ta' Konsorzju Ewropew għal Infrastruttura ta' Riċerka (ERIC) jew kwalunkwe struttura ekwivalenti fuq livell Ewropew jew internazzjonali.

Il-fondi tal-UE se jikkontribwixxu, kif xieraq:

(a) lill-*fażi preparatorja* tal-infrastrutturi futuri (pereżempju tħejjija ta' pjanijiet dettaljati ta' kostruzzjoni, arranġamenti legali, ippjanar multiannwali);

(b) lill-*fażi ta' implimentazzjoni* (pereżempju riċerka u żvilupp u xogħol ta' inġinerija b'mod konġunt mal-industrija u l-utenti, l-iżvilupp ta' faċilitajiet reġjonali tal-imsieħba bl-għan ta' żvilupp aktar ibbilanċjat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka); u/jew

(c) lill-*fażi ta' operazzjoni* (pereżempju aċċess, immaniġjar tad-dejta, attivitajiet ta' komunikazzjoni, taħriġ u ta' kooperazzjoni internazzjonali).

Din l-attività se tappoġġa wkoll l-istudji ta' tfassil għall-infrastrutturi ta' riċerka ġodda b'approċċ minn isfel għal fuq.

---

[18] Il-Pjan Direzzjonjali tal-ESFRI jinkludi madwar ħamsin infrastruttura ta' rilevanza prinċipali għall-Ewropa (bi spiża annwali stmata ta' żewġ biljun Ewro) li jkopru d-dixxiplini xjentifiċi kollha. Faċilitajiet oħrajn Ewropej mill-aqwa jinkludu infrastrutturi bħal GÉANT jew dawk identifikati fl-Istrateġija Ewropea għall-Fiżika tal-Partiċelli CERN. Kollha kemm huma jesiġu sħubija bejn l-Istati Membri u impenn fit-tul għall-implimentazzjoni tagħhom.

*4.1.2. Integrazzjoni u ftuħ ta' infrastrutturi ta' riċerka nazzjonali eżistenti ta' interess pan-Ewropew*

L-għan huwa li jinfetħu l-infrastrutturi nazzjonali ta' riċerka lir-riċerkaturi Ewropej kollha, kemm mill-akkademja kif ukoll mill-industrija, u jiġi żgurat l-użu ottimali tagħhom u l-iżvilupp konġunt.

L-Unjoni se tappoġġa n-netwerks li jgħaqqdu u jintegraw, fuq skala Ewropea, l-infrastrutturi nazzjonali prinċipali ta' riċerka. L-iffinanzjar se jiġi pprovdut, b'mod partikolari bħala appoġġ għall-aċċess transnazzjonali u virtwali tar-riċerkaturi u l-armonizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi li jipprovdu l-infrastrutturi. Madwar mitt netwerk ta' infrastrutturia fl-oqsma kollha tax-xjenza u teknoloġija jkollhom bżonn tali appoġġ, b'iktar minn għoxrin elf riċerkatur kull sena li jibbenefikaw mill-aċċess għal dawn il-faċilitajiet.

*4.1.3. L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-operat ta' infrastrutturi elettroniċi bbażati fuq l-ICT*[19]

L-għan huwa li sal-2020 jinkiseb spazju Ewropew uniku u miftuħ għar-riċerka onlajn fejn ir-riċerkaturi u l-komunitajiet tagħhom igawdu minn servizzi affidabbli, li jinsabu kullimkien u mill-aktar avvanzati għan-netwerking u l-komputazzjoni, u aċċess bla xkiel u miftuħ għall-ambjenti tax-Xjenza elettronika u riżorsi tad-dejta globali.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, se jingħata appoġġ lil: netwerks globali ta' riċerka u edukazzjoni li jipprovdu servizzi fuq talba bejn id-dominji, li huma avvanzati, standardizzati u li jistgħu jiġu adattati, infrastrutturi ta' grilja u infrastrutturi cloud li jipprovdu kapaċità komputazzjonali u tal-ipproċessar ta' dejta; ekosistema ta' faċilitajiet għas-superkomputazzjoni, li tavvanza lejn l-iskala exa; infrastruttura għal softwer u servizzi, pereżempju dawk għas-simulazzjoni u viżwalizzazzjoni; għodod ta' kollaborazzjoni f'ħin reali; u infrastruttura tad-dejta xjentifika interoperabbli, miftuħa u affidabbli.

**4.2. Trawwim tal-potenzjal ta' innovazzjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka u l-kapital uman tagħhom**

*4.2.1. Sfruttar tal-potenzjal ta' innovazzjoni tal-infrastrutturi għar-riċerka:*

L-għan huwa li tiġi stimulata l-innovazzjoni kemm fl-infrastrutturi innifishom u fl-industriji tagħhom ta' forniment u ta' utenti.

Għal dan il-għan, għandu jkun hemm appoġġ

(a) lis-sħubijiet tar-R&Ż mal-industrija biex jiżviluppaw kapaċitajiet u tal-Unjoni u provvista industrijali fl-oqsma ta' teknoloġija għolja bħal strumentazzjoni xjentifika jew l-ICT;

---

19 Hekk kif ir-riċerka kollha issir intensiva mil-lat tal-kompjuters u d-dejta, l-aċċess għall-infrastrutturi elettroniċi avvanzati jsir essenzjali għar-riċerkaturi kollha. Pereżempju, GÉANT tikkonnettja 40 miljun utent f'iktar minn 8,000 istituzzjoni madwar 40 pajjiż, filwaqt li l-infrastruttura tal-grilja Ewropea hija l-iktar infrastuttura informatika distribwita fid-dinja b'iktar minn 290 sit f'50 pajjiż. Il-progress li ma jieqaf qatt fl-ICT u l-bżonnijiet dejjem akbar tax-xjenza għall-komputazzjoni u pproċessar ta' ammonti massivi ta' dejta jippreżentaw sfidi kbar ta' finanzjament u ta' organizzazzjoni għall-iżgurar ta' servizzi mingħajr xkiel għar-riċerkaturi.

(b) lill-akkwist prekummerċjali minn atturi tal-infrastruttura tar-riċerka sabiex imexxu 'l quddiem l-innovazzjoni u jkunu minn tal-ewwel li jadottaw it-teknoloġiji;

(c) lill-istimular tal-użu ta' infrastrutturi ta' riċerka mill-industrija, pereżempju bħala ċentri ta' ttestjar sperimentali jew ċentri imsejsa fuq l-għarfien; kif ukoll

(d) lill-inkoraġġiment tal-integrazzjoni tal-infrastrutturi ta' riċerka f'ekosistemi ta' innovazzjoni lokali, reġjonali u globali

L-azzjonijiet tal-Unjoni se jippromwovu wkoll l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka, partikolarment infrastrutturi elettroniċi, għas-servizzi pubbliċi, l-innovazzjoni soċjali, il-kultura u l-edukazzjoni.

*4.2.2. Tisħiħ tal-kapital uman tal-infrastrutturi tar-riċerka*

Il-kumplessità tal-infrastrutturi tar-riċerka u l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tagħhom jesiġu ħiliet adegwati għall-maniġers , inġiniera u tekniki tagħhom, kif ukoll l-utenti.

Il-finanzjament tal-Unjoni se jappoġġa t-taħriġ tal-persunal li jimmaniġġja u jopera infrastrutturi ta' riċerka ta' interess pan-Ewropew, l-iskambju ta' persunal u l-aħjar prattiki fost dawn il-faċilitajiet, u l-provvista adegwata ta' riżorsi umani fid-dixxiplini prinċipali, inkluż il-ħolqien ta' kurrikula edukattivi speċifiċi.

## 4.3. Rinfurzar tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura tar-riċerka u tal-kooperazzjoni internazzjonali

*4.3.1. Rinfurzar tal-politika Ewropea dwar l-infrastrutturi tar-riċerka.*

L-objettivi huma li jitjiebu u jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn l-inizjattivi nazzjonali u tal-UE permezz tat-twaqqif ta' sħubijiet bejn dawk li jfasslu l-politika u l-korpi ta' finanzjament rilevanti (pereżempju l-ESFRI, il-Grupp ta' Riflessjoni dwar l-Infrastruttura elettronika (e-IRG), l-organizzazzjonijiet tal-EIROForum, l-awtoritajiet nazzjonali pubbliċi), kif ukoll l-iżvilupp ta' kumplimentarjetajiet u kooperazzjoni bejn l-infrastrutturi tar-riċerka u attivitajiet iffinanzjati mill-politiki oħrajn tal-UE, (bħal politiki reġjonali, industrijali, tas-saħħa, tal-impjiegi jew tal-iżvilupp), u li jiżguraw l-koordinazzjoni bejn is-sorsi differenti ta' finanzjament tal-Unjoni. L-azzjonijiet tal-Unjoni ukoll se jappoġġaw l-istħarriġ, monitoraġġ u valutazzjoni tal-infrastrutturi ta' riċerka fuq livell ta' Unjoni, kif ukoll l-istudji tal-politika u kompiti ta' komunikazzjoni oħra rilevanti.

*4.3.2. Iffaċilitar tal-kooperazzjoni internazzjonali strateġika*

L-għan huwa li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-infrastrutturi globali tar-riċerka, jiġifieri l-infrastrutturi ta' riċerka li jesiġu finanzjament u ftehimiet fuq skala globali. L-għan huwa wkoll li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-infrastrutturi Ewropej ta' riċerka mal-kontropartijiet mhux Ewropej tagħhom, billi tiġi żgurata l-interoperabbiltà u l-kopertura globali tagħhom, u jinkisbu ftehimiet internazzjonali dwar l-użu , ftuħ jew kofinanzjament reċiproku tal-infrastrutturi. F'dan ir-rigward se jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Carnegie ta' Uffiċjali Superjuri dwar Infrastrutturi Globali tar-Riċerka. Se tingħata wkoll attenzjoni sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni xierqa tal-Unjoni fil-koordinazzjoni mal-korpi internazzjonali bħan-NU jew l-OECD.

## 4.4. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

Waqt l-implimentazzjoni se jiġu kkonsultati gruppi konsultattivi ta' esperti indipendenti, kif ukoll partijiet interessati u korpi konsultattivi, bħall-ESFRI u l-e-IRG.

L-implimentazzjoni se ssegwi approċċ fuq tliet binarji: minn isfel għal fuq fejn il-kontenut preċiż u l-isħubija ta' proġetti mhumiex magħrufa; immirata fejn l-infrastrutturi tar-riċerka speċifiċi u/jew il-komunitajiet indirizzati huma definiti sew; u benefiċjarji msemmija, pereżempju fejn kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' tħaddim hija provduta lill-(konsorzju ta') operatur(i) tal-infrastruttura.

L-objettivi taħt l-aħħar żewġ attivitajiet se jiġu indirizzati mill-azzjonijiet speċifiċi tagħhom u, kull fejn huwa xieraq, mill-azzjonijiet taħt l-ewwel attività.

# Parti II

## Tmexxija Industrijali

### 1. TMEXXIJA FIT-TEKNOLOĠIJI ABILITANTI U INDUSTRIJALI

**Ġenerali**

Il-kontroll u l-iskjerament b'suċċess tat-teknoloġiji abilitanti mill-industrija Ewropea huwa fattur ewlieni fit-tisħiħ tal-kapaċità produttiva u innovattiva Ewropea u fl-iżgurar li l-Ewropa ikollha ekonomija avvanzata, sostenibbli u kompetittiva, tmexxija globali fis-setturi ta' applikazzjoni ta' teknoloġija avvanzata u l-ħila ta' żvilupp ta' soluzzjonijiet uniċi għall-isfidi tas-soċjetà. Attivitajiet ta' innovazzjoni se jiġu kkombinati mar-R&Ż, bħala parti integrali tal-finanzjament.

**Approċċ integrat għal Teknoloġiji Abilitanti Ewlenin**

Komponent ewleni tat-'Tmexxija fit-Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali' huma t-Teknoloġiji Abilitanti Ewlenin (KETs), inklużi l-mikro- u nanoelettronika, il-fotonika, in-nanoteknoloġija, il-bijoteknoloġija, materjali avvanzati u sistemi avvanzati ta' manifattura[20]. Ħafna prodotti innovattivi jinkorporaw diversi minn dawn it-teknoloġijai b'mod simultanju, bħala partijiet uniċi jew integrati. Filwaqt li kull teknoloġija toffri innovazzjoni teknoloġika, l-benefiċċju akkumulat mill-kombinazzjoni ta' għadd ta' teknoloġiji abilitanti jista' wkoll iwassal għall-qabżiet teknoloġiċi. L-isfruttar tat-teknoloġiji abilitanti ewleninin trasversali se jsaħħu l-kompetittività u l-impatt tal-prodott. Għaldaqstant, se jiġu sfruttati l-interazzjonijiet numerużi ta' dawn it-teknoloġiji. Se jingħata appoġġ dedikat għal proġetti ta' linja pilota u dimostrazzjoni ta' skala ogħla.

Dan se jinkludi l-attivitajiet trasversali li jgħaqqdu u jintegraw diversi teknoloġiji individwali, li jirriżultaw fil-validazzjoni tat-teknoloġija ġewwa ambjent industrijali għal sistema kompluta u kwalifikata, lesta għas-suq. L-involviment qawwi tas-settur privat f'tali attivitajiet se jkun prerekwiżit u għalhekk l-implimentazzjoni se ssur notevolment permezz tal-isħubijiet privati pubbliċi. Għal dan il-għan u permezz ta' struttura ddedikata ta' governanza, se jiġi żviluppat programm konġunt ta' ħidma għall-attivitajiet trasversali tal-KETs. Filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tas-suq u r-rekwiżiti tal-isfidi tas-soċjetà, se jimmira għall-forniment ta' elementi ta' bażi tal-KETs għall-oqsma differenti ta' applikazzjoni, inklużi l-isfidi tas-soċjetà.

**Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni**

L-attivitajiet ta' innovazzjoni se jinkludu l-integrazzjoni tat-teknoloġiji individwali; dimostrazzjonijiet tal-kapaċitajiet li joħolqu u jipprovdu prodotti u servizzi innovattivi; piloti tal-utenti u l-klijenti li jagħtu prova tal-fattibbiltà u l-valur miżjud; u dimostraturi fuq skala kbira biex tiġi ffaċilitata l-penetrazzjoni fis-suq tar-riżultati tar-riċerka.

[20] COM(2009) 512

Se jiġu integrati teknoloġiji individwali varji, li jirriżultaw f'validazzjoni tat-teknoloġija f'ambjent industrijali għal sistema kwalifikata u kompleta, lesti għas-suq. L-involviment qawwi tas-settur privat f'tali attivitajiet se jkun prerekwiżit, notevolment permezz ta'sħubijiet privati pubbliċi.

Azzjonijiet orjentati lejn is-suq se jikkomplementaw l-ispinta teknoloġika tal-inizjattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni. Dawn jinkludu l-aħjar użu ta' akkwist pubbliku tal-innovazzjoni; żvilupp ta' standards tekniċi xierqa; domanda privata u involviment tal-utenti għall-ħolqien ta' swieq aktar miftuħa għall-innovazzjoni.

Għan-nanoteknoloġia u l-bijoteknoloġija b'mod partikolari, l-involviment ta' partijiet interessati u tal-pubbliku ġenerali se jkollhom l-għan li jqajmu kuxjenza dwar il-benefiċċji u r-riskji. Il-valutazzjoni tas-sikurezza u l-ġestjoni tar-riskji globali fl-iskjerament ta' dawn it-teknoloġiji se tkun indirizzata sistematikament.

Dawn l-attivitajiet se jikkumplimentaw l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji abilitanti, li jistgħu jiġu pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, fil-qafas tal-l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

L-inizjattivi strateġiċi ta' kooperazzjoni internazzjonali se jiġu indirizzati fl-oqsma ta' interess u benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi imsieħba prinċipali. Ta' interess partikolari, iżda mhux eskluživ, għat-teknoloġiji abilitanti u industrijali huma:

– l-iżvilupp ta' standards globali;
– tneħħija ta' xkiel fl-isfruttar industrijali u kundizzjonijiet għall-kummerċ;
– is-sikurezza tal-prodotti bbażati fuq il-nanoteknoloġija u l-bijoteknoloġija;
– l-iżvilupp ta' materjali u metodi sabiex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija u riżorsi;
– inizjattivi kollaborattivi internazzjonali mmexxija mill-industrija fi ħdan il-komunità tal-manifattura; kif ukoll
– l-interoperabbiltà ta' sistemi.

## 1.1. Teknoloġiji tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni (ICT)

Għadd ta' linji ta' attivitàjiet se jimmiraw għall-isfidi ta' tmexxija industrijali u teknoloġika tal-ICT u jkopru l-aġendi ġeneriċi tar-riċerka u innovazzjoni fl-ICT, inklużi notevolment:

### *1.1.1. Ġenerazzjoni ġdida ta' komponenti u sistemi: l-inġinerija ta' sistemi u komponenti inkorporati avvanzati u intelliġenti*

L-objettiv huwa li tinżamm u tissaħħaħ it-tmexxija Ewropea fit-teknoloġiji marbuta mal-komponenti u sistemi inkorporati intelliġenti. Dan jinkludi wkoll mikro-nano-bijosistemi, l-elettronika organika, it-teknoloġiji sottostanti l-integrazzjoni għall-Internet tal-Affarijiet

(IoT[21]) inklużi pjattaformi bħala appoġġ għall-forniment ta' servizzi avvanzati, sistemi integrati intelliġenti, sistemi ta' sistemi u sistemi kumplessi tal-inġinerija.

*1.1.2. Informatika tal-ġenerazzjoni li jmiss: sistemi u teknoloġiji avvanzati ta' informatika*

L-objettiv huwa li jiġu mmobilizzati assi Ewropej fl-arkitettura tal-ipproċessar u tas-sistema, teknoloġiji ta' interkonnessjoni u lokalizzazzjoni tad-dejta, cloud computing, informatika parallela u softwer tas-simulazzjoni għas-segmenti kollha tas-suq tal-informatika.

*1.1.3. Internet Futur: infrastrutturi, teknoloġiji u servizzi.*

L-objettiv huwa li tiġi rinfurzata l-kompetittività tal-industrija Ewropea fl-iżvilupp, kontroll u iffurmar tal-Internet tal-ġenerazzjoni li jmiss li se jissostitwixxi gradwalment l-internet preżenti, netwerks fissi u mobbli u infrastrutturi ta' servizz, u li tiġi permessa l-interkonnessjoni ta' triljuni ta' apparati (IoT) fosti operatur u dominji multipli li se jbiddlu l-mod ta' kif nikkomunikaw, naċċessaw u nużaw l-għarfien. Dan jinkludi R&I fuq in-netwerks, softwer u servizzi, ċibersigurtà, privatezza u affidabbiltà, komunikazzjoni mingħajr wajers[22] u n-netwerks ottiċi kollha, multimidja interattiva immersiva u fuq l-impriża konnessa tal-futur.

*1.1.4. Teknoloġiji tal-kontenut u l-ġestjoni tal-informazzjoni: ICT għall-kontenut u l-kreattività diġitali*

L-objettiv huwa li l-professjonisti u ċ-ċittadini jiġu provduti b'għodod ġodda sabiex joħolqu, jisfruttaw u jippreżervaw il-forom kollha ta' kontenut diġitali fi kwalunkwe lingwa u sabiex jimmudellaw, janalizzaw u jivviżwalizzaw l-ammonti vasti ta' dejta, inkluża d-dejta marbuta. Dan jinkludi teknoloġiji ġodda għall-lingwa, interazzjoni ta' tagħlim, preżervazzjoni diġitali, aċċess għall-kontenut u l-analitika; sistemi intelliġenti ta' ġestjoni tal-informazzjoni bbażati fuq estrazzjoni tad-dejta avvanzata, tagħlim bil-magni, analiżi statistika u teknoloġiji viżwali tal-informatika.

*1.1.5. Interfaċċji avvanzati u robots: robotika u spazji intelliġenti*

L-objettiv huwa li tiġi rinfurzata t-tmexxija Ewropea xjentifika u industrijali fir-robotika industrijali u tas-servizz, sistemi konjittivi, interfaċċji avvanzati u spazji intelliġenti, u magni senzjenti, li jibnu fuq iż-żidiet fil-prestazzjoni tal-informatika u netwerking u progress fil-ħila li jinbnew sistemi li jistgħu jitgħallmu, jadattaw u jirreaġixxu.

*1.1.6. Mikroelettronika, nanoelettronika u fotonika*

L-objettiv huwa tiġi sfruttata l-eċċellenza tal-Ewropa f'din it-teknoloġija abilitanti ewlenija u biex tiġi appoġġata l-kompetittività u t-tmexxija tas-suq tal-industrija tagħha. L-attivitajiet se jinkludu wkoll l-innovazzjoni u r-riċerka dwar id-disinn, proċessi avvanzati, linji pilota għall-manifattura, teknoloġiji ta' produzzjoni relatati u azzjonijiet ta' dimostrazzjoni li jivvalidaw żviluppi teknoloġiċi u mudelli kummerċjali innovattivi.

Dawn is-sitt linji ta' attività ewlenin huma mistennija jkopru l-firxa sħiħa tal-ħtiġijiet. Dawn jistgħu jinkludu t-tmexxija industrijali f'soluzzjonijiet, prodotti u servizzi ġeneriċi ibbażati fuq l-ICT, meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà ewlenin kif ukoll riċerka fl-ICT

[21] L-Internet tal-Affarijiet se jkun ikkoordinat bħala kwistjoni trasversali
[22] Inklużi n-netwerks ibbażati fl-ispazju

xprunata mill-applikazzjoni u aġendi tal-innovazzjoni li se jiġu appoġġati flimkien mas-sfida rilevanti tas-soċjetà.

Inklużi taħt kull waħda mill-ħames linji kbar ta' attività huma wkoll l-infrastrutturi tar-riċerka speċifiċi għall-ICT bħall-laboratorji ħajjin għall-isperimentazzjoni fuq skala kbira u infrastrutturi għat-teknoloġiji abilitanti ewlenin sottostanti u l-integrazzjoni tagħhom fil-prodotti avvanzati u s-sistemi intelliġenti innovattivi, inkluż it-tagħmir, għodod, servizzi ta' appoġġ, swali nodfa u aċċess għall-funderiji għall-ħolqien tal-prototipi.

## 1.2. Nanoteknoloġiji

### *1.2.1. Żvilupp ta' nanomaterjali, nanoapparat u nanosistemi tal-ġenerazzjoni li jmiss*

L-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-għarfien f'salib it-toroq ta' dixxiplini xjentifiċi differenti, li jimmiraw għal prodotti fundamentalment ġodda li jippermettu soluzzjonijiet sostenibbli fuq firxa wiesgħa ta' setturi.

### *1.2.2. Żgurar tal-iżvilupp u l-applikazzjoni sikura tan-nanoteknoloġiji*

L-avvanzar tal-għarfien xjentifiku dwar l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent għal governanza proattiva, bbażata fuq ix-xjenza, tan-nanoteknoloġiji, u l-forniment ta' għodod xjentifiċi avvanzati u pjattaformi għall-perikolu, esponiment u valutazzjoni u ġestjoni tar-riskju matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tan-nanomaterjali u nanosistemi.

### *1.2.3. Żvilupp tad-dimensjoni tas-sċojetà fir-rigward tan-nanoteknoloġija*

L-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura umana u fiżika tal-iskjerament tan-nanoteknoloġija u l-iffukar fuq il-governanza tan-nanoteknoloġija għall-benefiċċju tas-soċjetà.

### *1.2.4. Sinteżi u manifattura effiċjenti tan-nanomaterjali, komponenti u sistemi*

L-iffukar fuq operazzjonijiet tal-unità flessibbli, li jistgħu jiġu adattati u ripetibbli, integrazzjoni intelliġenti ta' proċessi ġodda u eżistenti, kif ukoll l-iskalar 'il fuq sabiex tinkiseb produzzjoni bil-massa ta' prodotti u impjanti għal skopijiet varji li jiżgura t-trasferiment effiċjenti tal-għarfien fl-innovazzjoni industrijali.

### *1.2.5. Żvilupp ta' tekniki li jsaħħu l-kapaċità, l-metodi u t-tagħmir ta' kejl*

L-iffukar fuq it-teknoloġiji sottostanti, li jappoġġaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni għas-suq ta' nanomaterjali u nanosistemi kumplessi, inkluż l-karaterizzazzjoni u l-immanipular ta' sustanza fuq l-iskala nano, l-immudellar, disinn komputazzjonali u l-inġinerija avvanzata fuq livell atomiku.

## 1.3. Materjali avvanzati

### *1.3.1 Teknoloġiji ta' materjali trasversali u abilitanti*

Ir-riċerka fuq il-materjali funzjonali, materjali multifunzjonali bħall-materjali ta' awtotiswija jew bijokompatibbli u materjali strutturali, għall-innovazzjoni fis-setturi industrijali kollha partikolarment għas-swieq ta' valur għoli.

*1.3.2. Żvilupp u trasformazzjoni tal-materjali*

Riċerka u żvilupp sabiex jiġi żgurat skalar 'il fuq b'mod effiċjenti u sostenibbli li jippermetti il-manifattura industrijali tal-prodotti futuri, pereżempju fl-industriji tal-metall jew kimika.

*1.3.3. Ġestjoni tal-komponenti tal-materjali*

Riċerka u żvilupp għal tekniki u servizzi ġodda u innovattivi, tagħqid, adeżjoni, separazzjoni, assemblaġġ, awtoassemblaġġ u żmuntar, dikompożizzjoni u dikostruzzjoni.

*1.3.4. Materjali għal industrija sostenibbli*

L-iżvilupp ta' prodotti u applikazzjonijiet ġodda u mġiba tal-konsumatur li jnaqqsu d-domanda tal-enerġija u jiffaċilitaw l-produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kif ukoll intensifikazzjoni, riċiklaġġ, dekontaminazzjoni tal-proċess u materjali b'valur miżjud għoli mill-iskart u manifattura mill-ġdid.

*1.3.5. Materjali għall-industriji kreattivi*

L-applikazzjoni ta' disinn u l-iżvilupp ta' teknoloġiji konverġenti sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' neġozju, inkluż il-preżervazzjoni tal-materjali tal-Ewropa b'valur storiku jew kulturali.

*1.3.6. Metroloġija, karatterizzazzjoni, standardizzazzjoni u kontroll tal-kwalità*

Il-promozzjoni tat-teknoloġiji bħall-karatterizzazzjoni, evalwazzjoni mhux distruttiva u l-immudellar prevedibbli tal-prestazzjoni għall-progress fix-xjenza u l-inġinerija tal-materjali.

*1.3.7. Ottimizzazzjoni tal-użu tal-materjali*

Ir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jiġu investigati alternattivi għall-użu ta' materjali u approċċi ta' mudell kummerċjali innovattiv.

## 1.4. Bijoteknoloġija

*1.4.1. Spinta lill-bijoteknoloġiji mill-aktar avvanzati bħala katalizzaturi tal-innovazzjoni futura*

L-objettiv huwa li jiġu mqiegħda s-sisien għall-industrija Ewropea sabiex tkun fuq quddiem fl-innovazzjoni, anke fuq perjodu medju taż-żmien kif ukoll fil-tul. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' għodod emerġenti bħal pereżempju bijoloġija sintetika, bijoinformatika, bijoloġija tas-sistemi u l-isfruttar tal-konverġenza ma' teknoloġiji abilitanti oħra bħan-nanoteknoloġija (pereżempju bijonanoteknoloġija) u ICT (pereżempju bijoelettronika). Dawn u oqsma mill-aktar avvanzati oħra jistħoqqhom il-miżuri xierqa f'termini ta' riċerka u żvilupp sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment u l-implimentazzjoni effettiva f'applikazzjonijiet ġodda (sistemi ta' kunsinna ta' drogi, bijosensuri, bijoċipep, eċċ).

*1.4.2. Proċessi industrijali bbażati fuq il-bijoteknoloġija*

L-objettiv huwa maqsum fi tnejn: fuq naħa, li l-industrija Ewropea (pereżempju kimika, saħħa, tħaffir, enerġija, polpa u karta, tessuti, lamtu, ipproċessar tal-ikel) tkun tista' tiżviluppa prodotti u proċessi ġodda li jissodisfaw id-domanda industrijali u tas-soċjetà; u alternattivi

bbażati fuq il-bijoteknoloġija li huma kompetittivi u msaħħa sabiex jissostitwixxu dawk stabbiliti; min-naħa l-oħra, jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bijoteknoloġija għall-kxif, monitoraġġ, l-prevenzjoni u t-tneħħija tat-tniġġis. Dan jinkludi r-Riċerka u l-Innovazzjoni fuq il-perkorsi enżimatiċi u metaboliċi, disinn tal-bijoproċessi, fermentazzjoni avvanzata, l-ipproċessar upstream u downstream, kisba tal-għarfien dwar id-dinamika tal-komunitajiet mikrobjali. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' prototipi għall-valutazzjoni tal-fattibilità teknoekonomika tal-prodotti u proċessi żviluppati.

*1.4.3. Teknoloġiji tal-pjattaforma innovattivi u kompetittivi*

L-objettiv huwa li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-pjattaforma (pereżempju ġenomika, metaġenomika, proteomatika, għodod molekolari) li jwasslu għal tmexxija u vantaġġ kompetittiv f'għadd wiesa' ta' setturi ekonomiċi. Dan jinkludi aspetti, bħas-sostenn tal-iżvilupp ta' bijoriżorsi bi proprjetajiet ottimizzati u applikazzjonijiet lil hinn mill-alternattivi konvenzjonali; li jippermettu l-esplorazzjoni, fehim u sfruttar b'mod sostenibbli tal-bijodiversità terrestri u marina għall-applikazzjonijiet ġodda; u s-sostenn tal-iżvilpp ta' soluzzjonijiet ta' kura tas-saħħa bbażati fuq il-bijoteknoloġija (pereżempju apparat dijanjostiku, bijoloġiku u bijomediku).

## 1.5. Manifatturar u Pproċessar Avvanzati

*1.5.1. Teknoloġiji għall-Fabbriki tal-Futur*

Il-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli u industrijali permezz tal-faċilitazzjoni ta' bidla strateġika fl-Ewropa minn manifattura bbażata fuq l-ispiża għal approċċ ibbażat fuq il-ħolqien ta' valur miżjud għoli. Dan jesiġi l-indirizzar tal-isfida ta' iktar produzzjoni, filwaqt li jiġi konsumat inqas materjal, bl-użu ta' inqas enerġija u l-ħolqien ta' inqas skart u tniġġis. L-attenzjoni se tkun fuq l-iżvilupp u l-integrazzjoni tas-sistemi adattivi ta' produzzjoni tal-futur, b'enfażi partikolari fuq il-ħtiġijet ta' SMEs Ewropej, sabiex jinkisbu sistemi u proċessi ta' manifattura avvanzata u sostenibbli.

*1.5.2. Teknoloġiji li jappoġġaw bini effiċjenti fl-enerġija*

It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u emissjonijiet ta' $CO_2$ permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ta' kostruzzjoni sostenibbli, l-implimentazzjoni u r-replika ta' miżuri għall-użu miżjud ta' sistemi u materjali effiċjenti fl-enerġija f'bini ġdid, rinovat u mgħammar b'sistemi ġodda u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (retrofit). Il-knsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-importanza dejjem tikber ta' kunċetti ta' disinn-bini-operat se jkunu elementi prinċipali fl-indirizzar tal-isfidi ta' tranżizzjoni, sal-2020, għal bini li ma jaħli kważi l-ebda enerġija fl-Ewropa u r-realizzazzjoni ta' distretti effiċjenti fl-enerġija permezz tal-involviment tal-komunità wiesa' tal-partijiet interessati.

*1.5.3. Teknoloġiji sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju f'industriji bi proċess intensiv fl-użu tal-enerġija*

Iż-żieda tal-kompetittività tal-industriji ta' pproċessar, bħall-kimika, polpa u karta, ħġieġ, jew metalli mhux tal-ħadid u azzar billi jittejbu drastikament l-effiċjenzi ta' riżorsi u enerġija u t-tnaqqis tal-impatt ambjentali ta' tali attivitajiet industrijali. L-attenzjoni se tkun fuq l-iżvilupp, u l-validazzjoni ta' teknoloġiji abilitanti għas-sustanzi innovattivi, materjali u soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-prodotti b'livell baxx ta' karbonju u proċessi u servizzi li huma inqas intensivi fl-enerġija matul il-katina ta' valur, kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji u tekniki ta'

produzzjoni b'livell baxx immens ta' emissjonijiet ta' karbonju sabiex jinkiseb tnaqqis fl-intensità tal-emissjoni GHG speċifika.

*1.5.4. Mudelli kummerċjali ġodda u sostenibbli*

Il-kooperazzjoni transettorjali fil-kunċetti u metodoloġiji għall-produzzjoni speċjalizzata "bbażata fuq għarfien" tista' tagħti spinta lill-kreattività u innovazzjoni b'attenzjoni fuq mudelli kummerċjali fl-approċċi addattati li jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti ta' katini u netwerks globalizzati ta' valur, swieq li jinbidlu, u industriji emerġenti u futuri.

## 1.6. Spazju

*1.6.1. Kompetittività, nuqqas ta' dipendenza kif ukoll innovazzjoni tal-Ewropa fl-attivitajiet tal-ispazju*

L-objettiv huwa li jinżamm ir-rwol ta' tmexxija globali fl-ispazju billi tiġi salvagwardjata u żviluppata industrija u komunità tar-riċerka spazjali kompetittiva u billi titrawwem l-innovazzjoni bbażata fuq l-ispazju.

1.6.1.1. Salvagwardja ta' industrija u komunità ta' riċerka spazjali kompetittiva

L-Ewropa għandha rwol prinċipali fir-riċerka fl-ispazju u fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-ispazju, u żviluppat l-infrastrutturi tal-ispazju tagħha stess (pereżempju Galileo). Filfatt, l-industrija Ewropea stabbiliet lilha iniffisha bħala esportatur ta' satelliti tal-prima klassi. Madankollu, l-isfidi importanti għal din il-pożizzjoni huma l-karattru frammentat tas-swieq u istituzzjonijiet ta' riċerka Ewropej, kompetizzjoni mill-potenzi spazjali li jibbenefikaw minn swieq domestiċi kbar, u investimenti sistematiċi limitati fir-riċerka tal-ispazju u żvilupp teknoloġiku u bini tal-kapaċità fl-Ewropa. L-iżvilupp ta' bażi ta' riċerka billi tiġi provduta l-kontinwità fil-programmi ta' riċerka spazjali, pereżempju b'sekwenza ta' proġetti iżgħar u iktar frekwenti ta' dimostrazzjoni fl-ispazju. Dan se jippermetti lill-Ewropa li tiżviluppa l-bażi industrijali u l-komunità tal-RTŻ spazjali tagħha, b'hekk tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' dipendenza mill-importazzjonijiet ta' teknoloġiji kritiċi.

1.6.1.2. Spinta lill-innovazzjoni bejn is-setturi spazjali u dawk u mhux spazjali

Għadd ta' sfidi fit-teknoloġiji spazjali għandhom aspetti paralleli mal-isfidi terrestri, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, telekomunikazzjoni, esplorazzjoni tar-riżorsi naturali, robotika, sigurtà, u saħħa. Dawn l-aspetti komuni joffru l-opportunitajiet għal kożvilupp, b'mod partikolari mill-SMEs, ta' teknoloġiji fost il-komunitajiet spazjali u mhux spazjali, li potenzjalment jirriżultaw f'iktar innovazzjonijiet rivoluzzjonarji b'rata aktar mgħaġġla minn dawk miksuba fi żviluppi sekondarji fi stadju iktar tard. L-isfruttar tal-infrastruttura spazjali Ewropea għandha tkun stimulata permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti innovattivi u servizzi bbażati fuq it-telerilevament u l-ġeopożizzjonament. Barra minn hekk, l-Ewropa għandha tirrinfurza l-iżvilupp inċipjenti ta' settur spazjali intraprenditorjali permezz ta' miżuri mmirati sew.

*1.6.2. Avvanzi fit-teknoloġiji spazjali*

L-objettiv huwa li tiġi żgurata l-kapaċità ta' aċċess għall-ispazju u t-tħaddim ta' sistemi spazjali għall-benefiċċju tas-soċjetà Ewropea fid-deċennji li jmiss.

Il-kapaċità ta' aċċess għall-ispazju u taż-żamma u tħaddim ta' sistemi tal-ispazju Ewropej jew internazzjonali fl-orbita tad-Dinja u lill hinn, huma vitali għall-futur tas-soċjetà Ewropea. Il-kapaċitajiet neċessarji jesiġu investimenti kostanti f'multitudni ta' teknoloġiji spazjali (pereżempju pjattaformi minn fejn jittajru inġenji spazjali, satelliti, strumenti u sensuri), u fil-kunċetti operattivi mill-idea għad-dimostrazzjoni fl-ispazju. Bħalissa, l-Ewropa hija waħda mit-tliet potenzi spazjali mexxejja, iżda meta mqabbla mal-livell ta' investiment fir-Riċerka u Żvilupp fl-ispazju ġewwa l-Istati Uniti (pereżempju madwar 20 % tal-baġit totali tan-NASA), il-livell Ewropew ta' investiment fit-teknoloġiji spazjali futuri mhuwiex suffiċjenti (inqas minn 10 % tal-ispiża totali fl-ispazju) u għandu bżonn jiġi msaħħaħ tul il-katina kollha:

(a) riċerka teknoloġika fundamentali, li spiss tiddependi fuq teknoloġiji abilitanti ewlenin, bil-potenzjal ta' ġenerazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji b'applikazzjonijiet terrestri;

(b) titjib tat-teknoloġiji eżistenti, pereżempju minn minjaturizzazzjoni, effiċjenza ogħla fl-enerġija, u sensitività sensorjali ogħla ;

(c) dimostrazzjoni u validazzjoni ta' teknoloġiji u kunċetti ġodda fl-ambjenti analogi spazjali u terrestri;

(d) kuntest tal-missjoni, pereżempju analiżi tal-ambjent spazjali, stazzjonijiet tal-art, il-protezzjoni ta' sistemi spazjali mill-kolliżjoni ma' debris u effetti tal-eruzzjonijiet solari (Sorveljanza tas-Sitwazzjoni Spazjali, SSA), trawwim ta' dejta innovattiva u infrastruttura tal-arkivjar tal-kampjuni;

(e) navigazzjoni avvanzata u teknoloġiji ta' telerilevament, li jkopru r-riċerka essenzjali għall-ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi spazjali tal-UE (pereżempju Galileo).

*1.6.3. Sfruttar tad-dejta spazjali*

L-objettiv huwa li jiġi żgurat użu iktar estensiv tad-dejta spazjali mill-missjonijiet Ewropej eżistenti u futuri fl-isfera xjentifika, pubblika u kummerċjali.

Is-sistemi spazjali jipproduċu informazzjoni li ta' spiss ma tkunx tista' tinkiseb bl-ebda mod ieħor. Minkejja l-missjonijiet Ewropej ta' prima klassi, ċifri ppubblikati juru li hemm probbabiltà iżgħar li tintuża d-dejta mill-missjonijiet Ewropej meta mqabbla ma' dik mill-missjonijiet tal-US. Sfruttar konsiderevolment ikbar ta' dejta jista' jinkiseb jekk isir sforz komuni sabiex l-ipproċessar, validazzjoni u standardizzazzjoni tad-dejta spazjali mill-missjonijiet Ewropej jiġu kkoordinati u organizzati. L-innovazzjonijiet fil-kisba u pproċessar ta' dejta, fużjoni tad-dejta u disseminazzjoni ta' dejta, bl-użu wkoll ta' forom ta' kollaborazzjoni appoġġati bl-ICT, jistgħu jiżguraw redditu ogħla fuq l-investiment tal-infrastruttura spazjali. L-ikkalibrar u validazzjoni tad-dejta spazjali (għall-istrumenti individwali, bejn l-istrumenti u missjonijiet, u fir-rigward tal-oġġetti fil-post) huma elementi ewlenin għall-użu effiċjenti tad-dejta spazjali fl-isferi kollha, iżda ġew imfixkla min-nuqqas ta' korpi fuq livell tal-UE jew istituti awtorizzati sabiex jiżguraw l-istandardizzazzjoni tad-dejta miġbura mill-ispazju u oqfsa ta' referenza. L-aċċess għad-dejta u l-isfruttar ta' missjonijiet spazjali hija kwistjoni li tesiġi koordinazzjoni globali. Għad-dejta mil-osservazzjoni tad-Dinja, l-approċċi armonizzati u l-aħjar prattiki huma miksuba parzjalment fil-koordinazzjoni mal-organizzazzjoni intergovernattiva, Grupp dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja, li timmira biex issostni s-Sistema tas-Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali, li fihom tipparteċipa l-UE.

### *1.6.4. Riċerka Ewropea bħala appoġġ għal sħubijiet spazjali internazzjonali*

L-objettiv huwa li tiġi appoġġata l-kontribuzzjoni Ewropea fir-riċerka u innovazzjoni għall-isħubijiet spazjali internazzjonali fit-tul.

Minkejja li l-informazzjoni spazjali tipprovdi benefiċċji lokali kbar, l-impriżi spazjali għandhom karattru fundamentalment globali. Dan huwa partikolarment ċar għat-theddida kożmika fuq is-sistemi spazjali u tad-Dinja. It-telf ta’ satelliti minħabba t-temp spazjali u d-debris spazjali huwa stmat li huwa ta' madwar 100 miljun Ewro fis-sena. Ugwalment globali huma l-attivitajiet bħal dawk tal-Istazzjon Spazjali Internazzjonali (ISS), li huwa mibni u mħaddem mill-Ewropa, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u r-Russja, u x-xjenza spazjali robotika u l-attivitajiet ta' esplorazzjoni. L-iżvilupp ta’ teknoloġija spazjali avvanzata qed iseħħ iktar fi ħdan l-oqfsa internazzjonali, bl-aċċess għall-proġetti internazzjonali isir fattur importanti ta' suċċess għar-riċerkaturi Ewropej u l-industrija Ewropea. Il-kontribuzzjoni tal-UE għal tali provi spazjali globali teħtieġ li tkun iddefinita fi pjanijiet direzzjonali strateġiċi fit-tul (10 snin u iktar), bl-allinjament mal-prioritajiet tal-politika spazjali tal-UE, u b'koordinazzjoni mal-imsieħba interni Ewropej, bħall-ESA; mal-imsieħba internazzjonali, bħal COSPAR, UNOOSA; u mal-aġenziji spazjali ta’ nazzjonijiet b'attivitajiet spazjali bħal pereżempju n-NARA u r-ROSCOSMOS.

### *1.6.5. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni*

L-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni spazjali taħt l-Orizzont 2020 huma skont il-prijoritajiet tal-politika spazjali tal-Unjoni kif iddefiniti mill-Kunsill Spazjali u l-Komunikazzjoni *Lejn strateġija tal-ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini*[23]. L-implimentazzjoni se tiġi żviluppata b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati mill-industrija spazjali Ewropea, l-SMEs, l-akkademja, u istituti tat-teknoloġija, irrappreżentati mill-Grupp Konsultattiv dwar l-Ispazju u msieħba importanti bħall-Agenzija Spazjali Ewropea u agenziji spazjali nazzjonali. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'impriżi internazzjonali, l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni se jiġu ddefiniti f'kollaborazzjoni mal-imsieħba internazzjonali (pereżempju,NASA, ROSCOSMOS, JAXA).

## 2. AĊĊESS GĦAL FINANZJAMENT TA’ RISKJU

Orizzont 2020 se jistabbilixxi żewġ faċilitajiet (il-"Faċilità ta' ekwità" u l-"Faċilitàta' dejn") komposti minn partijiet differenti. Il-Faċilità ta' ekwità u t-tieqa tal-SMEs tal-Faċilità ta' dejn se jkunu implimentati bħala parti miż-żewġ Strumenti Finanzjarji tal-UE li jipprovdu ekwità u dejn bħala appoġġ lir-R&I u tkabbir tal-SMEs.

Il-Faċilità ta' ekwità u l-Faċilità ta' dejn jistgħu, fejn xieraq, jippermettu r-raggruppament tar-riżorsi finanzjari mal-Istati Membri li jixtiequ jikkontribwixxu parti mill-Fondi Strutturali allokati lilhom, skont l-Artikolu 31(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill dwar il-Fondi Strutturali.

Minflok jingħataw self, garanziji jew ekwità, eċċ, direttament lill-benefiċjarji finali, il-Kummissjoni se tiddelega l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu l-appoġġ, b'mod partikolari, permezz ta' kondiviżjoni tar-riskju, skemi ta' garanzija u investimenti ta’ ekwità u kważiekwità.

[23] COM(2011) 152

## 2.1. Faċilità ta' dejn

Il-Faċilità ta' dejn se tipprovdi self lill-benefiċjarji uniċi għall-investiment fir-Riċerka u Innovazzjoni; garanziji lill-intermedjarji finanzjarji li jagħtu s-self lill-benefiċjarji; kombinazzjoni ta' self u garanziji; u garanziji u/jew kontrogaranziji għall-iskemi nazzjonali jew reġjonali tal-iffinanzjar tad-dejn . Il-Faċilità ta' dejn se twettaq attivitajiet ta' tisħiħ tal-maturità, u se tappoġġa l-Istrument iddedikat għall-SMEs (ara Parti II, taqsima 3 ta' dan l-Anness: 'Innovazzjoni fl-SMEs'). Kontribuzzjonijiet mill-faċilità ta' dejn jistgħu jiġu kkombinati, biż-żieda possibbli ta' għotjiet (inklużi somom f'daqqa), b'konribuzzjonijiet mill-istrument finanzjarju ta' ekwità fi skema integrata waħda jew iktar. Huwa wkoll possibbli self b'imgħax baxx u self konvertibbli .

Flimkien mal-għoti ta' self u garanziji abbażi tal-prinċipju li jinqeda minn jiġi l-ewwel u li jkunu mmexxija mis-suq, il-faċilità ta' dejn se timmira, taħt serje ta' kompartimenti, politiki u setturi partikolari. Kontribuzzjonijiet baġitarji separati għal dan il-għan jistgħu jiġu minn:

(a) Partijiet oħra tal-Orizzont 2020, partikolarment il-Parti III 'Sfidi tas-Soċjetà';

(b) oqfsa , programmi u intestaturi oħratal-baġit oħra fil-baġit tal-UE;

(c) reġjuni partikolari u Stati Membri li jixtiequ jikkontribwixxu bir-riżorsi disponibbli taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni;

(d) entitajiet (bħal Eureka jew JTIs) jew inizjattivi speċifiċi .

Tali kontribuzzjonijiet baġitarji jistgħu jsiru jew jiġu kkumplimentati fi kwalunkwe hin waqt l-Orizzont 2020.

Kondivizjoni tar-riskju u parametri oħra jistgħu jvarjaw fi ħdan il-kompartimenti tal-politika jew setturi, sakemm il-valuri jew stati tagħhom huma konformi mar-regoli komuni għall-istrumenti tad-dejn. Barra minn hekk, il-kompartimenti jistgħu jkollhom strateġiji speċifiċi ta' komunikazzjoni fi ħdan il-kampanja promozzjonali ġenerali għall-Faċilita ta' dejn. Barra minn hekk, l-intermedjarji speċjalisti fuq livell nazzjonali jistgħu jintużaw jekk l-kompetenza speċfika hija meħtieġa sabiex jiġi evalwat is-self prospettiv fl-isfera ta' kompartiment partikolari.

It-tieqas tal-SMEs taħt il-Faċilità ta' dejn għandha timmira għall-SMEs xprunati mir-R&I u l-impriżi b'kapitali żgħar jew medji b'ammont ta' self li jaqbeż l-EUR 150,000, u b'hekk tikkumplimenta l-finanzjament lill-SMES mill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs.

L-ingranaġġ tal-Faċilità ta' dejn – iddefinit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri l-finanzjament tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra) diviż bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE – huwa mistenni li jvarja minn medja ta' 1.5 sa 6.5, skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti (livell ta' riskju, benefiċjarji mmirati, u l-faċilità partikolari tal-instrument finanzjarju tad-dejn ikkonċernat). L-effett multiplikatur – iddefinit bħala t-total tal-investimenti mwettqa minn benefiċjarji appoġġati diviż bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE - huwa mistenni li jkun 5 sa 20, mill-ġdid skont it-tip ta' operazzjonijiet involuti.

### 2.2. Faċilità ta' ekwità

Il-Faċilità ta' ekwità se tiffoka fuq fondi ta' kapital riskju ta' stadju bikri li jipprovdu kapital ta' riskju u/jew mezzanin lil portafolji individwali ta' impriżi. Barra minn hekk, dawn l-impriżi jistgħu jfittxu l-finanzjament tad-dejn minn intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-istrument finanzjarju tad-dejn.

Il-faċilità se jkollha wkoll il-possibbiltà li tagħmel investimenti fi stadju ta' espansjoni u tkabbir flimkien mal-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir (EFG) taħt il-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs (dan jinkludi investimenti fil-fondi ta' fondi b'bażi wiesa' ta' investituri u jinkludi investituri istituzzjonali u strateġiċi privati kif ukoll istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u semipubbliċi. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, l-investiment mill-Faċilità ta' Ekwità ta' Orizzont 2020 ma għandux jissupera l-20 % tal-investimenti tal-UE għajr f'każijiet ta' fondi ta' ħafna stadji, fejn il-finanzjament mill-EFG u l-faċilità ta' ekwità għar-RŻI se jiġi pprovdut fuq bażi pro rata, abbażi tal-politika ta' investiment tal-fondi. Bħall-EFG, il-Faċilità ta' Ekwità għandha tevita l-kapital ta' akkwiżizzjoni jew sostituzzjoni intenzjonat għall-iżmantellar ta' impriża akkwistata. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda l-limitu ta' 20 % fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

Il-parametri ta' investiment se jkunu stabbiliti b'tali mod li l-objettivi speċifiċi tal-politika, inkluż l-identifikazzjoni ta' gruppi partikolari ta' benefiċjarji potenzjali, jistgħu jinkisbu filwaqt li jiġi ppreżervat l-approċċ ta' dan l-istrument orjentat lejn is-suq u mmexxi mid-domanda .

Il-Faċilità ta' ekwità tista' tkun appoġġata minn kontribuzzjonijiet baġitarji minn partijiet oħra tal-Orizzont 2020; oqfsa, programmi u intestaturi tal-baġit oħra fil-baġit tal-UE; reġjuni partikolari u Stati Membri; u entitajiet u inizjattivi speċifiċi.

Il-Faċilità ta' ekwità - iddefinit bħala l-finanzjament totali (jiġifieri, il-finanzjament tal-Unjoni flimkien mal-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji oħra) diviż bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE – huwa mistenni li jkun madwar 6, skont l-ispeċifikazzjonijiet tas-suq, b'effett multiplikatur previst - iddefinit bħala t-total tal-investimenti mwettqa minn benefiċjarji appoġġati diviż bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE – b'medja ta' 18.

### 2.3. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

L-implimentazzjoni taż-żewġ faċilitajiet se tkun ddelegata lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB, EIF) u/jew lil istituzzjonijiet finanzjarji, li jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li huma konformi mar-Regolament Finanzjarju. Fid-disinn u l-implimentazzjoni tagħhom se jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet ġenerali għal strumenti finanzjarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u b'aktar rekwiżiti operattivi speċifiċi biex jiġu stabbiliti fil-gwida tal-Kummissjoni.

L-elementi tagħhom jistgħu jkunu kombinati, biż-żieda possibbli ta' għotjiet (inklużi somom f'daqqa), fi skema waħda jew iktar li jappoġġaw kategoriji partikolari ta' benefiċjarju jew proġettt bi skop speċjali, bħall-SMEs u impriżi b'kapitali medji b'potenzjal ta' tkabbir, jew dimostrazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji innovattivi.

L-implimentazzjoni tagħhom se tkun appoġġata minn gabra ta' miżuri ta' akkumpanjament. Dawn jistgħu jinkludu, fost oħrajn, miżuri, assistenza teknika għall-intermedjarji finanzjarji involuti fil-valutazzjoni tal-eliġibiltà ta' applikazzjonijiet ta' self jew l-valur ta' assi ta'

għarfien; skemi ta' prontezza ta' investiment li jkopru l-inkubazzjoni, l-ikkowċjar u l-iggwidar tal-SMEs u t-trawwim tal-interazzjoni tagħhom mal-investituri potenzjali; miżuri li jżidu l-kuxjenza ta' kumpaniji ta' kapital ta' riskju u l-business angels dwar il-potenzjal ta' tkabbir tal-SMEs innovattivi involuti f'programmi ta' finanzjament tal-Unjoni; skemi li jattiraw investituri privati biex jappoġġaw it-tkabbir ta SMEs innovattivi u impriżi b'kapital medju; skemi għall-inkoraġġiment ta' fundazzjonijiet filantropiċi u individwi biex jappoġġaw ir-Riċerka u l-Innovazzjoni; u skemi biex jitrawwmu r-riskji korporattivi u jinkoraġġixxu l-uffiċċji ta' familji u business angels.

Il-kumplimentarjetà se tiġi żgurata bil-faċilitajiet tal-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs.

## 3. Innovazzjoni fl-SMEs

### 3.1. L-integrazzjoni tal-appoġġ lejn l-SMEs

L-SMEs se jkunu appoġġati tul l-Orizzont 2020. Għal dan il-għan strument iddedikat għall-SMEs huwa mmirat għat-tipi kollha ta' SMEs innovattivi li juru ambizzjoni b'saħħitha li jiżviluppaw, jikbru u jinternazzjonalizzaw ruħhom. Dan għandu jkun ipprovdut lit-tipi kollha ta' innovazzjoni, inklużi l-innovazzjonijiet mhux teknoloġiċi u ta' servizz. L-objettiv huwa li dan jgħin biex jimtela d-distakk fil-finanzjament għar-riċerka u innovazzjoni ta' stadju bikri b'riskju għoli, jistimula l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u jżid il-kummerċjalizzazzjoni fis-settur privat tar-riżultati ta' riċerka.

L-isfidi tas-soċjetà u t-teknoloġiji abilitanti u industrijali kollha għandhom japplikaw l-istrument iddedikat għall-SMEs u jallokaw ammont għalih.

L-SMEs biss għandhom ikunu permessi li japplikaw għall-finanzjament u appoġġ. Dawn jistgħu jiffurmaw kollaborazzjonijiet skont il-ħtiġijiet tagħhom, inkluż għas-sottokuntrattar tax-xogħol ta' riċerka u żvilupp. Il-proġetti għandhom ikunu ta' interess ċar u ta' benefiċċju potenzjali lill-SMEs u ikollhom dimensjoni distinta Ewropea.

L-istrument tal-SME għandu jkopri l-oqsma kollha ta' xjenza, teknoloġija u innovazzjoni f'approċċ minn isfel għal fuq fi ħdan l-isfida tas-soċjetà kkonċernata jew teknoloġija abilitanti sabiex jitħalla spazju suffiċjenti għat-tipi kollha ta' ideat promettenti, notevolment proġetti trasversali u interdixxiplinari, li għandhom ikunu ffinanzjati.

L-istrument tal-SME għandu jipprovdi appoġġ simplifikat u fi stadji. It-tliet fażijiet għandhom ikopru ċ-ċiklu kollu ta' innovazzjoni. It-tranżizzjoni minn fażi waħda għal li jmiss se tkun bla xkiel, sakemm ikun gie pruvat li l-proġett imissu finanzjament ulterjuri waqt il-fażi preċedenti. Fl-istess ħin kull fażi għandha tkun miftuħa għall-SMEs kollha:

– Fażi 1: Valutazzjoni tal-kunċett u fattibilità:

  L-SMEs għandhom jirċievu finanzjament sabiex jesploraw il-fattibilità xjentifika jew teknika u l-potenzjal kummerċjali ta' idea ġdida (prova tal-kunċett) sabiex jiżviluppaw proġett innovattiv. Riżultat pożittiv ta' din il-valutazzjoni għandha tippermetti finanzjament taħt il-fażi(jiet) li ġejja/ġejjin.

– Fażi 2: R & Ż, dimostrazzjoni, replika tas-suq:

Ir-riċerka u żvilupp għandhom ikun appoġġati minn attenzjoni partikolari fuq attivitajiet ta' dimostrazzjoni (ittestjar, prototip, studji ta' skalar 'il fuq, disinn, proċessi innovattivi ta' pilotaġġ, prodotti u servizzi, verifika tal-prestazzjoni, eċċ). replika tas-suq.

– Fażi 3: Kummerċjalizzazzjoni:

Din il-fażi mhux se tipprovdi finanzjament dirett għajr attivitajiet ta'appoġġ, iżda timmira għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-kapital privat u ambjenti miftuħa għall-innovazzjoni. Ir-rabtiet mal-istrumenti finanzjarji (ara l-Parti II, Taqsima 2. ta' dan l-Anness) huma previsti, pereżempju billi tingħata prijorità lil SMEs, li lestew b'suċċess il-fażi 1 u/jew 2 fi ħdan il-volum separat ta' riżorsi finanzjarji. L-SMEs għandhom ukoll jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ bħan-netwerking, taħriġ, ikkowċjar u parir. Barra minn hekk, din il-parti tista' torbot ma' miżuri li jippromwovu l-preakkwist kummerċjali u l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Il-promozzjoni, implimentazzjoni u monitoraġġ uniformi tal-istrument tal-SME tul l-Orizzont 2020 se jiżguraw aċċess faċli għall-SMEs. B'dipendenza fuq netwerks ezistenti ta'appoġġ għall-SMEs, għandha tiġi stabbilita skema ta' konsulenza għall-SMEs benefiċjarji sabiex jitħaffef l-impatt mill-appoġġ ipprovdut.

Korp iddedikat ta' partijiet interessanti u esperti fir-riċerka u innovazzjoni tal-SME għandu jiġi ffurmat bil-ħsieb li jippromwovi u jakkumpanja l-miżuri speċifiċi tal-SMEs tal-Orizzont 2020.

## 3.2. Appoġġ speċifiku

### *3.2.1. Appoġġ għall-SMEs ta' riċerka intensiva*

Azzjoni speċifika se tippromwovi l-innovazzjoni orjentata lejn is-suq tal-SMEs li jwettqu R& Ż. Din timmira għall-SMEs ta' riċerka intensiva fis-setturi tat-teknoloġija avvanzata li wkoll jeħtieġu li juru l-ħila tagħhom li jisfruttaw kummerċjalment ir-riżultati tal-proġett.

L-azzjoni se tkopri l-qasam kollu tax-xjenza u teknoloġija b'approċċ minn isfel għal fuq sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-SMEs li jwettqu R& Ż.

L-azzjoni għandha tkun implimentata minn inizjattiva skont l-Artikolu 185 TFUE msejsa fuq il-Programm Konġunt *Eurostars* u l-orjentazzjoni mill-ġdid tiegħu tul il-linji ddikjarati fl-evalwazzjoni interim tagħha.

### *3.2.2. Tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs*

L-attivitajiet li jassistu l-implimentazzjoni u l-ikkumplimentar tal-miżuri speċifiċi tal-SMEs tul l-Orizzont 2020 għandhom ikunu appoġġati, notevolment sabiex isaħħu l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-SMEs. L-attivitajiet jistgħu jinkludu it-tkattir tal-kuxjenza, informazzjoni u disseminazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ u mobbiltà , netwerking u skambju tal-aħjar prattiki, żvilupp ta' mekkaniżmi u servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni ta' kwalità għolja b'valur miżjud b'saħħtu mill-Unjoni għall-SMEs (pereżempju, ġestjoni tal-proprjetà intellettwali u l-innovazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien, l-użu innovattiv tal-ICT u l-ħiliet elettroniċi fl-SMEs), kif ukoll assistenza lill-SMEs biex jikkonnettjaw mal-imsieħba ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-Unjoni, li jippermettulhom li jiġbdu lejhom it-teknoloġija u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom ta' innovazzjoni. Organizzazzjonijiet intermedjarji li

jirrappreżentaw gruppi ta' SMEs innovattivi għandhom jiġu mistiedna jwettqu attivitajiet transreġjonali u transsettorjali ta' innovazzjoni mal-SMEs li għandhom kompetenzi reċiproki ta' rinfurzar, sabiex jiżviluppaw ktajjen ġodda ta' valur industrijali.

Is-sinerġiji mal-politika ta' koeżjoni tal-UE se jiġu segwiti fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali ta' innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

Hija prevista rabta rinfurzata man-Netwerk Ewropew tal-Impriżi (taħt il-programm ta' Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs). L-appoġġ jista' jvarja minn informazzjoni mtejba u servizzi konsultattivi permezz ta' attivitajiet ta' gwida, ikkowċjar u tiftix għall-imsieħba għall-SMEs li jixtiequ jiżviluppaw proġetti ta' innovazzjoni transkonfinali, sal-provvista ta' servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni. Dan se jikkonsolida l-approċċ ta' 'one stop shop' tan-Netwerk Ewropew tal-Impriżi għall-appoġġ tal-SMEs, flimkien ma' preżenza qawwija reġjonali u lokali tan-netwerk.

### *3.2.3. Appoġġ għall-innovazzjoni mmexxija mis-suq*

Appoġġ għall-innovazzjoni mmexxija mis-suq bl-għan li tiżdied il-kapaċità għall-innovazzjoni tal-impriżi billi jittejbu il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni kif ukoll billi jiġu indirizzati l-ostakli speċifiċi li jipprevjenu t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi, partikolarment l-SMEs u l-impriżi ta' daqs intermedju b'potenzjal għal tkabbir rapidu. Appoġġ speċjalizzat għall-innovazzjoni (pereżempju sfruttar tal-Proprjetà Intellettwali, netwerks ta' akkwirenti, appoġġ lil uffiċċji għat-trasferiment tat-teknoloġija, disinn strateġiku) u analiżi tal-politiki pubbliċi marbuta mal-innovazzjoni għandhom jiġu appoġġati.

# Parti III

## Sfidi tas-Soċjetà

### 1. SAĦĦA, BIDLA DEMOGRAFIKA U BENESSRI

Il-promozzjoni effettivai tas-saħħa, appoġġata minn bażi robusta ta' evidenza, tevita l-mard, ittejjeb il-benessri u hija kosteffettiva. Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard ukoll jiddependu fuq fehim ta’ determinanti tas-saħħa, fuq għodod effettivi ta’ prevenzjoni, bħal vaċċini, fuq sorveljanza tas-saħħa u tal-mard u prontezza effettiva, kif ukoll fuq programmi effettivi ta’ skrinjar.

L-isforzi b'suċċess għall-prevenzjoni, ġestjoni, trattament u kura tal-mard, diżabilità u funzjonalità mnaqqsa huma sostnuti mill-fehim fundamentali tal-kawżi, proċessi u impatti tagħhom, kif ukoll fatturi sottostanti għas-saħħa u l-benessri. It-tqassim effettiv tad-dejta u r-rabta ta’ din id-dejta mal-istudji ta’ koorti ta’ skala kbira tad-dinja reali huwa wkoll essenzjali, kif inhi t-traduzzjoni tar-riżultati tar-riċerka fil-klinika, b’mod partikolari mill-imġiba tal-provi kliniċi.

Piżi dejjem akbar mill-mard u diżabilità fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ tpoġġi iktar piż fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura. Jekk għandha tinżamm saħħa u kura effettiva għall-etajiet kollha, se jkunu meħtieġa sforzi sabiex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-forniment ta' prevenzjoni u trattament, sabiex tiġi identifikata u appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-kura tas-saħħa, u sabiex tiġi appoġġata l-kura integrata u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, organizzattivi u soċjali li jagħtu s-saħħa lill-persuni akbar fl-età li jibqgħu attivi u indipendenti. Jekk dan isir, ikun se jikkontribwixxi għaż-żieda fit-tul ta' żmien tal-perjodu tal-benessri fiżiku, soċjali u mentali.

Dawn l-attivitajiet kollha se jitwettqu b’tali mod li jipprovdu l-appoġġ tul iċ-ċiklu tar-riċerka u innovazzjoni, li jsaħħu l-kompetittività tal-industriji bbażati fl-Ewropa u l-iżvilupp ta’ opportunitajiet ġodda tas-suq.

L-attivitajiet speċifiċi huma deskritti hawn taħt.

#### 1.1. Fehim tad-determinanti tas-saħħa, titjib tal-promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard

Fehim aħjar tad-determinanti tas-saħħa huwa meħtieġ sabiex tiġi provduta l-evidenza għall-promozzjoni effettiva tas-saħħa u prevenzjoni tal-mard, u se jippermetti ukoll l-iżvilupp ta’ indikaturi komprensivi tas-saħħa u benessri ġewwa l-Unjoni. Se jiġu studjati fatturi ambjentali, komportamentali u ġenetiċi, fis-sensi l-iktar wiesgħa tagħhom. L-approċċi se jinkludu studju fit-tul tal-koorti u tar-rabta tagħhom mad-dejta migbura mir-riċerka “-omika”, u metodi oħrajn.

B’mod partikolari, fehim aħjar tal-ambjent bħala determinant tas-saħħa se jesiġi approċċi bijoliġiċi molekulari, epidemjoloġiċi u tossikoloġiċi integrati sabiex jiġu investigati r-relazzjonijiet bejn is-saħħa u l-ambjent, inklużi l-istudji ta' modalitajiet ta' azzjoni ta' kimiki, esponiment kkombinat għat-tniġġis u fatturi oħra li jagħmlu pressjoni fuq l-ambjent u l-klima,

ittestjar tossikoloġiku integrat kif ukoll alternattivi għat-testjar tal-annimali. Approċċi innovattivi għall-valutazzjoni tal-esponiment huma meħtieġa bl-użu ta' bijomarkaturi tal-ġenerazzjoni ġdida bbażata fuq l-'omika' u l-epiġenetika, bijomonitoraġġ uman, valutazzjonijiet tal-esponiment personali u mmudellar għall-fehim ta' esponimenti kkombinati, kumulattivi u emerġenti, li jintegraw il-fatturi soċjoekonomiċi u komportamentali. Rabtiet imtejba mad-dejta ambjentali bl-użu tas-sistemi tal-informazzjoni avvanzati se jkunu appoġġati.

B'dan il-mod, il-politiki u programmi eżistenti u ppjanati jistgħu jiġu vvalutati u jiġi pprovdut l-appoġġ għall-politika. Bl-istess mod, jistgħu jiġu żviluppati interventi komportamentali mtejba, programmi ta' prevenzjoni u edukattivi, inklużi dawk li jappartjenu għal-litteriżmu tas-saħħa fin-nutrizzjoni, vaċċinazzjoni u interventi tal-kura primarja oħrajn.

## 1.2. Żvilupp ta' programmi effettivi ta' skrinjar u titjib tal-valutazzjoni tas-suxxettibilità għall-mard

L-iżvilupp tal-programmi ta' skrinjar jiddependi fuq l-identifikazzjoni ta' bijomarkaturi bikrija ta' riskji u tfaċċar ta' mard, u l-iskjerament tagħhom jiddependi fuq l-ittestjar u l-validazzjoni tal-metodi u programmi ta' skrinjar. Identifikazzjoni ta' individwi u popolazzjonijiet f'riskju għoli ta' mard se twassal għal strateġiji personalizzati, stratifikati u kollettivi biex jiġu żviluppati prevenzjoni għall-mard effettiva u kosteffettiva.

## 1.3. Titjib tas-sorveljanza u prontezza

Il-popolazzjonijiet umani huma taħt theddida minn infezzjonijiet ġodda u emerġenti (inklużi dawk li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima), minn reżistenza għad-droga għal patoġeni eżistenti u minn konsegwenzi oħra diretti u indiretti tat-tibdil fil-klima. Il-metodi mtejba għas-sorveljanza, netwerks ta' twissija bikrija, organizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa u kampanji ta' prontezza huma meħtieġa għall-immudellar tal-epidemiċi, għar-reazzjoni effettiva għall-pandemiċi, għar-rispons għall-konsegwenzi tal-mard mhux infettiv tat-tibdil fil-klima, kif inhuma l-isforzi sabiex jinżammu u jissaħħu l-kapaċitajiet sabiex jiġġieldu l-mard infettiv li huwa reżistenti għad-droga.

## 1.4. Fehim tal-mard

Hemm bżonn ta' fehim imtejjeb tas-saħħa u mard, fin-nies ta' kwalunkwe età, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati il-miżuri ta' prevenzjoni, dijanjosi u trattamenti ġodda u aħjar. Ir-riċerka interdixxplinarja u ta' traduzzjoni dwar il-patofiżjoloġija tal-mard hija essenzjali sabiex jitjieb il-fehim tal-aspetti kollha tal-proċessi tal-mard, inkluża r-riklassifikazzjoni tal-varjazzjoni normali u mard ibbażat fuq dejta molekulari, u sabiex tikkonvalida u tuża r-riżultati tar-riċerka fl-appikazzjonijiet kliniċi.

Ir-riċerka relatata se tinkludi u tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u approċċi ġodda għall-ġenerazzjoni ta' dejta bijomedika u tinkludi l"-omika", approċċi mediċinali ta' fluss għoli u abbażi tas-sistemi. Dawn l-attivitajiet se jesiġu rabta mill-qrib bejn ir-riċerka fundamentali u klinika u studji ta' koorti fit-tul (u l-isferi ta' riċerka korrispondenti) kif deskritt hawn fuq. Rabtiet mill-qrib mal-infrastrutturi ta' riċerka u dawk mediċinali (bażijiet tad-dejta, bijobanek, eċċ) se jkunu wkoll meħtieġa għall-istandardizzazzjoni, ħżin, tqassim u aċċess għad-dejta, li huma kollha essenzjali għall-imassimizzar tal-utilità tad-dejta għall-istimular ta' iktar modi innovattivi u effettivi ta' analizzar u kkombinar ta' settijiet tad-dejta.

### 1.5. Żvilupp ta’ vaċċini preventivi aħjar

Hemm bżonn ta' iktar vaċċini preventivi li huma effettivi (jew interventi preventivi alternattivi) u skemi ta’ vaċċinazzjoni bbażati fuq l-evidenza għall-firxa estiża ta’ mard. Din tiddependi fuq fehim aħjar tal-mard u proċessi tal-mard u l-epidemiċi konsegwenti tagħhom, u li jsiru l-provi kliniċi u studji assoċjati.

### 1.6. Titjib fid-dijanjosi

Fehim aħjar tas-saħħa, mard u proċessi tal-mard fi kwalunkwe età huwa meħtieġ sabiex jiġu żviluppati dijanjostiċi ġodda u iktar effettivi. It-teknoloġiji innovattivi u ezistenti se jiġu żviluppati bil-għan li jittejbu b’mod sinifikanti r-riżultati tal-mard permezz ta' dijanjosi iktar bikrija u preċiża u billi jippermettu iktar trattament adattat għall-pazjent.

### 1.7. Użu tal-mediċina in-silico għat-titjib tal-ġestjoni u tat-tbassir tal-mard

Is-simulazzjoni bil-kompjuter bl-użu ta’ dejta speċifika tal-pazjent u msejsa fuq approċċi mediċinali skont is-sistema u l-immudellar fiżjoloġiku tista' tintuża sabiex titbassar is-suxxettibilità għall-mard, evoluzzjoni tal-mard u s-suċċess probabbli tat-trattamenti mediċi. Is-simulazzjoni bbażata fuq mudell tista’ tintuża sabiex issostni l-provi kliniċi, l-prevedibbilità tar-reazzjoni għat-trattament, u l-personalizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni tat-trattament.

### 1.8. Trattament tal-mard

Hemm bżonn li jiġi appoġġat it-titjib tat-teknoloġiji trasversali ta’ appoġġ għad-drogi, vaċċini u approċċi terapewtiċi oħra, inkluż it-trapjant, terapija tal-ġene u ċelloli; sabiex jiżdied is-suċċess fil-proċess ta’ żvilupp ta’ drogi u vaċċini (inklużi metodi alternattivi li jissostitwixxu l-ittestjar klassiku tas-sikurezza u l-effettività, pereżempju l-iżvilupp ta’ metodi ġodda); biex jiġu żviluppati approċċi ta’ mediċina riġenerattiva, inklużi l-approċċi bbażati fuq iċ-ċelloli staminali; biex jiġu żviluppati apparat u sistemi mediċinali u assistivi; biex tinżamm u tiġi msaħħa l-ħila tagħna li niġġieldu l-mard komunikabbli, rari, maġġuri u kroniku u jsiru interventi mediċi li jiddependu fuq id-disponibbilità ta’ drogi antimikrobjali effettivi; u biex jiġu żviluppati approċċi komprensivi li jittrattaw komorbożitajiet fl-etajiet kollha u tiġi evitata l-polifarmaċija. Dan it-titjib se jiffaċilita l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda, iktar effiċjenti, effettivi u sostenibbli għall-mard u għall-ġestjoni tad-diżabilità.

### 1.9. Trasferiment tal-għarfien għall-prattika klinika u azzjonijiet ta’ innovazzjoni li jistgħu jiġu adattati

Il-provi kliniċi huma l-mezz li permezz tagħhom isir it-trasferiment tal-għarfien bijomediku għal applikazzjoni fil-pazjenti u se jiġi pprovdut l-appoġġ għal dawn, kif ukoll għat-titjib tal-prattika tagħhom. L-eżempji jinkludu l-iżvilupp ta’ metodoloġiji aħjar li jippermettu lill-provi jiffukaw fuq il-gruppi ta' popolazzjoni rilevanti, inklużi dawk li jbatu minn mard ieħor konkomitanti u/jew li diġà għaddejjin bit-trattament, id-determinazzjoni ta’ effettività komparattiva ta’ interventi u soluzzjonijiet, kif ukoll it-tisħiħ tal-użu ta’ bank ta’ dejta u rekords elettroniċi tas-saħħa bħala sorsi ta’ dejta għall-provi u trasferiment tal-għarfien. B’mod simili, se jingħata l-appoġġ għat-trasferiment ta’ tipi oħra ta’ interventi bħal dawk relatati mal-għajxien indipendenti fl-ambjenti tad-dinja reali.

## 1.10. Użu aħjar tad-dejta dwar is-saħħa

L-integrazzjoni ta' infrastrutturi u strutturi u sorsi ta' informazzjoni (inklużi dawk derivati minn studji ta' koorti, protokolli, ġbir tad-dejta, indikaturi, eċċ.) kif ukoll l-istandardizzazzjoni, interoperabbiltà, ħżin, tqassim ta' dejta u aċċess għaliha, se jkunu appoġġati sabiex jippermettu li tali dejta tkun sfruttata sew. Għandha tingħata attenzjoni lill-ipproċessar tad-dejta, ġestjoni tal-għarfien, immudellar u viżwalizzazzjoni.

## 1.11. Titjib ta' għodod xjentifiċi u metodi sabiex jiġu appoġġati l-ħolqien tal-politika u l-ħtiġijiet regolatorji

Hemm bżonn ta' appoġġ tal-iżvilupp ta' għodod , metodi u statistika xjentifiċi għal valutazzjoni rapida, preċiża u ta' tbassir tas-sikurezza, effettività u kwalità tat-teknoloġiji tas-saħħa, inklużi d-drogi , il-bijoloġika, terapiji avvanzati u apparat mediku ġodda. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-iżviluppi ġodda fi sferi inklużi dawk li jikkonċernaw il-vaċċini, terapiji ta' ċelloli/tessut u ġene, manifatturar speċjalizzat, bijobanek, apparat mediku ġdid, proċeduri dijanjostiċi/ta' trattament, ittestjar ġenerali, interoperabbiltà u saħħa elettronika, inklużu l-aspetti ta' privatezza. B'mod simili, l-appoġġ għall-metodoloġiji mtejba ta' valutazzjoni tar-riskju, approċċi tal-ittestjar u strateġiji relatati mal-ambjent u saħħa huma meħtieġa. Hemm ukoll bżonn ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' metodi rilevanti għall-assistenza tal-valutazzjoni ta' aspetti etiċi tal-isferi msemmija hawn fuq.

## 1.12. Xjuħija attiva, għajxien indipendenti u assistit

Riċerka u innovazzjoni avvanzata multidixxiplinari u applikata flimkien ma' xjenzi komportamentali, ġerontoloġiċi, diġitali u oħrajn huma meħtieġa għal soluzzjonijiet aċċessibbli għall-utenti u kosteffettivi għal għajxien ta' kuljum attiv (fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, eċċ) indipendenti u assistit tal-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-persuni b'diżabilità. Dan japplika f'varjetà ta'ambjenti u għal teknoloġiji u sistemi u servizzi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja u l-funzjonalità tal-bniedem inklużi l-mobbiltà, teknoloġiji ta'assistenza intelliġenti u personalizzata robotika ta' servizz soċjali u ambjenti ta' assistenza. Il-piloti ta' riċerka u innovazzjoni se jiġu appoġġati biex jivvalutaw l-implimentazzjoni u l-adozzjoni wiesa' tas-soluzzjonijiet.

## 1.13. Għoti ta' setgħa individwali għall-awtoġestjoni tas-saħħa

L-għoti tas-setgħa lill-individwi sabiex itejbu u jimmaniġjaw is-saħħa tagħhom matul ħajjithom se jirriżulta fit-tfaddil ta' spejjeż għas-sistemi ta' kura tas-saħħa billi jippermetti l-ġestjoni barra l-istituzzjonijiet ta' mard kroniku u jtejbu r-riżultati tas-saħħa. Dan jesiġi riċerka fil-mudelli komportamentali u soċjali, attitudnijiet u aspirazzjonijiet soċjali fir-rigward tat-teknoloġiji tas-saħħa, għodod mobbli u/jew portabbli, dijanjostika ġdida u servizzi personalizzati li jippromwovu stil ta' ħajja b'saħħitha, benessri, kura personali, interazzjoni professjonali taċ-ċittadin/kura tas-saħħa mtejba, programmi ppersonalizzati għall-ġestjoni tal-mard u diżabilità, kif ukoll appoġġ għall-infrastrutturi ta' għarfien.

## 1.14. Promozzjoni tal-kura integrata

L-appoġġ għall-ġestjoni barra l-istituzzjonijiet ta' mard kroniku jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa, soċjali jew informali. L-applikazzjonijiet ta' riċerka u dawk innovattivi se jkunu appoġġati għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni distribwita, u għall-forniment ta' evidenza għall-iskjerament fuq skala kbira u

l-isfruttar tas-suq tas-soluzzjonijiet ġodda, inklużi s-servizzi interoperabbli tat-telesaħħa u telekura. Ir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-organizzazzjoni tal-forniment tal-kura fit-tul se jiġu appoġġati wkoll.

### 1.15. Ottimizzar tal-effiċjenza u effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet u disseminazzjoni tal-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza, u t-teknoloġiji u approċċi innovattivi.

Hemm bżonn li jkun hemm l-appoġġ għall-iżvilupp ta' valutazzjoni tat-teknoloġija għas-saħħa u ekonomiji tas-saħħa, kif ukoll tal-ġbir ta' evidenza u disseminazzjoni tal-aħjar prattiki u teknoloġiji innovattivi u approċċi fis-settur tal-kura tas-saħħa, inklużi l-applikazzjonijiet tal-ICT u s-saħħa elettronika. Se tiġi appoġġata l-analiżi komparattiva tar-riforma fis-sistemi tas-saħħa pubblika fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi u l-valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom fuq perjodu medju ta' żmien u fit-tul. Se tiġi appoġġata l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol futura kemm f'termini ta' għadd kif ukoll ħiliet meħtieġa fir-rigward ta' mudelli ġodda ta' kura. Se tiġi appoġġata r-riċerka dwar l-evoluzzjoni tal-inugwaljanzi fis-saħħa, tal-interkonnessjonijiet tagħhom mal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali oħrajn u dwar l-effettività tal-politiki bl-għan li jnaqqsuhom fl-Ewropa u lil hinn. Fl-aħħarnett, hemm il-ħtieġa li tiġi appoġġata l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' sikurezza tal-pazjent u s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, inkluż ir-rwol tal-pazjenti fuq is-sikurezza u l-kwalità tal-kura.

### 1.16. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

L-appoġġ ipprovdut se jkopri l-ispettru sħiħ tal-attivitajiet mit-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija sa azzjonijiet ta' dimostrazzjoni ta' skala kbira, li jwasslu għal soluzzjonijiet skalabbli għall-Ewropa u lil hinn.

## 2. SIGURTÀ TAL-IKEL, AGRIKOLTURA SOSTENIBBLI, RIĊERKA DWAR IL-BAĦAR U DIK MARITTIMA U L-BIJOEKONOMIJA

### 2.1. Agrikoltura u foresterija sostenibbli

L-għarfien, għodod, servizzi u innovazzjonijiet xierqa huma neċessarji sabiex jappoġġaw sistemi ta' agrikoltura u foresterija iktar produttivi, li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti li jipprovdu biżżejjed ikel, għalf, bijomassa u materja prima filwaqt li jipprovdu servizzi tal-ekosistemi u jappoġġaw l-iżvilupp tal-għajxien rurali li jrendi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu l-alternattivi għall-integrazzjoni tal-objettivi agronomiċi u ambjentali fil-produzzjoni sostenibbli, biex b'hekk: tiżdied il-produttività u l-effiċjenza tar-riżorsi tal-agrikoltura; jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra agrikoli (GHGs); titnaqqas il-lissija tan-nutrijenti mill-artijiet kultivati f'ambjenti terresti u akwatiċi; titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet lejn l-Ewropa tal-proteina derivata minn pjanta internazzjonali; jiżdied il-livell ta' bijodiversità fis-sistemi ta' produzzjoni primarja.

#### *2.1.1. Żieda fl-effiċjenza tal-produzzjoni u kif wieħed ilaħħaq mal-bidla fil-klima, filwaqt li jiġu żgurati s-sostenibbilità u r-reżiljenza*

Attivitajiet li se jsaħħu l-produttività kif ukoll il-kapaċità ta' adattament tal-pjanti, annimali u sistemi ta' produzzjoni biex ilaħħqu mal-kundizzjonijiet ambjentali/klimatiċi li qed jinbidlu b'rata mgħaġġla u mar-riżorsi naturali dejjem iktar skarsi. L-innovazzjonijiet riżultanti se jgħinu fiċ-ċaqliq lejn ekonomija b'uża baxx tal-enerġija, emissjonijiet baxxi u livell baxx ta' skart, matul il-katina kollha ta' provvisti tal-ikel u l-għalf. Minbarra l-kontribuzzjoni għas-

sigurtà tal-ikel, l-opportunitajiet ġodda se jinħolqu għall-provvista tal-bijomassa u prodotti sekondarji mill-agrikoltura u foresterija għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet industrijali mhux tal-ikel.

L-approċċi multidixxiplinarji se jiġu mfittxa sabiex itejbu l-prestazzjoni tal-pjanti, annimali, mikroorganiżmi, filwaqt li jiżguraw l-użu effiċjenti tar-riżorsi (ilma, nutrijenti, enerġija) u l-integrità ekoloġika taż-żoni rurali. L-enfasi se titqiegħed fuq is-sistemi ta' produzzjoni u prattiki agronomiċi integrati u differenti, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' preċiżjoni u approċċi ta' intensifikazzjoni ekoloġika sabiex tibbenefika kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika. It-titjib ġenetiku tal-pjanti u annimali għall-karatteristiċi ta' adattament u produttività se jesiġi l-approċċi kollha ta' tgħammir konvenzjonali u modern u użu aħjar ta' riżorsi ġenetiċi. Se tingħata attenzjoni lill-ġestjoni tal-ħamrija f'azjenda agrikola għaż-żieda tal-fertilità tal-ħamrija bħala bażi għall-produttività tar-rabà. Is-saħħa tal-annimali u pjanti se tkun promossa u l-miżuri integrati ta' kontroll tal-mard/organiżmi li jagħmlu ħsara se jkunu żviluppati iktar. L-istrateġiji għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, inkluż iż-żoonosi se jkunu indirizzati flimkien mar-riċerka dwar ir-reżistenza antimikrobjali. L-istudju tal-effetti tal-prattiki fuq il-benessri tal-annimali se jgħin sabiex jiġi indirizzat t-tħassib tas-soċjetà. L-oqsma elenkati hawn fuq se jkunu sostnuti minn aktar riċerka fundamentali biex tindirizza mistoqsijiet bijoloġiċi rilevanti kif ukoll bħala appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni.

### *2.1.2. Forniment ta' servizzi tal-ekosistema u beni pubbliċi*

L-agrikoltura u l-foresterija huma sistemi uniċi li jqassmu l-prodotti kummerċjali iżda wkoll beni pubbliċi tas-soċjetà usa' (inkluż il-valur kulturali u rikreazzjonali) u servizzi ekoloġiċi importanti bħal bijodiversità funzjonali u fil-post, pollinazzjoni, regolazzjoni tal-ilma, pajsaġġ, tnaqqis tal-erożjoni u s-sekwestru tal-karbonju / mitigazzjoni tal-GHG. L-attivitajiet ta' riċerka se jappoġġaw il-forniment ta' dawn il-beni u servizzi pubbliċi, permezz ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni, għodod li jappoġġaw id-deċiżjonijiet u l-valutazzjoni tal-valur mhux kummerċjali tagħhom. Il-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-identifikazzjoni tas-sistemi tal-biedja/foresti u l-mudelli tal-pajsaġġ li x'aktarx jiksbu dawn l-iskopijiet. Ċaqliq fil-ġestjoni attiva tas-sistemi agrikoli - inklużi l-użu tat-teknoloġiji u t-tibdil tal-prattiki - se jżid il-mitigazzjoni l-mitigazzjoni tal-GHG u l-kapaċità adattivi tas-settur agrikolu

### *2.1.3. Għoti ta' setgħa liż-żoni rurali, appoġġ għall-politiki u innovazzjoni rurali*

L-opportunitajiet ta' żvilupp għall-komunitajiet rurali se jkunu mmobilizzati permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom għall-produzzjoni primarja u tqassim ta' servizzi tal-ekosistemi, kif ukoll permezz tal-ftuħ ta' possibilitajiet għall-produzzjoni ta' prodotti ġodda u diversifikati (ikel, għalf, materjali, enerġija), li jissodisfaw id-domanda dejjem tikber għal sistemi ta' katina qasira ta' forniment b'livell baxx ta' karbonju. Ir-riċerka soċjoekonomika flimkien mal-iżvilupp ta' kunċetti ġodda u innovazzjonijiet istituzzjonali huma meħtieġa sabiex jiżguraw il-koeżjoni ta' żoni rurali u jipprevjenu l-marġinalizzazzjoni ekonomika u soċjali, irawwmu d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi (inkluż is-settur tas-servizzi), jiżguraw ir-relazzjonijiet xierqa bejn iż-żoni rurali u urbani, kif ukoll jiffaċilitaw l-iskambju tal-għarfien, id-dimostrazzjoni, l-innovazzjoni u disseminazzjoni u trawwim tal-ġestjoni parteċipattiva ta' riżorsi . Minbarra dan, hemm bżonn li wieħed iħares lejn il-modi li bihom il-beni pubbliċi fiż-żoni rurali jistgħu jkunu kkonvertiti f'benefiċċji soċjoekonomiċi lokali/reġjonali. Il-ħtiġijiet tal-innovazzjoni ddefiniti fuq livelli reġjonali u lokali se jkunu kkumplimentati b'azzjonijiet trasversali ta' riċerka fuq livelli interreġjonali u Ewropej. Billi jiġu pprovduti l-għodod

analitiċi, indikaturi, mudelli u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem meħtieġa, il-proġetti ta' riċerka se jappoġġaw dawk li jfasslu l-politika u atturi oħra fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istrateġiji, politiki u leġiżlazzjoni rilevanti, mhux biss għaż-żoni rurali iżda għall-bijoekonomija kollha. L-għodod u dejta huma wkoll meħtieġa sabiex jippermettu valutazzjoni kif suppost ta' kompromessi potenzjali bejn it-tipi diversi ta' użu ta' riżorsi (art, ilma u oħrajn) u prodotti bijoekonomiċi. Se tkun indirizzata l-valutazzjoni soċjoekonomika u komparattiva tas-sistemi ta' biedja/foresti u l-prestazzzjoni ta' sostenibbilità.

## 2.2. Settur agroalimentari sostenibbli u kompetittiv għal dieta sikura u tajba għas-saħħa

Il-ħtiġijiet tal-konsumatur għal ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u affordabbli għandhom bżonn jiġu indirizzati, filwaqt li jitqiesu l-impatti tal-imġiba tal-konsum tal-ikel u tal-produzzjoni tal-ikel u l-għalf fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistema totali. Se jiġu indirizzati s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, il-kompetittività tal-industrija agroalimentari u s-sostenibbilità tal-produzzjoni u provvista tal-ikel, b'kopertura tal-katina kollha tal-ikel u s-servizzi relatati, kemm jekk konvenzjonali jew organiċi, mill-produzzjoni primarja għall-konsum. Dan l-approċċ se jikkontribwixxi għal (a) ksib ta' sikurezza u sigurtà tal-ikel għall-Ewropej kollha u l-eradikazzjoni tal-ġuħ fid-dinja (b) tnaqqis tal-piż tal-mard relatat mal-ikel u dieti billi jkun hemm promozzjoni ta' ċaqliq lejn dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli, permezz tal-edukazzjoni tal-konsumatur u innovazzjonijiet fl-industrija tal-ikel (c) tnaqqis tal-konsum tal-ilma u tal-enerġija fl-ipproċessar tal-ikel, trasport u distribuzzjoni u (d) tnaqqis tal-iskart mill-ikel b'50% sal-2030.

### *2.2.1. Għazliet infurmati tal-konsumatur*

Il-preferenzi, attitudnijiet, ħtiġijiet, imġiba, stil ta' ħajja u edukazzjoni tal-konsumatur se jiġu indirizzati, u l-komunikazzjoni bejn il-konsumaturi u l-komunità ta' riċerka tal-katina tal-ikel u l-operaturi tagħha se jiġu msaħħa sabiex tittejjeb l-għażla infurmata, konsum sostenibbli u l-impatti tagħhom fuq il-produzzjoni, tkabbir inklużiv u kwalità ta' ħajja, speċjalment ta' gruppi vulnerabbli. L-innovazzjoni soċjali se tirrispondi għall-isfidi tas-soċjetà, u l-mudelli u metodoloġiji innovattivi fix-xjenza tal-konsumatur se jipprovdu dejta komparabbli u jħejju t-triq għar-reazzjoni għall-ħtiġijiet tal-politika tal-UE.

### *2.2.2. Ikel u dieti tajbin għas-saħħa u siguri għal kulħadd*

Se jkunu indirizzati l-ħtiġijiet nutrizzjonali u l-impatt tal-ikel fuq il-funzjonijiet fiżjoloġiċi, prestazzjoni fiżika u mentali kif ukoll ir-rabtiet bejn id-dieta, tixjiħ, mard u disturb kroniku u mudelli tad-dieta. Se jkunu identifikati s-soluzzjonijiet u l-innovazzjonijiet tad-dieti li jwasslu għal titjib fis-saħħa u l-benessri. Il-kontaminazzjoni, riskji u esponiment tal-kimika u dawk mikrobjali fuq l-ikel u l-għalf se jiġu vvalutati, immonitorjati u ttraċċjati tul il-ktajjen ta' provvista tal-ikel u tal-ilma tax-xorb mill-produzzjoni u ħżin għall-ipproċessar, ippakkjar, distribuzzjoni, forniment tal-ikel u preparazzjoni d-dar. L-innovazzjonijiet fis-sikurezza tal-ikel, l-għodod imtejba tal-komunikazzjoni tar-riskju u l-istandards imtejba tas-sikurezza tal-ikel se jwasslu għal tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur fl-Ewropa. Standards globali mtejba tas-sikurezza tal-ikel se jgħinu wkoll biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel.

### 2.2.3. *Industrija agroalimentari sostenibbli u kompetittiva*

Il—ħtiġijiet għall-industrija tal-ikel u l-għalf sabiex ilaħħqu mal-bidla tas-soċjetà, dik ambjentali, klimatika u ekonomika minn livell lokali għal dak globali se jiġu indirizzati fl-istadji kollha tal-katina ta' produzzjoni tal-ikel u l-għalf, inkluż id-disinn tal-ikel, l-ipproċessar, l-ippakkjar, kontroll tal-proċess, tnaqqis tal-iskart, valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji u l-użu jew rimi sikur tal-prodotti sekondarji tal-annimali. Se jiġu ġġenerati proċessi innovattivi u sostenibbli li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza, u l-prodotti diversifikati, siguri, affordabbli u ta' kwalità għolja . Dan għandu jsaħħaħ il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-katina Ewropea ta' provvista tal-ikel, jtejjeb il-kompetittività tagħha, joħloq tkabbir ekonomiku u l-impjiegi u jippermetti lill-industrija Ewropea tal-ikel li tadatta għall-bidliet. Aspetti oħra li għandhom jiġu indirizzati huma t-traċċabiltà, loġistika u servizzi, fatturi soċjoekonomiċi, ir-reżiljenza tal-katina tal-ikel kontra r-riskji ambjentali u klimatiċi, u l-limitazzjoni tal-impatti negattivi fuq l-attivitajiet tal-katina tal-ikel u tad-dieti li jinbidlu u s-sistemi ta' produzzjoni fuq l-ambjent.

## 2.3. L-isfruttar tal-potenzjal tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin

Waħda mill-karatteristiċi prinċipali tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin hija li dawn huma rinnovabbli u l-isfruttar sostenibbli tagħhom jiddependi fuq għarfien fid-dettall u grad għoli ta' kwalità u produttività tal-ekosistemi akwatiċi. L-objettiv ġenerali huwa li jiġu sfruttati r-riżorsi akkwatiċi ħajjin b'mod sostenibbli sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji/dħul mill-oċeani u ibħra tal-Ewropa. Dan jinkludi l-ħtieġa li tiġi ottimizzata l-kontribuzzjoni sostenibbli tas-sajd u akkwakultura għas-sigurtà tal-ikel fil-kuntest tal-ekonomija globali li titnaqqas id-dipendenza qawwija tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-frott tal-baħar (madwar 60 % tat-total tal-konsum ta' frott tal-baħar Ewropew jiddependi fuq l-importazzjoni u l-UE hija l-ikbar importatriċi fid-dinja tal-prodotti tas-sajd), u li l-bijoteknoloġiji tal-baħar sabiex tingħata spinta lit-tkabbir 'blu'. Skont l-oqfsa attwali tal-politika, l-attivitajiet ta' riċerka se jsostnu l-approċċ tal-ekosistema għal ġestjoni u sfruttar tar-riżorsi naturali, u l-'iżvilupp ekoloġiku' tas-setturi involuti.

### 2.3.1. *Żvilupp ta' sajd sostenibbli u li jħares l-ambjent*

Il-Politika Komuni tas-Sajd ġdida, id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Bijodiversità jesiġu sajd Ewropew li jkun iktar sostenibbli, kompetittiv, u li jħares l-ambjent. Iċ-ċaqliq lejn approċċ tal-ekosistema għal ġestjoni tas-sajd se jesiġi għarfien dettaljat tal-ekosistemi tal-baħar. Għarfien, għodod u mudelli ġodda se jiġu żviluppati sabiex itejbu l-fehim dwar dak li jagħmel l-ekosistemi tal-baħar tajbin għas-saħħa u produttivi u sabiex jiġi evalwat u mitigat l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar (inkluż il-baħar fond). Se jiġu żviluppati strateġiji ġodda tal-ħsad li jipprovdu servizzi lis-soċjetà filwaqt li jinżammu ekosistemi tal-baħar b'saħħithom. Se jitkejlu l-effetti soċjoekonomiċi tal-alternattivi ta' ġestjoni. L-effetti u adattament għat-tibdiliet ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, se jiġu investigati wkoll flimkien mal-għodod ġodda ta' ġestjoni sabiex jiġu indirizzati r-riskji u l-inċertezzi. L-attivitajiet se jappoġġaw ir-riċerka dwar il-bijoloġija, ġenetika u dinamika tal-popolazzjonijiet tal-ħut, dwar ir-rwol ta' speċi prinċipali fl-ekosistemi, dwar l-attivitajiet tas-sajd u l-monitoraġġ tagħhom, dwar l-imġiba tas-settur tas-sajd u l-adattament għas-swieq ġodda, pereżempju l-ekotikkettar fuq l-involviment tal-industrija tas-sajd fit-tfassil tad-deċiżjoni. Se jiġu indirizzati wkoll l-użu maqsum tal-ispazju marittimu ma' attivitajiet oħra, b'mod partikolari ż-żona kostali, u l-impatt soċjoekonomiku tiegħu.

*2.3.2. L-iżvilupp ta' akkwakultura Ewropea li hija kompetittiva*

L-akkwakultura għandha potenzjal ogħli għall-iżvilupp ta' prodotti sikuri, tajba għas-saħħa u kompetittivi mfassla għall-ħtiġijiet u preferenzi tal-konsumatur kif ukoll għal servizzi ambjentali (bijorimedjazzjoni, ġestjoni tal-art u l-ilma, eċċ) u l-produzzjoni tal-enerġija iżda teħtieġ li tkun realizzata bis-sħiħ ġewwa l-Ewropa. L-għarfien u t-teknoloġiji se jkunu msaħħa fl-aspetti kollha tad-domestikazzjoni tal-ispeċi stabbiliti u d-diversifikazzjoni għall-ispeċi ġodda filwaqt li jitqiesu l-interazzjonijiet bejn l-akkwakultura u l-ekosistemi akkwatiċi, u l-effetti tat-tibdil fil-klima u kif is-settur jista' jadatta għalihom. L-innovazzjoni se tkun ukoll promossa għall-produzzjoni sostenibbli fiż-żona interna, fuq il-kosta u lil hinn mill-kosta. Se ssir enfasi ukoll fuq il-fehim tad-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi tas-settur sabiex tiġi sostnuta l-produzzjoni kosteffiċjenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tissodisfa d-domanda tas-suq u tal-konsumatur, filwaqt li jiġu żgurati kompetittività u prospetti attraenti għall-investituri u produtturi.

*2.3.3. Spinta lill-innovazzjoni fis-settur tal-baħar permezz tal-bijoteknoloġija*

Iktar minn 90 % tal-bijodiversità tal-baħar tibqa' mhux esplorata, u toffri potenzjal enormi għall-iskoperta ta' speċi u applikazzjonijiet ġodda fil-qasam tal-bijoteknoloġiji tal-baħar, li huwa prevista illi tiġġenera 10 % ta' tkabbir annwali għal dan is-settur. L-appoġġ se jingħata sabiex jiġi esplorat u sfruttat iktar il-potenzjal kbir offrut mill-bijodiversità tal-baħar u l-bijomassa akkwatika sabiex jinħolqu proċessi, prodotti u servizzi innovattivi ġodda fuq is-swieq b'applikazzjonijiet potenzjali f'setturi li jinkludu l-industriji kimiċi u tal-materjali, il-farmaċewtika, is-sajd u l-akkwakultura, il-provvista tal-enerġija u l-kożmetika.

## 2.4. Industriji b'bażi bijoloġika sostenibbli u kompetittivi

L-objettiv ġenerali huwa li tiġi aċċellerata l-konverzjoni tal-industriji Ewropej ibbażati fuq il-fossili għal industriji b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu l-mezzi biex titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq fjuwils fossili u jikkontribwixxu għall-ksib tal-miri tal-politika ta' Enerġija u tat-tibdil fil-klima għall-2020 (10 % tal-fjuwils tat-trasport minn sorsi rinnovabbli u tnaqqis ta' 20 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra). L-istimi jikkonkludu li ċaqliq favur materja prima bijoloġika u metodi ta' ipproċessar bijoloġiku jistgħu jiffrankaw sal-ekwivalenti ta' 2.5 biljun tunnellata ta' $CO_2$ kull sena sal-2030, b'żieda qawwija fis-swieq għall-materja prima b'bażi bijoloġika u prodotti ġodda tal-konsumatur. Il-ħsad ta' dawn l-elementi potenzjali jesiġi il-bini ta' bażi ta' għarfien wiesgħa u l-iżvilupp ta' (bijo)teknoloġiji rilevanti, bl-iffukar prinċipalment fuq tliet elementi essenzjali: a) trasformazzjoni tal-proċessi attwali bbażati fuq il-fossili f'dawk ibbażati fuq bijoteknoloġija effiċjenti fl-enerġija; b) stabbiliment ta' ktajjen ta' provvista affidabbli u xierqa ta' flussi ta' bijomassa u skart u network wiesa' ta' bijoraffineriji madwar l-Ewropa; u ċ) appoġġ għall-iżvilupp tas-suq għall-prodotti u proċessi b'bażi bijoloġika. Se jiġu mħarsa s-sinerġiji mal-objettiv speċifiku tat-'Tmexxija fit-Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali'.

*2.4.1. Trawwim tal-bijoekonomija għall-industriji b'bażi bijoloġika*

Progress kbir lejn industriji b'livell baxx ta' karbonju, b'użu effiċjenti tar-riżorsi u sostenibbli se jkunu appoġġati permezz tal-iskoperta u l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi terrestri u akkwatiċi, filwaqt li timminimizza l-impatti ambjentali ħżiena. Ghandhom jiġu ezaminati l-kompromessi potenzjali bejn l-użi differenti tal-bijomassa. Se jiġu mmirati l-iżvilupp tal-prodotti b'bażi bijoloġika u l-komposti bijoloġikament attivi għall-industriji u konsumaturi bi kwalitajiet,

funzjonalitajiet ġodda u sostenibbiltà mtejba . Il-valur ekonomiku tar-riżorsi rinnovabbli, il-bijoskart u l-prodotti sekondarji se jiġu mmassimizzati permezz tal-proċessi ġodda u li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza.

*2.4.2. L-iżvilupp ta' bijoraffineriji integrati*

L-attivitajiet se jiġu appoġġati biex tingħata spinta lil prodotti b'bażi bijoloġika, l-intermedji u l-bijoenerġija/bijofjuwils, li jiffukaw fil-biċċa l-kbira fuq approċċ kaskata, bi prijoritizzazzjoni lill-ġenerazzjoni ta' prodotti ta' valur miżjud għoli. Se jiġu żviluppati strateġiji u teknoloġiji li jiżguraw provvista tal-materja prima. It-titjib tad-diversi tipi tal-bijomassa għall-użu fit-tieni u t-tielet ġenerazzjoni ta' bijoraffineriji, inkluża l-forestrija, il-bijoskart u prodotti industrijali sekondarji, se jgħinu jevitaw kunflitti tal-ikel/fjuwil u jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku ta' oqsma rurali u kostali fl-Unjoni.

*2.4.3. L-appoġġ għall-iżvilupp tas-suq għall-prodotti u proċessi b'bażi bijoloġika*

Miżuri orjentati lejn id-domanda se jiftħu swieq ġodda għall-innovazzjoni bijoteknoloġija. L-istandardizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni u internazzjonali hija meħtieġa, fost oħrajn, għad-determinazzjoni tal-kontenut b'bażi bijoloġika u l-funzjonalitajiet u l-bijodegradabbiltà tal-prodott. Il-metodoloġiji u l-approċċi għall-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja jeħtieġu li jkunu żviluppati iktar u kontinwament adattati għall-avvanzi xjentifiċi u industrijali. L-attivitajiet ta' riċerka li jappoġġaw l-istandardizzazzjoni tal-prodott u l-proċess u l-attivitajiet regolatorji fil-qasam tal-bijoteknoloġija huma meqjusa essenzjali għall-appoġġ għall-ħolqien ta' swieq ġodda għall-irrealizzar tal-opportunitajiet kummerċjali.

**2.5. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni**

Lil hinn mis-sorsi ġenerali tal-parir estern, se jintlabu konsultazzjonijiet speċifiċi mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola (SCAR) dwar firxa ta' kwistjonijiet, inklużi l-aspetti strateġiċi permezz tal-attivitajiet ta' antiċipazzjoni tiegħu kif ukoll ir-riċerka agrikola bejn il-livelli nazzjonali u tal-Unjoni. Se jiġu stabbiliti rabtiet xierqa mal-azzjonijiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola".

L-impatt u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka se jkunu appoġġati b'mod attiv permezz ta' azzjonijiet speċifiċi dwar il-komunikazzjoni, l-iskambju ta' għarfien u l-involviment ta' atturi varja tul il-proġetti. L-implimentazzjoni se tikkombina sensiela wiesgħa ta' attivitajiet, inklużi attivitajiet sostanzjali ta' dimostrazzjoni u pilota. Se jitrawwmu l-aċċess faċli u miftuħ għar-riżultati ta' riċerka u l-aqwa prattiki, fejn xieraq permezz ta' bażijiet tad-dejta.

Permezz ta' appoġġ speċifiku lill-SMEs se tkun possibbli parteċipazzjoni akbar ta' azjendi agrikoli, sajjieda u tipi oħra ta' mikroimpriżi fl-attivitajiet ta' riċerka u dimostrazzjoni. Se jitiqesu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tal-produzzjoni primarja għas-servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni u l-istrutturi ta' komunikazzjoni. L-implimentazzjoni se tgħaqqad firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inklużi l-azzjonijiet ta' skambju tal-għarfien fejn l-involviment tal-bdiewa u intermedjarji se jkun attivament żgurat bl-għan li jinġabru fil-qosor il-ħtiġijiet ta' riċerka tal-utenti finali. Se jitrawwmu l-aċċess faċli u miftuħ għar-riżultati ta' riċerk u l-aqwa prattiki, fejn xieraq permezz ta' bażijiet tad-dejta.

L-appoġġ għall-istabbiliment ta' standards se jintuża biex jgħin it-thaffif tal-iskjerament fis-suq ta' oġġetti u servizzi b'bażi bijoloġika.

Jista' jitqies l-appoġġ għal Inizjattivi ta' Ipprogrammar Konġunt (JPIs) inkluż l-"Agrikoltura, Sigurtà tal-ikel u Tibdil fil-Klima"; "Dieta tajba għal Ħajja b'Saħħitha"; u "Ibħra u Oċeani Tajbin għas-Saħħa u Produttivi"u li jimplimentaw sħubiji privati pubbliċi possibbli fil-qasam tal-bijoindustriji.

Se jiġu mfittxa sinerġiji ma' fondi oħra tal-Unjoni, u l-iskjerament ulterjuri tagħhom, li huma relatati ma' din l-isfida tas-soċjetà, bħall-Fondi għall-Iżvilupp Rurali u l-Fondi tas-Sajd.

Se jitwettqu attivitajiet li jħarsu 'l quddiem fost is-setturi tal-bijoekonomija, inkluż l-iżvilupp ta' bażijiet tad-dejta, indikaturi u mudelli li jindirizzaw dimensjonijiet globali, Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Se jiġi żviluppat osservatorju Ewropew tal-bijoekonomija għall-immappjar u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni globali tal-Unjoni u dawk globali, billi jiġu żviluppati indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, u l-monitoraġġ tal-politiki ta' innovazzjoni fil-bijoekonomija.

## 3. ENERĠIJA SIGURA, NADIFA U EFFIĊJENTI

### 3.1. Tnaqqis tal-konsum tal-Enerġija u l-marka tal-karbonju permezz ta' użu intelliġenti u sostenibbli

Is-sorsi tal-Enerġija u x-xejriet ta' konsum tal-industrija, trasport, bini, irħula u bliet tal-Ewropa, fil-biċċa l-kbira, mhumiex sostenibbli u jwasslu għal impatti ambjentali u tibdil fil-klima sinifikanti. L-iżvilupp ta' bini li ma joħloq kważi l-ebda emissjoni, industrija effiċjenti ħafna u adozzjoni tal-massa ta' approċċi effiċjenti fl-enerġija mill-kumpaniji, individwi, komunitajiet u bliet se jesiġu mhux biss l-avvanzi teknoloġiċi, iżda wkoll soluzzjonijiet mhux teknoloġiċi bħal pereżempju servizzi konsultattivi u ta' ġestjoni tal-finanzjament u d-domanda. B'dan il-mod, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tista' tipprovdi wieħed mill-iktar modi kosteffettivi sabiex titnaqqas il-domanda għall-enerġija, b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, bit-tnaqqis tal-impatti ambjentali u klimatiċi u tissaħħaħ il-kompetittività.

#### *3.1.1. Jinġiebu lis-suq tal-massa tekonoloġiji u servizzi għal użu intelliġenti u effiċjenti tal-enerġija*

It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-eliminazzjoni tal-ħela tal-enerġija, filwaqt li jiġu provduti s-servizz li għandhom bżonn is-soċjetà u l-ekonomija , jeħtieġ mhux biss li jinġiebu iktar prodotti u servizzi għas-suq tal-massa li huma aktar effiċjenti, kostkompetittivi, li jħarsu l-ambjent u iktar intelliġenti iżda wkoll li jkun hemm l-integrazzjoni ta' komponenti u apparat b'tali mod li dawn jikkooperaw sabiex jottimizzaw l-użu globali tal-enerġija mill-bini, servizzi u industrija.

Sabiex jiġu żgurati l-adozzjoni u l-benefiċċji sħaħ għall-konsumaturi (inkluża l-possibbiltà għalihom li jimmonitorja il-konsum tagħhom stess), il-prestazzjoni tal-enerġija ta' dawn it-teknoloġiji u servizzi għandha bżonn tkun addattata u ottimizata għall-ambjenti ta' applikazzjoni tagħhom u fihom. Dan jeħtieġ mhux biss ir-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) innovattivi u l-monitoraġġ u t-tekniki ta' kontroll iżda wkoll proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira u attivitajiet ta' skjerament prekummerċjali sabiex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u skalabbiltà. Tali proġetti għandhom jimmiraw għall-iżvilupp ta' proċeduri komuni għal ġbir, tqabbil u analizzar tad-

dejta dwar il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet sabiex isir titjib fil-kejl, trasparenza, aċċettabbiltà soċjali, ippjanar u viżibbiltà tal-użu tal-enerġija u l-impatti ambjentali.

*3.1.2. Sfruttar tal-potenzjal ta' sistemi ta' tisħin –tkessiħ effiċjenti u rinnovabbli*

Parti sostanzjali tal-enerġija hija kkonsumata għal finijiet ta' tisħin jew tkessiħ madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji kosteffettivi u effiċjenti, tekniki ta' integrazzjoni tas-sistemi, pereżempju konnettività tan-netwerk bil-lingwi u servizzi standardizzati f'dan il-qasam, jistgħu jkollhom impatt kbir fuq it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija. Dan jeħtieġ riċerka u dimostrazzjoni ta' sistemi u komponenti ġodda għall-applikazzjonijiet industrijali, kif ukoll residenzjali, pereżempju fil-provvista deċentralizzata u distrettwali tal-ilma sħun u t-tisħin u tkessiħ tal-ispazju. Dan għandu jinkludi teknoloġiji differenti: pompi termali solari, ġeotermali, tal-bijomassa u tat-tisħin, sħana u enerġija kombinata, eċċ, u jissodisfa r-rekwiżiti tal-bini u distretti ta' kważi żero enerġija. Skoperti rivoluzzjonarji oħrajn huma meħtieġa, b'mod partikolari, fil-ħżin termali mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sabiex jitrawwem l-iżvilupp u l-iskjerament ta' kombinazzjonijiet effiċjenti ta' tisħin ibridu u sistemi ta' tkessiħ, għal applikazzjonijiet ċentralizzati u dawk deċentralizzati.

*3.1.3. Trawwim ta' Bliet u Komunitaiet Ewropej intelliġenti*

Iż-żoni urbani huma wieħed mill-akbar konsumaturi ta' enerġija fl-Unjoni u jemettu parti kbira korrispondenti ta' gassijiet serra, filwaqt li jiġġeneraw ammont sostanzjali ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. Fl-istess ħin, iż-żoni urbani huma affettwati mit-tnaqqis fil-kwalità tal-arja u t-tibdil fil-klima u għandhom jiżviluppaw l-istrateġiji ta' mitgazzjoni u adattament tagħhom stess. Is-sejba ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' enerġija (effiċjenza tal-enerġija, sistemi ta' provvista tal-elettriku u tisħin u tkessiħ), integrati mat-trasport, skart u trattament tal-ilma, kif ukoll soluzzjonijiet tal-ICT għall-ambjent urban huma għalhekk kruċjali fit-trasformazzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju. Inizjattivi immirati bħala appoġġ għall-konvergenza tal-ktajjen ta' valur industrijali tal-enerġija, trasport u s-settur tal-ICT għal applikazzjonijiet urbani intelliġenti għandhom jiġu previsti. Fl-istess ħin, ippjanar u mudelli kummerċjali teknoloġiċi, organizzattivi ġodda jesiġu li jkunu żviluppati u ttestjati fuq skala sħiħa skont il-ħtiġijiet u mezzi tal-ibliet u komunitajiet. Ir-riċerka hija wkoll meħtieġa sabiex jinftiehmu l-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali li huma involuti f'din it-trasformazzjoni.

## 3.2. Provvista ta' elettiku bi spiża baxxa u b'livell baxx ta' karbonju

L-elettriku se jkollu rwol ċentrali fl-istabbiliment ta' ekonomija ambjentalment sostenibbli b'livell baxxi ta' karbonju. L-adozzjoni tal-ġenerazzjoni ta' elettriku b'livell baxx ta' karbonju qed isseħħ bil-mod wisq minħabba l-ispejjeż kbar involuti. Hemm bżonn urġenti li jinstabu soluzzjonijiet li jnaqqsu l-ispejjeż b'mod sinifikati, bi prestazzjoni u sostenibilità msaħħa, sabiex jiġi aċċellerat l-iskjerament fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' karbonju. B'mod partikolari, sabiex:

*3.2.1. Jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tal-Enerġija li ġejja mir-riħ*

L-objettiv għall-enerġija li ġejja mir-riħ huwa li titnaqqas l-ispiża tal-produzzjoni tal-elettriku ta' riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta sa madwar 20 % sal-2020 meta mqabbla mal-2010, favur dejjem aktar il-produzzjoni lil hinn mill-kosta, u li tiġi permessa l-integrazzjoni xierqa fil-grilja tal-elettriku. L-attenzjoni se tkun fuq l-iżvilupp, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni tas-sistemi ta' konverżjoni tal-enerġija li ġejja mir-riħ tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' skala ikbar, effiċjenzi ogħla fil-konverżjoni u disponibbilitajiet ogħla għas-sistemi fuq l-art u dawk lil hinn mill-

kosta (inklużi l-postijiet remoti u ambjenti b'temp ostili) kif ukoll proċessi ġodda ta' manifattura tas-serje .

*3.2.2. Żvilupp ta' sistemi tal-enerġija solari effiċjenti, affidabbli u kostkompetittivi*

L-ispiża tal-enerġija solari, li tkopri l-fotovoltajċi (PV) u l-konċentrazzjoni tal-enerġija solari (CSP), għandha tkun imnaqqsa bin-nofs sal-2020 meta mqabbla mal-2010, jekk huwa mixtieq sehem akbar tas-suq tal-elettriku.

Għall-PV, dan se jeħtieġ riċerka fit-tul dwar il-kunċetti u sistemi ġodda, dimostrazzjoni u ttestjar ta' produzzjoni tal-massa bl-għan li jkun hemm skjerament fuq skala kbira.

Għas-CSP, l-enfasi se tkun fuq l-iżvilupp ta' metodi biex tiżdied l-effiċjenza filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-impatt ambjentali, li jippermettu skalar industrijali 'il fuq tat-teknoloġiji dimostrati bil-bini ta' impjanti tal-enerġija bla preċedent. Se jiġu ttestjati soluzzjonijiet li jikkombinaw b'mod effiċjenti l-produzzjoni tal-elettriku solari mad-desalinizzazzjoni tal-ilma.

*3.2.3. Jiġu żviluppati teknoloġiji kompetittivi u ambjentalment sikuri għall-qbid, trasport u ħżin ta' CO2.*

Il-qbid u ħżin tal-karbonju (CCS) huma alternattiva ewlenija li għandha tkun użata b'mod wiesa' fuq skala kummerċjali f'livell globali sabiex jilqgħu l-isfida ta' ġenerazzjoni ta' enerġija dekarbonizzata u industrija b'livell baxx ta' karbonju sal-2050. L-objettiv huwa li tiġi mminimizzata l-ispiża żejda tas-CCS fis-settur tal-enerġija għall-impjanti mħaddma bil-faħam u mħaddma bil-gass meta mqabbla ma' impjanti ekwivalenti mingħajr CCS u stallazzjonijiet industrijali li huma intensivi fl-enerġija.

L-appoġġ se jingħata, b'mod partikolari, sabiex juri l-katina kollha tas-CCS għal portafoll rappreżentattiv ta' alternattivi teknoloġiċi differenti ta' qbid, trasport u ħżin. Dan se jkun akkumpanjat b'riċerka sabiex jiġu żviluppati b'mod ulterjuri dawn it-teknoloġiji u sabiex jitwasslu teknoloġiji ta' qbid kompetittivi, komponenti mtejba, sistemi u proċessi integrati, ħżin ġeoloġiku sikur u soluzzjonijiet razzjonali għall-użu mill-ġdid fuq skala kbira ta' $CO_2$ maqbud sabiex jippermetti l-iskjerament kummerċjali tat-teknoloġiji tas-CCS għall-impjanti ta' enerġija mħaddma b'fjuwils fossili u industriji oħra intensivi fil-karbonju li jkomplu fl-operat wara l-2020.

*3.2.4. Żvilupp ta' alternativi ta' enerġija ġeotermali, idro, tal-baħar u rinnovabbli oħrajn*

L-enerġija ġeotermali, idro u tal-baħar kif ukoll enerġiji rinnovabbli oħra jistgħu jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-provvista Ewropea ta' enerġija filwaqt li jssaħħu l-flessibilità tagħha għal produzzjoni u użu varjabbli ta' enerġija. L-objettiv huwa li jitwasslu sal-maturità kummerċjali t-teknoloġiji kosteffettivi u sostenibbli, u b'hekk jintlaħaq skjerament ta' skala kbira fiq skala industrijali inklużа l-integrazzjoni tal-grilja. Enerġiji tal-oċean bħal dawk mill-mareat, kurrenti jew mewg joffru veralment enerġija mingħajr emissjonijiet u prevedibbli. Attivitajiet ta' riċerka għandhom jinkludu r-riċerka innovattiva fuq skala ta' laboratorju f'komponenti u materjali affidabbli u ta' spiża baxxa f'ambjent b'livell għoli ta' korrużjoni u akkumulu ta' organiżmi bijoloġiċi mhux mixtieqa kif ukoll dimostrazzjonijiet taħt il-kundizzjonijiet varjati li jinsabu fl-ilmijiet Ewropej.

### 3.3. Fjuwils alternattivi u sorsi mobbli ta' enerġija

Biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tat-tnaqqis tas-$CO_2$ tal-Ewropa jeħtieġ ukoll li jkun hemm żvilupp ta' fjuwils u sorsi mobbli ta' enerġija ġodda. Dan huwa partikolarment importanti biex tiġi indirizzata l-isfida ta' trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat. Il-ktajjen tal-valur għal dawn it-teknoloġiji u fjuwils alternattivi mhumiex żviluppati biżżejjed u għandhom ikunu aċċellerati għal skala ta' dimostrazzjoni.

*3.3.1. Biex il-bijoenerġija issir kompetittiva u sostenibbli*

L-objettiv għall-bijoenerġija huwa li t-teknoloġiji l-iktar promettenti jitwasslu sal-maturità kummerċjali, li twassal għal produzzjoni sostenibbli fuq skala kbira ta' bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni ta' ktajjen ta' valuri differenti għat-trasport, u sħana u enerġija kombinata u effiċjenti ħafna mill-bijomassa, inkluż is-CCS. L-għan huwa li tiġi żviluppata u murija t-teknoloġija għal perkorsi differenti tal-bijoenerġija fi skali differenti, billi jitqiesu l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi differenti u r-restrizzjonijiet loġistiċi. Riċerka iktar fit-tul se tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija sostenibbli tal-bijoenerġija wara l-2020. Dawn l-attivitajiet se jikkomplimentaw l-attivitajiet ta' riċerka upstream (materjal użat għall-produzzjoni, bijoriżorsi) u downstream (integrazzjoni fil-flotot tal-vetturi) imwettqa fi Sfidi tas-Soċjetà oħra rilevanti.

*3.3.2. Tnaqqis tal-hin għall-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-idrogenu u ċelloli tal-fjuwil*

Ċelloli tal-fjuwils u l-idroġenu għandhom potenzjal kbir sabiex jikkontribbwixxu għall-indirizzar tal-isfidi fl-enerġija li l-Ewropa qed taffronta. Biex dawn it-teknoloġiji jaslu għall-kompetittività kummerċjali jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fil-ispiża. Pereżempju l-ispiża tas-sistemi taċ-ċelloli tal-fjuwils għat-trasportazzjoni se jkollhom jitnaqqsu b'fattur ta' 10 matul l-10 snin li ġejjin. Sabiex dan isir, se jingħata appoġġ lil dimostrazzjonijiet ta' skala kbira u attivitajiet ta' skjerament prekummerċjali għall-applikazzjonijiet portabbli, stazzjonarji u tat-trasport u s-servizzi relatati, kif ukoll riċerka fit-tul u żvilupp ta' teknoloġija sabiex tinbena katina kompetittiva taċ-ċellola tal-fjuwils u produzzjoni u infrastruttura sostenibbli tal-idroġenu madwar l-Unjoni. Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali b'saħħitha hija meħtieġa sabiex tippermetti l-iskoperti rivoluzzjonarji tas-suq ta' skala suffiċjenti, inkluż l-iżvilupp ta' standards xierqa.

*3.3.3. Fjuwils alternattivi ġodda*

Hemm firxa ta' alternattivi ġodda b'potenzjal fit-tul, bħal pereżempju fjuwils tal-metall fi trab, fjuwils minn mikroorganiżmi fotosintetiċi (f'ambjenti tal-ilma u l-art) u minn imitazzjonijiet artifiċjali fotosintetiċi. Dawn il-perkorsi ġodda joffru potenzjal għal iktar konverżjoni effiċjenti tal-enerġija, iktar teknoloġiji kostkompetittivi u sostenibbli, u proċessi ta' emissjonijiet kważi newtrali ta' "gassijiet serra"li ma jikkompetux għall-artijiet agrikoli. L-appoġġ se jingħata notevolment sabiex minn skala ta' laboratorju dawn it-teknoloġiji ġodda u oħrajn potenzjali jitwasslu sa skala ta' dimostrazzjoni bl-għan ta' dimostrazzjoni kummerċjali sal-2020.

### 3.4. Grilja tal-elettiku Ewropea unika u intelliġenti

In-netwerks tal-elettriku jridu jwiegbu għal tliet sfidi interkonnessi sabiex tiġi permessa sistema tal-elettriku li hija aċċessibbli għall-konsumatur u dejjem aktar dekarbonizzata:

ħolqien ta' suq pan-Ewropew; integrazzjoni ta' żieda massiva ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; u l-immaniġġjar tal-interazzjoni bejn miljuni ta' fornituri u klijenti (fejn id-djar se jkunu, dejjem aktar, it-tnejn), inklużi s-sidien tal-vetturi elettriċi. In-netwerks futuri tal-elettriku jkollhom rwol ewlieni għat-tranżizzjoni għal sistemi tal-elettriku kompletament dekarbonizzati, filwaqt li tipprovdi flessibilità u kostbenefiċċji addizzjonali għall-konsumaturi. L-għan prevalenti sal-2020 huwa li jiġi trasmess u distribwit madwar 35 % tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli mxerrda u kkonċentrati.

Sforz b'saħħtu ta' riċerka integrata u dimostrazzjoni se jappoġġaw l-iżvilupp ta' komponenti u teknoloġiji ġodda li se jirrispondu għall-partikolaritajiet ta' kemm in-naħa tat-trazmissjoni kif ukoll dik tad-distribuzzjoni tal-grilja, kif ukoll l-ħżin.

Għandhom jitqiesu l-alternattivi kollha sabiex jiġu bbilanċjati b'suċċess il-provvista u d-domanda sabiex jimminimizzaw l-emissjonijiet u l-ispejjeż. Teknoloġiji tas-sistemi tal-enerġija ġodda u infrastruttura ta' komunikazzjoni diġitali bidirezzjonali għandhom ikunu riċerkati u integrati fil-grilja tal-elettriku. Dan se jikkontribwixxi għal ippjanar, monitoraġġ, kontroll u tħaddim sigur aħjar tan-netwerks f'kundizzjonijiet normali u ta' emerġenza, kif ukoll sabiex jiġu mmaniġġjati l-interazzjonijiet bejn il-fornituri u l-klijenti u sabiex il-fluss tal-enerġija jkun trasportat, immaniġġjat u negozjat. Għall-iskjerament tal-infrastruttura futura, indikaturi u analiżi tal-benefiċċju tal-ispiża għandhom iqisu l-kunsiderazzjonijiet tas-sistema tal-enerġija kollha. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn il-grilji intelliġenti u n-netwerks ta' telekomunikazzjoni se jkunu mmassimizzati sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' investimenti u titħaffef l-adozzjoni tas-servizzi ta' enerġija intelliġenti.

Mezzi ta' ħżin tal-enerġija (kemm dawk ta' skala kbira kif ukoll il-batteriji) u sistemi tas-twassil ġodda se jipprovdu l-flessibilità meħtieġa bejn il-produzzjoni u d-domanda. Teknoloġiji tal-ICT imtejba se jżidu aktar il-flessibilità tad-domanda għall-elettiku billi l-klijenti (industrijali, kummerċjali u residenzjali) jiġu pprovduti bl-għodod neċessarji ta' awtomazzjoni.

It-tfassil ġdid tal-ippjanar, tas-suq u dak regolatorju jeħtieġu li jixprunaw l-effiċjenza ġenerali u l-kosteffettività tal-katina ta' provvista tal-elettriku u l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi kif ukoll it-tfaċċar ta' suq miftuħ u kompetittiv għat-teknoloġiji tal-grilja, prodotti u servizzi intelliġenti. Il-proġetti ta' dimostrazzjoni ta' skala kbira huma meħtieġa biex jittestjaw u jikkonvalidaw is-soluzzjonijiet u jivvalutaw il-benefiċċji għas-sistema u l-partijiet interessati individwali, qabel ma jintużaw madwar l-Ewropa. Dan għandu ikun akkumpanjat b'riċerka sabiex jinftiehem kif il-konsumaturi u negozji jirreaġixxu għall-inċentivi ekonomiċi, bidliet fl-imġiba, servizzi ta' informazzjoni u opportunitajiet innovattivi oħra pprovduti mill-grilji intelliġenti.

### 3.5. Għarfien u teknoloġiji ġodda

Teknoloġiji ġodda, iktar effiċjenti u kostkompetittivi se jkunu meħtieġa fit-tul. Il-progress għandu jitħaffef permezz tar-riċerka multidixxiplinarja biex jinkisbu l-iskoperti rivoluzzjonarji xjentifiċi fil-kunċetti relatati mal-enerġija u teknoloġiji abilitanti (pereżempju nanoxjenza, xjenza tal-materjali u fiżika tal-istat solidu, ICT, bijoxjenza, komputazzjoni, spazju); kif ukoll l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet fit-teknoloġiji futuri u emerġenti.

Ir-riċerka avvanzata se tkun meħtieġa wkoll sabiex tipprovdi soluzzjonijiet għall-adattament ta' sistemi ta' enerġija għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu. Il-prijoritajiet jistgħu jiġu aġġustati għall-ħtiġijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda jew fenomeni osservati ġodda li

jistgħu jindikaw żviluppi promettenti jew riskji għas-soċjetà u li jistgħu joħorġu matul l-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020.

### 3.6. Teħid tad-deċiżjonijiet u involviment tal-pubbliku robusti

Ir-riċerka dwar l-enerġija għandha tappoġġa u tkun allinjata b'mod qawwi mal-politika dwar l-enerġija. L-għarfien estensiv tat-teknoloġiji u servizzi tal-enerġija, infrastrutturi, swieq (inklużi l-oqfsa regolatorji) u l-imġiba tal-konsumatur huwa meħtieġ sabiex jipprovdi analiżi robusta lil dawk li jfasslu l-politika. Se jingħata appoġġ, b'mod partikolari, fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-Pjan-SET, sabiex jiġu żviluppati għodod, metodi u mudelli robusti u trasparenti sabiex jiġu vvalutati l-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali prinċipali relatati mal-enerġija; biex jinbnew bażijiet tad-dejta u xenarji għal Unjoni mkabbra u l-valutazzjoni tal-impatt tal-enerġija u tal-politiki dwar l-enerġija fuq is-sigurtà tal-provvista, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, is-soċjetà u l-kompetittività tal-industrija tal-enerġija; biex jiwettqu attivitajiet ta' riċerka soċjoekonomika.

L-isfruttar tal-possibilitajiet offruti mit-teknoloġiji tal-internet u soċjali, l-imġiba tal-konsumatur inkluża dik tal-konsumaturi vulnerabbli bħall-persuni bid-dizabilitajiet u tibdiliet komportamentali se jkunu studjati fil-pjattaformi miftuħa ta' innovazzjoni bħal pereżempju l-Laboratorji Ħajjin u d-dimostraturi ta' skala kbira għall-innovazzjoni tas-servizz.

### 3.7. Adozzjoni tal-innovazzjoni fl-enerġija min-naħa tas-suq, għoti ta' setgħa lis-swieq u l-konsumaturi

L-adozzjoni tas-suq innovattiv u s-soluzzjonijiet ta' replikazzjoni huma essenzjali sabiex jinħarġu teknoloġiji tal-enerġija ġodda f'waqthom u permezz ta' implimentazzjoni li hija kosteffettiva. Flimkien mar-riċerka u dimostrazzjoni xprunati mit-teknoloġija, jeħtieġu azzjonijiet b'valur miżjud ċar tal-Unjoni bl-għan ta' żvilupp, applikazzjoni, tqassim u replikazzjoni tal-innovazzjonijiet mhux teknoloġiċi b'fattur għoli ta' influwenza fis-swieq tal-enerġija sostenibbbli tal-Unjoni fost id-dixxiplini u livelli ta' governanza.

Tali innovazzjonijiet se jiffukaw fuq il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli fuq il-livell regolatorju, amministrattiv u ta' finanzjament għat-teknoloġiji u soluzzjonijiet b'livelli baxxi ta' karbonju, rinnovabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. L-appoġġ se jingħata għal miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija, li jippreparaw l-isfond għat-tnedija tal-investimenti, li jappoġġaw il-bini ta' kapaċità u li jaġixxu fuq l-aċċettazzjoni pubblika.

It-riċerka u l-analiżi ripetutament jikkonfermaw ir-rwol kruċjali tal-fattur uman fis-suċċess u falliment tal-politiki ta' enerġija sostenibbli. L-istrutturi organizzattivi innovattivi, id-disseminazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin u taħriġ speċifiku u bini tal-kapaċità se jkunu mheġġa

### 3.8. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

L-iffissar tal-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet f'din l-isfida hija xpunata mill-bżonn li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-enerġija. Għan ewlieni se jkun l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni tal-Pjan Stategiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET)[24] sabiex jintlaħqu l-objettivi

---

[24] COM(2007) 723

tal-politika dwar l-Enerġija u t-tibdil fil-klima tal-Unjoni. Għaldaqstant il-pjanijiet direzzjonali u l-pjanijiet ta’ implimentazzjoni tal-Pjan SET se jipprovdu kontribuzzjoni ta’ valur għall-formulazzjoni tal-programmi ta’ ħidma. L-istruttura ta’ governanza tal-Pjan SET se tkun użata bħala bażi ta' prinċipji għall-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi u l-koordinazzjoni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija madwar l-Unjoni.

L-Aġenda mhux teknoloġika se tkun iggwidata mill-politika u l-legizlazzjoni dwar l-enerġija tal-Unjoni. Se jiġi appoġġat l-ambjent li jippermetti skjerament ta' massa ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u ta' servizz murija, proċessi u inizjattivi ta’ politika għal teknoloġiji b’livell baxx ta' karbonju u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija madwar l-Unjoni. Dan jista' jinvolvi appoġġ għall-assistenza teknika għall-iskjerament u l-introduzzjoni i ta’ investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u fl-enerġija rinnovabbli.

Sħubija mal-partijiet interessati Ewropej se tkun importanti għat-tqassim tar-riżorsi u l-implimentazzjoni konġunta. Jista’ jkun previst, abbażi ta' każijiet individwali, li l-Inizjattivi Industrijali Ewropej ewlenin tal-Pjan SET jinqalbu f'sħubijiet privati pubbliċi formalizzati, jekk jitqies xieraq, sabiex jiżdiedu l-livell u l-koerenza tal-finanzjament nazzjonali u jiġu stimulati azzjonijiet konġunti ta’ riċerka u innovazzjoni bejn l-Istati Membri. Se jitqies l-għoti ta' appoġġ, inkluż ma’ Stati Membri, lill-alleanzi tal-atturi ta' riċerka pubblika, partikolarment, l-Alleanza Ewropea għar-Riċerka fl-Enerġija stabbilita taħt il-Pjan SET sabiex jiġu raggruppati riżorsi u infrastrutturi pubbliċi tar-riċerka biex jiġu indirizzati oqsma kritiċi ta' interess Ewropew. Azzjonijiet ta' koordinazzjoni internazzjonali għandhom jappoġġaw il-prijoritajiet tal-pjan SET skont il-prinċipju ta’ ġeometrija varjabbli, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet u speċifiċitajiet tal-pajjiżi.

Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea sistema tal-Pjan SET se tiġi mmobilizzata biex tiżviluppa, flimkien mal-partijiet interessati, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li jimmonitorjaw il-progress tal-implimentazzjoni u li se tiġi riveduta fuq bażi regolari sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi. Fuq livell aktar ġenerali, l-implimentazzjoni taħt din l-Isfida se tipprova ttejjeb l-koordinazzjoni tal-Programmi, inizjattivi u politiki rilevanti tal-Unjoni, bħall-Politika ta’ Koeżjoni, partikolarment permezz ta' strateġiji nazzjonali u reġjonali għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u l-mekkaniżmi tal-Iskema tan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, pereżempju fir-rigward tal-appoġġ għal proġetti ta’ dimostrazzjoni.

## 4. TRASPORT INTELLIĠENTI, EKOLOĠIKU U INTEGRAT

### 4.1. Trasport li juża r-riżorsi b’effiċjenza u li jħares l-ambjent

L-Ewropa stabbilixxiet mira ta' politika li jinkiseb tnaqqis ta’ 60 % ta' $CO_2$ sal-2050. L-għan tagħha huwa li l-użu ta' karozzi bi 'fjuwil konvenzjonali’ fl-ibliet jitnaqqas bin-nofs u tinkiseb loġistika fl-ibliet li hija ħielsa mis-$CO_2$-fiċ-ċentri urbani ewlenin sal-2030. Fjuwils b’livelli baxxi ta’ karbonju fl-avjazzjoni għandhom ilaħħqu l-40 % sal-2050, u l-emissjonijiet ta’ $CO_2$ mill-fjuwils tal-bunkers marittimi għandhom jitnaqqsu b’40 % sal-2050.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jikkontribwixxu sostanzjalment għall-iżvilupp u l-adozzjoni tas-soluzzjonijiet neċessarji għall-modi kollha tat-trasport, li se jnaqqsu drastikament l-emissjonijiet tat-trasport li huma ta' ħsara għall-ambjent (bħal pereżempju $CO_2$, NOx, u SOx), inaqqsu d-dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili, u b’hekk inaqqsu l-impatt tat-trasport fuq l-bijodiversità u jħarsu r-riżorsi naturali.

Dan se jsir permezz tal-ħidma fuq l-attivitajiet speċifiċi li ġejjin:

*4.1.1. Inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti iktar nodfa u inqas storbjużi se jtejbu l-prestazzjoni ambjentali u jnaqqwu l-istorbju u vibrazzjoni perċepiti.*

L-attivitajiet f'din l-isfera se jiffukaw fuq il-prodotti aħħarin, iżda wkoll jindirizzaw id-disinn ħafif u ekoloġiku tal-proċessi ta' manifattura, b'kapaċità ta' riċiklaġġ integrata fil-fażi ta' disinn.

(a) L-iżvilupp u l-aċċelerazzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' propulsjoni iktar nodfa huma importanti sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat is-$CO_2$ u t-tniġġis mit-trasport. Soluzzjonijiet ġodda u innovattivi huma neċessarji, imsejsa fuq magni u batteriji elettriċi, ċelloli tal-fjuwil jew propulsjoni ibrida. L-iskoperti rivoluzzjonarji teknoloġiċi se jgħinu wkoll fit-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tas-sistemi ta' propulsjoni tradizzjonali.

(b) L-esplorazzjoni tal-alternattivi għall-użu ta' enerġiji alternattivi b'emissjonijiet baxxi se jgħinu fit-tnaqqis tal-konsum ta' fjuwils fossili. Dan jinkludi l-użu ta' fjuwils u elettriku sostenibbli mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-modi kollha ta' trasport, inkluż l-avjazzjoni, it-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil permess tal-ħsad ta' enerġija jew provvista diversifikata ta' enerġija u soluzzjonijiet innovattivi oħra. Approċċi ħolistiċi ġodda se jkunu segwiti u jinkludu l-vetturi, ħżin tal-enerġija u infrastruttura tal-provvista tal-enerġija, inklużi l-interfaċċji tal-mezz ta' twassil għall-grilja u s-soluzzjonijiet innovattivi għall-użu ta' fjuwils alternattivi.

(c) Tnaqqis fil-piż tal-inġenji tal-ajru, bastimenti u vetturi u t-tnaqqis tar-reżistenza aerodinamika, idrodinamika jew għad-dawrien bl-użu ta' materjali eħfef, strutturi eħfef u disinn innovattiv se jikkontribwixxu għal inqas konsum ta' fjuwil.

*4.1.2. Żvilupp ta' tagħmir, infrastrutturi u servizzi intelliġenti*

Dan se jgħin fl-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport u fit-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi. L-attenzjoni se tkun fuq l-użu u ġestjoni effiċjenti tal-ajruporti, portijiet, pjattaformi loġistiċi u infrastrutturi ta' trasport tal-wiċċ, kif ukoll fuq sistemi ta' manutenzjoni u spezzjoni awtonomi u effiċjenti . Attenzjoni partikolari se tingħata lir-reżiljenza kontra l-klima tal-infrastrutturi, soluzzjonijiet kosteffiċjenti bbażati fuq approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, u adozzjoni usa' ta' materjali ġodda li jippermettu manutenzjoni iktar effiċjenti u spejjeż iktar baxxi. Se tingħata attenzjoni wkoll lill-aċċessibilità u l-inklużività soċjali.

*4.1.3. Titjib tat-trasport u l-mobbiità fiż-żoni urbani*

Dan se jibbenefika minn sehem kbir li qiegħed dejjem jikber tal-popolazzjoni li tgħix u taħdem fl-ibliet jew li tużahom għas-servizzi u divertiment. Kunċetti ta' mobbiltà, organizzazzjoni tat-trasport, loġistika u soluzzjonijiet ta' ippjanar ġodda jesiġu li jiġu żviluppati u ttestjati, li se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-tniġġis fl-arja u fl-istorbju, u jtejbu l-effiċjenza. Trasport pubbliku u mhux motorizzat, kif ukoll alternattivi ta' trasport effiċenti fir-riżorsi għandhom jiġu żviluppati bħala alternattiva reali għall-użu tal-vetturi privati bil-mutur, appoġġati minn użu ikbar tas-sistemi ta' trasport intelliġenti, kif ukoll ġestjoni innovattiva tad-domanda.

## 4.2. Mobbiltà aħjar, inqas konġestjoni, iktar sikurezza u sigurtà

Il-miri rilevanti tal-politika Ewropea għat-trasport għandhom l-għan li jottimizzaw il-prestazzjoni u l-effiċjenza fid-dawl tad-domanda dejjem akbar għall-mobbiltà, sabiex l-

Ewropa issir l-iktar reġjun sikur għall-avjazzjoni u tersaq lejn il-mira ta' żero fatalitajiet fit-trasport fit-triq sal-2050. Sal-2030, 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' iktar minn 300 kilometru għandu jaqleb għal trasport bil-ferrovija jew fuq l-ilma. Trasport pan-Ewropew kontinwu u effiċjenti għan-nies u oġġetti, li jinternalizza wkoll l-ispejjeż esterni, jeħtieġ ġestjoni, informazzjoni u sistema ta' pagament tat-trasport multimodali Ewropew.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jagħmlu kontribuzzjonijiet importanti lejn dawn il-miri ambizzjużi tal-politika, permezz ta' attivitajiet fl-attivitajiet speċifiċi li ġejjin:

*4.2.1. Tnaqqis sostanzjali tal-konġestjoni tat-traffiku*

Dan jista' jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' trasport kompletament intermodali 'minn bieb għal bieb'u permezz tal-evitar ta' użu mhux meħtieġ tat-trasport. Dan ifisser promozzjoni ta' iktar integrazzjoni bejn il-modi ta' trasport, l-ottimizzazzjoni tal-ktajjen ta' trasport u servizzi ta' trasport integrati aħjar. Tali soluzzjonijiet innovattivi se jiffaċilitaw l-aċċessibilità, inkluż għall-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-utenti vulnerabbli.

*4.2.2. Ttitjib sostanzjali fil-mobbiltà tan-nies u tal-merkanzija*

Dan jista' jinkiseb permezz tal-iżvilupp u użu wiesa' ta' applikazzjonijiet u sistemi ta' ġestjoni intelliġenti tat-trasport . Dan jesiġi: ippjanar, ġestjoni tad-domanda, sistemi ta' informazzjoni u ħlas li huma interoperabbli madwar l-Ewropa; u l-integrazzjoni sħiħa tal-flussi ta'informazzjoni, sistemi ta' ġestjoni, netwerks tal-infrastruttura u servizzi ta' mobbiltà f'qafas multimodali komuni ġdid imsejjes fuq pjattaformi miftuħa. Dan se jiżgura wkoll flessibilità u reazzjonijiet rapidi għall-ġrajjiet ta' kriżi u kundizzjonijiet estremi tat-temp billi jiġi kkonfigurat mill-ġdid l-ivjaġġar tul il-modi. Applikazzjonijiet ġodda ta' pożizzjonament, navigazzjoni u tal-ħin, li huma possibbli permezz tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo u EGNOS, se jkunu strumentali fil-kisba ta' dan l-objettiv.

(a) It-teknoloġiji innovattivi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru se jikkontribwixxu għal avvanz fis-sikurezza u effiċjenza b'domanda, dejjem akbar, għall-puntwalità, sabiex jitnaqqas il-ħin moħli f'proċeduri relatati mal-ivvjaġġar fl-ajruporti u sabiex tinkiseb reżiljenza fis-sistema tat-trasport bl-ajru. L-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-'Ajru Uniku Ewropew' se jkunu appoġġati b'soluzzjonijiet għal awtomazzjoni u awtonomija akbar fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-kontroll tal-inġenji tal-ajru, integrazzjoni aħjar tal-komponenti tal-ajru u l-art, u soluzzjonijiet ġodda għall-immaniġġar effiċjenti u bla xkiel tal-passiġieri u l-merkanzija tul is-sistema ta' trasport.

(b) Għat-trasport bl-ilma, l-ippjanar u teknoloġiji ta' ġestjoni mtejba u integrati se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' 'Ċinturin Blu' fl-ibħra madwar l-Ewropa, sabiex jittejbu l-operazzjonijiet fil-port, għal qafas xieraq għall-passaġġi tal-ilma fuq l-art.

(c) Għall-ferroviji u t-trasport bit-triq, l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tan-netwerk se ttejjeb l-użu effiċjenti tal-infrastruttura u tagħmel l-operazzjonijiet transkonfinali iktar faċli. Ġestjoni tat-traffiku fit-triq u sistemi ta' informazzjoni kooperattivi u komprensivi se jiġu żviluppati, billi jkunu msejsa fuq il-komunikazzjoni minn vettura għal vettura u minn vettura għall-infrastruttura.

*4.2.3. L-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-kunċetti ġodda tat-trasport u l-loġistika tal-merkanzija*

Dan jista' jnaqqas mill-pressjoni fuq is-sistema ta' trasport u jtejjeb is-sikurezza u l-kapaċità tal-merkanzija. Dawn jistgħu, pereżempju, jikkombinaw il-vetturi ta' prestazzjoni għolja u impatt ambjentali baxx b'sistemi intelliġenti, siguri abbord u bbażati fuq l-infrastruttura (pereżempju ferroviji tat-triq). L-attivitajiet se jappoġġaw ukoll l-iżvilupp tal-viżjoni tal-Merkanzija-e ta' proċess ta' trasport tal-merkanzija mingħajr karti, fejn il-flussi ta' informazzjoni elettronika, servizzi u pagamenti huma marbuta mal-flussi fiżiċi tal-merkanzija tul il-modi ta' trasport.

*4.2.4. Tnaqqis tar-rati ta' inċidenti u kawżalitajiet fatali u titjib tas-sigurtà*

Dan se jinkiseb permezz ta' indirizzar tal-aspetti inerenti għall-organizzazzjoni, ġestjoni u monitoraġġ tal-prestazzjoni u riskju tas-sistemi ta' trasport; u permezz ta' ffukar fuq id-disinn u operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti, infrastrutturi u terminali. L-attenzjoni se tkun fuq is-sikurezza passiva u attiva, sikurezza preventiva, u proċessi ta' awtomazzjoni u taħriġ msaħħa biex jitnaqqas l-impatt tal-iżbalji umani. Sabiex jiġi antiċipat, evalwat u mitigat aħjar l-impatt tat-temp u l-perikli naturali oħra, se jkunu mfassla għodod speċjali u tekniċi . L-attivitajiet se jiffukaw ukoll fuq l-integrazzjoni tal-aspetti ta' sigurtà fl-ippjanar u ġestjoni tal-flussi tal-passiġġieri u l-merkanzija, fuq il-konċepiment tal-ajruplani, vetturi u bastimenti, fuq il-ġestjoni tat-traffiku u tas-sistema u fuq il-disinn tat-terminali.

## 4.3. Tmexxija globali għall-industrija Ewropea tat-trasport

Billi ikunu fuq quddiem fit-teknoloġiji ġodda u fit-tnaqqis tal-ispejjeż ta' proċessi ta' manifattura eżisteni, ir-riċerka u l-innovazzjoni se jikkontribwixxu għat-tkabbir u impjiegi ta' ħiliet għolja fl-industrija Ewropea tat-trasport, fid-dawl tal-kompetizzjoni dejejm akbar. F'riskju hija l-ħarsien tal-kompetittività ta' settur ekonomiku ewlieni li jirrappreżenta direttament 6.3% tal-PDG tal-Unjoni u li jħaddem 13-il miljun ruħ fl-Ewropa. Objettivi speċifiċi jinkludu l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport innovattivi tal-ġenerazzjoni li jmiss u t-tħejjija tal-isfond għal dik ta' wara, permezz tal-ħidma fuq kunċetti u disinni ġodda, sistemi ta' kontroll intelliġenti u proċessi ta' produzzjoni effiċjenti. L-Ewropa għandha l-għan li ssir il-mexxej dinji fl-effiċjenza u s-sigurtà fil-modi kollha ta' trasport.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiffukaw fuq l-attivitajiet speċifiċi li ġejjin:

*4.3.1. L-iżvilupp tal-mezzi ta' trasport tal-ġenerazzjoni li jmiss bħala l-mezz ta' kif jiġi żgurat is-sehem tas-suq fil-futur.*

Dan se jgħin fit-tisħiħ tat-tmexxija Ewropea fl-oqsma tal-ingenji tal-ajru, ferroviji ta' veloċità għolja, trasport tal-ferrovija (sub)urban, vetturi tat-triq, elettromobbiltà, vapuri tal-passigieri, laneċ tal-passigieri u vapuri b'teknoloġija għolja u pjattaformi tal-baħar. Dan se jistimula wkoll il-kompetittività tal-industriji Ewropej fit-teknoloġiji u sistemi li jmiss u jappoġġa d-diversifikazzjoni tagħhom lejn is-swieq ġodda, inkluż fis-setturi oħra għajr dawk tat-trasport. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' ajruplani, vetturi u bastimenti innovattivi li jinkorporaw unitajiet effiċjenti ta' propulsjoni, prestazzjoni għolja u sistemi ta' kontroll intelliġenti.

*4.3.2. Sistemi ta' kontroll abbord u intelliġenti*

Dawn huma meħtieġa sabiex jiġu rrealizzati livelli ogħla ta' prestazzjoni u integrazzjoni tas-sistemi fit-trasport. L-interfaċċji xierqa għall-komunikazzjonijiet bejn l-inġenji tal-ajru, vetturi

u infrastrutturi fil-kombinazzjonijiet kollha rilevanti se jiġu żviluppati, bil-ħsieb ta' definizzjoni ta' standards operattivi komuni.

*4.3.3. Proċessi ta' produzzjoni avvanzati*

Dawn se jippermettu l-addattar, spiża taċ-ċiklu tal-ħajja u ħin għall-iżvilupp iktar baxxi u l-iffaċilitar tal-istandardizzazzjoni u ċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti u infrastruttura relatata. L-attivitajiet f'dan il-qasam se jiżviluppaw disinn u tekniki ta' manifattura mgħaġġla u kosteffiċjenti, inkluż l-assemblaġġ, kostruzzjoni, manutenzjoni u reċiklaġġ, permezz tal-għodod u awtomazzjoni diġitali, u kapaċità li jiġu integrati s-sistemi kumplessi. Dan se jrawwem ktajjen ta' provvista kompetittivi li huma kapaċi li jfornu lis-suq fi żmien qasir u b'inqas spejjeż.

*4.3.4. Esplorazzjoni ta' kunċetti ta' trasport kompletament ġodda*

Dan se jgħin biex jissaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv Ewropew f'perspettiva fit-tul. Ir-riċerka strateġika u l-prova tal-attivitajiet kunċettwali għandhom jindirizzaw is-sistemi ta' trasport u servizzi innovattivi, inklużi tipi kompletament awtomatizzati u tipi oħrajn ġodda ta' inġenji tal-ajru, vetturi u bastimenti b'potenzjal fit-tul.

## 4.4. Riċerka soċjoekonomika u attivitajiet li jħarsu 'l quddiem għat-tfassil tal-politika

Azzjonijiet għall-appoġġ tal-analiżi u l-iżvilupp tal-politika inklużi l-aspetti soċjoekonomiċi tat-trasport huma neċessarji sabiex jippromwovu l-innovazzjoni u jissodisfaw l-isfidi li jitqajmu mit-trasport. L-attivitajiet se jimmiraw għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riċerka u innovazzjoni tal-politiki Ewropej għat-trasport, studji prospettivi u antiċipazzjoni teknoloġika, u lejn it-tisħiħ taż-Żona Ewropea għar-Riċerka.

Fehim tal-imġiba tal-utenti, l-aċċettazzjoni soċjali, l-impatt tal-miżuri tal-politika, il-mudelli ta' mobbiltà u mudelli kummerċjali u l-implikazzjonijiet tagħhom huma ta' importanza vitali għall-evoluzzjoni tas-sistema Ewropea tat-trasport. Se jitwettaq żvilupp tax-xenarju li jqis ix-xejriet tas-soċjetà, objettivi tal-politika u antiċipazzjoni teknoloġika f'perspettiva tal-2050. Fid-dawl tal-fehim aħjar tar-rabtiet bejn l-iżvilupp territorjali u s-sistema Ewropea tat-trasport, hemm bżonn ta' mudelli robusti li fuqhom jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet tal-politika sodi.

Ir-riċerka se tiffoka fuq kif għandhom ikunu evitati l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-mobbiltà, u kif għandha titjieb il-pożizzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Il-kwistjonijiet ekonomiċi għandhom ukoll ikunu indirizzati, bl-iffukar tal-modi ta' internalizzazzjoni tal-esternalitajiet tat-trasport fost il-modi, kif ukoll il-mudelli ta' tassazzjoni u pprezzar. Ir-riċerka prospettiva hija meħtieġa biex tivvaluta r-rekwiżiti futuri għall-ħiliet u impjiegi.

## 4.5. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

Fl-iffissar tal-prijoritajiet fil-programm ta' ħidma, flimkien mal-kontribuzzjoni tal-parir indipendenti estern u tal-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, għandha titqies il-ħidma mwettqa fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tat-Teknoloġija tat-Trasport.

# 5. AZZJONI KLIMATIKA, UŻU EFFIĊJENTI TAR-RIŻORSI U MATERJA PRIMA

## 5.1. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-adattar għalih

Il-konċentrazzjonijiet attwali ta' $CO_2$ fl-atmosfera huma kważi 40 % ogħla minn dawk fil-bidu tar-rivoluzzjoni industrijali u fl-ogħla livelli esperjenzati fl-aħħar 2 miljun sena. Gassijiet serra mhux ta' $CO_2$ jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima u għandhom rwol sinifikanti li qiegħed dejjem jikber. Mingħajr azzjoni deċiżiva, it-tibdil fil-klima jista' jiswa lid-dinja mill-inqas 5 % tal-PDG kull sena; u sa 20 % taħt ċerti xenarji. B'kuntrast ma' dan, b'azzjoni bikrija u effettiva, l-ispejjeż netti jistgħu jkunu limitati għal madwar 1 % tal-PDG kull sena. Li tintlaħaq il-mira ta' 2°C u l-evitar tal-agħar impatti tat-tibdil fil-klima se jesiġu li l-pajjiżi żviluppati jaqtgħu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa 80-95 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Għalhekk, l-għan ta' din l-attività huwa li jiġu żviluppati u vvalutati miżuri innovattivi, kosteffettivi u sostenibbli ta' adattament u ta' mitigazzajoni, li jindirizzaw kemm il-gassijiet serra b'$CO_2$ kif ukoll dawk mingħajr $CO_2$, u jenfasizzaw kemm soluzzjonijiet ekoloġiċi teknoloġiċi u dawk li mhumiex, permezz tal-ġenerazzjoni ta' evidenza għal azzjoni infurmata, bikrija u effettiva u n-netwerking tal-kompetenzi meħtieġa.

Sabiex jintlaħaq dan, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiffoka fuq dan li ġej:

### *5.1.1. Titjib tal-fehim tat-tibdil fil-klima u l-għoti ta' projezzjonijiet tal-klima li huma affidabbli*

Fehim aħjar tal-kawżi u l-evoluzzjoni tat-tibdil fil-klima u projezzjonijiet klimatiċi iktar preċiżi huma kruċjali sabiex is-soċjeta' tipproteġi l-ħajjiet, oġġetti u infrastrutturi u tiżgura t-teħid effettiv ta' deċiżjonijiet. Huwa essenzjali li titjieb iktar il-bażi ta' għarfien xjentifiku tal-katalizzaturi klimatiċi, proċessi, mekkaniżmi u reazzjonijiet assoċjati mal-iffunzjonar tal-oċeani, ekosistemi terrestri u l-atmosfera. Tbassir tal-klima imtejjeb fi skali pertinenti u spazjali se jkun appoġġat permezz tal-iżvilupp ta' xenarji u mudelli iktar preċiżi, inklużi l-mudelli akkoppjati bis-sħiħ mal-mudelli tas-sistema tad-Dinja.

### *5.1.2. Valutazzjoni tal-impatt, vulnerabbiltajiet u żvilupp ta' miżuri innovattivi kosteffettivi ta' adattament u tal-prevenzjoni tar-riskju*

Hemm għarfien mhux komplut dwar l-ħila tas-soċjetà u l-ekonomija li jadattaw għat-tibdil fil-klima. Miżuri effettivi, ġusti u soċjalment aċċettabbli lejn ambjent u soċjetà reżiljenti għall-klima jesiġu analiżi integrata tal-impatti, vulnerabbiltajiet, esponiment tal-popolazzjoni, riskji, spejjeż u opportunitajiet assoċjati mat-tibdil u varjabbiltà fil-klima, filwaqt li jitqiesu l-avvenimenti estremi u perikli ikkaġunati mill-klima u r-rikorrenza tagħhom. Din l-analiżi se tkun żviluppata ukoll fuq l-impatti avversi tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità, ekosistemi u servizzi tal-ekosistema, infrastrutturi u assi ekonomiċi u naturali. Se jkun hemm enfasi fuq l-ekosistemi naturali tal-iktar valur u ambjenti mibnija, kif ukoll setturi soċjali, kulturali u ekonomiċi ewlenin madwar l-Ewropa. L-azzjonijiet se jinvestigaw l-impatti u r-riskji dejjem jibkru għas-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-konċentrazzjonijiet miżjuda tal-gassijiet serra fl-atmosfera. Ir-riċerka se tevalwa it-tweġibiet innovattivi, distribwiti b'mod ġust u kosteffettivi ta' adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż il-protezzjoni u l-adattament ta' riżorsi naturali u ekosistemi, u effetti relatati, sabiex tinforma u tappoġġa l-iżvilupp tagħhom u l-implimentazzjoni fuq il-livelli u skali kollha. Dan ukoll se jinkludi l-impatti, spejjeż u riskji potenzjali, ta' alternattivi ta' ġeoinġinerija. L-interkonnessjonijiet ,

kunflitti u sinerġiji kumplessi ta’ alternattivi ta' adattament u ta' politiki ta' prevenzjoni tar-riskju ma' politiki tal-klima u settorjali oħra se jkunu investigati, inklużi l-impatti fuq l-impjiegi u l-istandards ta' għajxein ta' gruppi vulnerabbli.

*5.1.3. Appoġġ għall-politiki ta' mitigazzjoni*

It-tranżizzjoni tal-Unjoni għal ekonomija kompetittiva, li tuża r-riżorsi b’effiċjenza u reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050 tesiġi id-disinn ta’ strateġiji effettivi, fit-tul, b’emissjonijiet baxxi u avvanzi ewlenin fil-ħila tagħna li ninnovaw. Ir-riċerka se tivvaluta r-riskji ambjentali u soċjoekonomiċi, l-opportunitajiet u l-impatti tal-alternattivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Ir-riċerka se tappoġġa l-iżvilupp u l-validazzjoni ta’ mudelli ġodda ta’ klima-enerġija-ekonomija, filwaqt li tqis l-istrumenti ekonomiċi u esternalitajiet rilevanti, bl-għan li jiġu ttestjati l-alternattivi ta' politika ta' mitigazzjoni u perkorsi ta' teknoloġija b’livell baxx ta’ karbonju fi skali differenti u għas-setturi ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-livell tal-Unjoni u dak globali. L-azzjonijiet se jiffaċilitaw l-innovazzjoni teknoloġika, istituzzjonali soċjoekonomika billi jitjiebu r-rabtiet bejn ir-riċerka u l-appliazzjoni u bejn l-intraprendituri, utenti aħħarin, riċerkaturi u istituzzjonijiet ta’ għarfien.

## 5.2. Immanniġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi

Is-soċjetajiet jaffrontaw sfida ewlenija biex jistabbilixxu bilanċ sostenibbli bejn il-ħtiġijiet tal-bniedem u l-ambjent. Ir-riżorsi ambjentali, inkluż l-ilma, l-arja, il-bijomassa, il-ħamrija fertili, il-bijodiversità, l-ekosistemi u s-servizzi li dawn jipprovdu, isostnu l-iffunzjonar tal-ekonomija Ewropea u globali u l-kwalità tal-ħajja. L-opportunitajiet kummerċjali globali relatati mar-riżorsi naturali huma mistennija li jammontaw għal iktar minn EUR 2 triljun sal-2050[25]. Madankollu, l-ekosistemi fl-Ewropa u globalment, qed jiġu degradati lil hinn mill-kapaċità naturali li jiġu riġenerati u r-riżorsi ambjentali qed jiġu sfruttati iżżejjed. Pereżempju, 1000 km² ta' whud mill-iktar ħamrija fertili u ekosistemi ta’ valur jintilfu kull sena fl-Unjoni, filwaqt li jintilef kwart tal-ilma. Il-kontinwazzjoni ta’ dawn il-mudelli mhijiex alternattiva. Ir-riċerka għandha tikkontribwixxi sabiex jinqelbu x-xejriet li jagħmlu ħsara lill-ambjent u sabiex jiġi żgurat li l-ekosistemi jkomplu jipprovdu riżorsi, oġġetti u servizzi li huma essenzjali għall-benessri u prosperità ekonomika.

Għaldaqstant, l-għan ta’ din l-attività hija li tipprovdi għarfien dwar il-ġestjoni tar-riżorsi naturali li tilħaq bilanċ bejn ir-riżorsi limitati u l-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-ekonomija.

Sabiex jintlaħaq dan, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiffoka fuq dan li ġej:

*5.2.1. Insaħħu l-fehim tagħna dwar l-iffunzjonar tal-ekosistemi, l-interazzjonijiet tagħhom mas-sistemi soċjali u r-rwol tagħhom fis-sostenn għall-ekonomija u l-benessri tal-bniedem.*

L-azzjonijiet tas-soċjetà jirriskjaw li permezz tagħhom jiskattaw il-bidliet fl-ambjent li huma irriversibbli u li jbiddlu l-karattru tal-ekosistemi. Huwa vitali li dawn ir-riskji jiġu antiċipati permezz tal-valutazzjoni, monitoraġġ u tbassir tal-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem, u l-bidliet

[25] L-istimi żviluppati minn PricewaterhouseCoopers għall-“opportunitajiet kummċerjali globali relatati mas-sostenibbiltà tar-riżorsi naturali (inkluż l-enerġija, foresterija, ikel u agrikoltura, ilma u metalli)” u WBCSD (2010) Viżjoni 2050: L-Aġenda Ġdida għall-Kummerċ, Kunsill Kummerċjali Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ġinevra, URL: http://www.wbcsd.org/web/projects/BZrole/Vision2050-FullReport_Final.pdf

ambjentali fuq il-benessri tal-bniedem. Ir-riċerka dwar l-ekosistemi tal-baħar (miż-żoni kostali għall-baħar fond), ilma ħelu, terrestri u urbani, inkluż l-ekosistemi dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, se ttejjeb l-fehim tagħna tal-interazzjonijiet kumplessi bejn ir-riżorsi naturali u s-sistemi soċjali, ekonomiċi u ekoloġiċi, inklużi l-punti kritiċi naturali, u r-reżiljenza, jew fraġilità, tas-sistemi umani u bijoloġiċi. Dan se jeżamina kif l-ekosistemi jiffunzjonaw u jirreaġixxu għall-impatti antropoġeniċi, kif dawn jistgħu jiġu rrestawrati, u kif dan se jaffettwa l-ekonomiji u l-benessri tal-bniedem. Dan se jinvestiga wkoll soluzzjonijiet għall-indirizzar tal-isfidi għar-riżorsi. Dan ser jikkontribwixxi għall-politiki u prattiki li jiżguraw li l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi joperaw fi ħdan il-limiti tas-sostenibbilità u l-adattabilità tal-ekosistemi u bijodiversità

### *5.2.2. Jiġu pprovduti għarfien u għodod għat-teħid ta' deċiżjonijiet u involviment pubblku effettivi*

Sistemi soċjali ekonomiċi u ta' governanza għad iridu jindirizzaw l-ezawriment tar-riżorsi u l-ħsara lill-ekosistemi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jsostnu d-deċiżjonijiet tal-politika meħtieġa sabiex jiġu mmaniġġjati r-riżorsi naturali u l-ekosistemi sabiex jevitaw, jew jadattaw għal tibdil klimatiku u ambjentali ta' sfrattu u sabiex jippromwovu l-bidla istituzzjonali, ekonomika, komportamentali u teknoloġika li tiżgura s-sostenibbiltà. Se titqiegħed enfasi fuq l-ekosistemi u s-servizzi tal-ekosistema kritiċi rilevanti għall-politika, bħall-ilma ħelu, ibħra u oċeani, kwalità tal-arja, bijodiversità, użu tal-art u l-ħamrija. Ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-ekosistemi għall-avvenimenti katastrofiċi, inklużi l-perikli naturali, se jkunu appoġġati permezz tat-titjib tal-kapaċitajiet għat-tbassir, avviż bikri u valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u l-impatti, inkluża d-dimensjoni ta' bosta riskji. B'hekk ir-riċerka u l-innovazzjoni se jipprovdu appoġġ għall-politiki ambjentali u tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u l-alternattivi għal governanza effettiva bbażata fuq l-evidenza fi ħdan il-limiti ta' operat sikur. Se jiġu żviluppati modi innovattivi sabiex tiżdied il-koerenza tal-politika, jissolvew il-kompromessi u jiġu mmaniġġjati l-interessi kunfliġġenti, u titjieb il-kuxjenza pubblika dwar ir-riżultati tar-riċerka u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

## 5.3. Żgurar ta' provvista sostenibbli ta' materja prima mhux tal-enerġija u mhux agrikola

Is-setturi bħal dawk tal-kostruzzjoni, kimika, vetturi, aerospazju, makkinarju u tagħmir, li għandhom valur miżjud kkombinat ta' iktar minn EUR 1,000 biljun u jipprovdu impjieg għal madwar 30 miljun persuna, kollha jiddependu fuq l-aċċess għall-materja prima. L-Unjoni hija awtosuffiċjenti fil-minerali ta' kostruzzjoni. Madankollu, filwaqt li l-Unjoni hija waħda mill-ikbar manifatturi tad-dinja ta' ċerti minerjali industrijali, tibqa' importatriċi netta ta' ħafna minnhom. Minbarra dan, l-UE hija dipendenti ħafna fuq l-importazzjoni ta' minerali metalliċi u hija totalment dipendenti fuq l-importazzjoni ta' ċerta materja prima kritika.

Ix-xejriet riċenti jindikaw li d-domanda għall-materja prima se tkun xprunata mill-iżvilupp ta' ekonomiji emerġenti u minn diffużjoni rapida ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin. L-Ewropa trid tiżgura ġestjoni sostenibbli u tassigura provvista sostenibbli ta' materja prima minn ġewwa u barra l-konfini tagħha għas-setturi kollha li jiddependu fuq l-aċċess għall-materja prima. Il-miri tal-politika għall-materja prima kritika huma deskritti fl-Inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-Materja Prima[26].

[26] COM(2008) 699

Għalhekk l-għan ta' din l-attività huwa t-titjib tal-bażi ta' għarfien dwar il-materja prima u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi għall-esplorazzjoni, estrazzjoni, ppoċessar, reċiklaġġ u rkupru kosteffettivi, u li jħarsu l-ambjent, tal-materja prima u għas-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi ekonomiċi b'inqas impatt ambjentali.

Sabiex jintlaħaq dan, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiffoka fuq dan li ġej:

*5.3.1. Titjib tal-bażi ta' għarfien dwar id-disponibbiltà tal-materja prima*

Se titjieb il-valutazzjoni tad-disponibbiltà fit-tul tar-riżorsi globali u tal-Unjoni, inkluż l-aċċess għall-minjieri urbani (skart li ġej mill-miżbla u mill-minjieri), riżorsi tal-fond tal-baħar (pereżempju it-tħaffir f'qiegħ il-baħar għal minerali tal-art rari) u l-inċertezzi assoċjati. Dan l-għarfien se jgħin is-soċjetà tilħaq użu , reċiklaġġ u użu mill-ġdid iktar effiċjenti ta' materja prima skarsa jew li tagħmel ħsara lill-ambjent. Dan se jiżviluppa wkoll regoli, prattiki u standards globali li jirregolaw l-esplorazzjoni, estrazzjoni u ipproċessar ekonomikament vijabbli, ambjentalment sodi u soċjalment aċċettabbli, inklużi l-prattiki fl-użu tal-art u l-ippjanar spazjali fil-baħar.

*5.3.2. Promozzjoni tal-provvista u użu sostenibbli tal-materja prima, li jkopru l-esplorazzjoni estrazzjoni, ipproċessar, reċiklaġġ u rkupru.*

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-materjali, sabiex tiġi żgurata provvista u ġestjoni affordabbli, affidabbli u sostenibbli tal-materja prima li hija essenzjali għall-industriji tal-UE. L-iżvilupp u l-iskjerament ta' teknoloġiji tal-esplorazzjoni, estrazzjoni u ipproċessar ekonomikament vijabbli, soċjalment aċċettabbli u li jħarsu l-ambjent se jagħtu spinta lill-użu tar-riżorsi. Dan se jisfrutta wkoll il-potenzjal tal-minjieri urbani. Teknoloġiji ta' reċiklaġġ u rkupru tal-materjal, mudelli kummerċjali u proċessi ġodda u ekonomikament vijabbli se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq il-provvista ta' materja prima primarja. Dan se jinkludi l-bżonn ta' użu itwal, reċiklaġġ u rkupru ta' kwalità ogħla, u l-bżonn li titnaqqas drastikament il-ħela tar-riżorsi. Se jiġi applikat approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, mill-provvista ta' materja prima disponibbli għat-tmiem tal-ħajja, b'rekwiżiti minimi ta' Enerġija u riżorsi.

*5.3.3. Is-sejba ta' alternattivi għall-materja prima kritika*

B'antiċipazzjoni għat-tnaqqis possibbli tad-disponibbiltà globali ta' ċerta materja prima, minħabba pereżempju restrizzjonijiet kummerċjali, se jkunu investigati u żviluppati sostituti sostenibbli u alternattivi għall-materja prima kritika, bi prestazzjoni funzjonali simili. Dan għandu jnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-materja prima primarja u jtejjeb l-impatt fuq l-ambjent.

*5.3.4. Titjib tal-kuxjenza u ħiliet tas-Soċjetà dwar il-materja prima*

Iċ-ċaqliq neċessarju għal ekonomija iktar awtodipendenti u li tuża r-riżorsi b'effiċjenza se jesiġi bidla kulturali, fl-imġiba, soċjoekonomika u istituzzjonali. Sabiex tiġi indirizzata l-problema dejjem akbar tan-nuqqas ta' ħiliet fis-settur tal-materja prima fl-Unjoni (inkluża l-industrija Ewropea tal-minjieri ), se jiġu mħeġġa aktar sħubijiet effettivi bejn l-universitajiet u l-istħarriġ ġeoloġiku u l-industrija. Dan ukoll se jkun essenzjali biex jappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi innovattivi. Flimkien ma' dan għad hemm kuxjenza pubblika limitata dwar l-importanza ta' materja prima lokali għall-ekonomija Ewropea. Sabiex jiġu ffaċilitati l-bidliet

strutturali meħtieġa, ir-riċerka u l-innovazzjoni se jkollhom l-għan li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, dawk li jfasslu l-politika, professjonisti u istituzzjonijiet.

## 5.4. Tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika permezz tal-ekoinnovazzjoni

L-Unjoni ma tistax tirnexxi f'dinja ta' konsum ta' riżorsi, degradazzjoni ambjentali u telf tal-bijodiversità dejjem akbar. Id-diżakkoppjament tat-tkabbir mill-użu tar-riżorsi naturali jesiġi bidliet strutturali ta' kif tali riżorsi huma użati, użati mill-ġdid u mmaniġġjati, filwaqt li jiġi salvagwardjat l-ambjent tagħna. L-ekoinnovazzjonijiet se jippermettulna nnaqqsu l-pressjoni fuq l-ambjent, inżidu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u nqiegħdu l-Unjoni fit-triq lejn ekonomija li tuża r-riżorsi u l-enerġija b'effiċjenza. L-ekoinnovazzjoni toħloq ukoll l-opportunitajiet ewlenin għat-tkabbir u impjiegi, u żżid il-kompetittività Ewropea fi ħdan is-suq globali, li huwa stmat li jikber għal suq ta' triljun euro wara l-2015[27]. 45 % tal-kumpaniji diġà introduċew ċertu tip ta' ekoinnovazzjoni. Huwa stmat li madwar 4 % tal-ekoinnovazzjonijiet wasslu għal tnaqqis ta' iktar minn 40 % fl-użu materjali kull unità ta' output[28], b'enfasi fuq il-potenzjal qawwi għall-futur.

Għaldaqstant l-għan ta' din l-attività huwa li jitrawwmu l-forom kollha tal-ekoinnovazzjoni li jippermettu t-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika.

Sabiex jintlaħaq dan, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiffoka fuq dan li ġej:

### *5.4.1. Tisħiħ tat-teknoloġiji, proċessi, servizzi u prodotti ekoinnovattivi, u titkabbar l-adozzjoni tagħhom fis-suq .*

Se jkunu appoġġati l-forom kollha ta' innovazzjoni, kemm inkrementali u radikali, li jikkombinaw l-innovazzjoni teknoloġika, organizzattivi, tas-soċjetà, komportamentali, kummerċjali u ta' politika, u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Dan se jsostni ekonomija iktar ċirkolari, filwaqt li jitnaqqsu l-impatti ambjentali u jitqiesu l-effetti ta' reazzjoni fuq l-ambjent. Dan se jinkludi mudelli kummerċjali, simbjożi industrijali, sistemi ta' servizz tal-prodott, disinn tal-prodott, approċċi taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ u ta' minn nieqa sa nieqa. L-għan se ikun it-titjib tal-effiċjenza fl-użu ta' riżorsi billi jitnaqqsu, f'termini assoluti, il-fatturi ta' produzzjoni, skart u r-rilaxx ta' sustanzi ta' ħsara tul il-katina ta' valur u jitrawwem l-użu mill-ġdid, reċiklaġġ u s-sostituzzjoni tar-riżorsi. Se tingħata attenzjoni lill-iffaċilitar tat-tranżizzjoni mir-riċerka għas-suq, bl-involviment tal-industrija u notevolment l-SMEs, mill-iżvilupp ta' prototipi għall-introduzzjoni fis-suq u r-replikazzjoni. In-netwerking fost l-ekoinnovaturi se jfittex ukoll li jtejjeb id-disseminazzjoni tal-għarfien u jorbot b'mod aħjar il-provvista mad-domanda.

### *5.4.2. Appoġġ għall-politiki innovattivi u bidliet tas-soċjetà*

Il-bidliet strutturali u istituzzjonali huma meħtieġa biex jippermettu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jinidirizzaw l-ostakli ewlenin għall-bidla tas-soċjetà u tas-suq u se jimmiraw għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, mexxejja kummerċjali u dawk li jfasslu l-politika sabiex tiġi adottata mġiba innovattiva u sostenibbli.

---

[27] Parlament Ewropew "Politika tad-Dipartiment tal-Politika Ekonomika u Xjentifika, Ekoinnovazzjoni – tqegħid tal-UE fit-triq lejn ekonomija li tuża r-riżorsi u l-enerġija b'effiċjenza, Studju u noti ta' informazzzjoni", Marzu 2009

[28] Ossservatorju tal-Ekoinnovazzjoni "The Eco-Innovation Challenge - Pathways to a resource-efficient Europe - Annual Report 2010", Mejju 2011.

Se jkunu żviluppati għodod, metodi u mudelli robusti u trasparenti li jivvalutaw u jwasslu għall-bidliet ekonomiċi, soċjali u istituzzjonali ewlenin meħtieġa sabiex tinkiseb bidla fundamentali lejn ekonomija ekoloġika. Ir-riċerka se tesplora kif għandhom jiġu promossi l-mudelli ta' konsum sostenibbli, bl-inklużjoni ta' riċerka soċjoekonomika, xjenza komportamentali, involviment tal-utent u aċċettazzjoni pubblika tal-innovazzjoni, kif ukoll attivitajiet sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni u l-kuxjenza pubblika. Se jsir użu sħiħ mill-azzjonijiet ta' dimostrazzjoni.

### *5.4.3. Kejl u valutazzjoni tal-progress lejn ekonomija ekoloġika*

Huwa neċessarju li jiġu żviluppati indikaturi robusti fl-iskali spazjali xierqa li huma kumplimentari għall-PDG, metodi u sistemi li jappoġġaw u jivvalutaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u l-effettività tal-alternattivi tal-politika rilevanti. Xprunati minn approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, ir-riċerka u l-innovazzjoni se jtejbu l-kwalità u l-disponibbiltà tad-dejta, metodi u sistemi ta' kejl rilevanti għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-ekoinnovazzjoni u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' skemi ta' kumpens innovattivi. Ir-riċerka soċjoekonomika se tipprovdi fehim aħjar tal-kawżi primarji tal-imġiba tal-manifattur u konsumatur u b'hekk tikkontribwixxi għad-disinn ta' iktar strumenti ta' politika effettivi sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Minbarra dan, il-metodoloġiji ta' valutazzjoni tat-teknoloġija u l-immudellar integrat se jkunu żviluppati biex jappoġġaw il-politiki ta' użu effiċjenti tar-riżorsi u ekoinnovazzjoni fil-livelli kollha, filwaqt li tiżdied il-politika ta' koerenza u jissolvew il-kompromessi. Ir-riżultati se jippermettu l-monitoraġġ, valutazzjoni u tnaqqis fil-flussi ta' materjal u enerġija involvuti fil-produzzjoni u konsum, u se jippermettu lil dawk li jfasslu l-politika u lin-negozji biex jintegraw l-ispejjeż ambjentali u l-esternalitajiet fl-azzjonijiet u deċiżjonijiet tagħhom.

### *5.4.4. Trawwim tal-użu effiċjenti tar-riżorsi permezz tas-sistemi diġitali:*

L-innovazzjonijiet fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u komunikazzjoni jistgħu jikkostitwixxu għodda prinċipali għall-appoġġ tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, ICT moderna u innovattiva se tikkontribrixxi għal gwadann sinifikanti ta' effiċjenza fil-produttività, notevolment permezz tal-proċessi awtomatizzati, monitoraġġ fil-ħin reali u sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjoni. L-użu tal-ICT se jipprova jaċċellera d-dimaterjalizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, billi jiżdied iċ-ċaqliq lejn servizzi diġitali, u sabiex jiffaċilita l-bidliet ta' imġiba tfil-konsum u mudelli kummerċjali permezz tal-użu tal-ICT tal-futur.

## 5.5. Żvilupp ta' osservazzjoni ambjentali globali u sistemi ta' informazzjoni komprensivi u sostnuti

L-osservazzjoni ambjentali komprensiva u s-sistemi ta' informazzjoni huma essenzjali sabiex jiżguraw il-forniment tad-dejta u informazzjoni fit-tul meħtieġa sabiex tiġi indirizzata din l-isfida. Dawn is-sistemi se jintużaw sabiex tiġi ivvalutata u mbassra l-kondizzjoni, status u xejriet tal-klima, riżorsi naturali inkluża l-materja prima, ekosistemi u servizzi tal-ekosistema, kif ukoll sabiex jevalwaw politiki u alternattivi ta' livell baxxi ta' karbonju u ta' mitigazzjoni u adattament klimatiċi fost is-setturi kollha tal-ekonomija. L-informazzjoni u l-għarfien minn dawn is-sistemi se jintużaw sabiex jistimulaw l-użu intelliġenti tar-riżorsi strateġiċi; sabiex jappoġġaw l-iżvilupp tal-politiki bbażati fuq l-evidenza; sabiex irawwmu is-servizzi ambjentali u klimatiċi ġodda; u sabiex jiżviluppaw opportunitajiet ġodda fis-swieq globali.

Il-kapaċitajiet, teknoloġiji, u infrastrutturi tad-dejta għal kull osservazzjoni u monitoraġġ tad-dinja għandhom ikunu msejsa fuq l-avvanzi fl-ICT, teknoloġiji tal-ispazju u netwerks

abilitanti, osservazzjonijiet mit-telerilevament, sensuri fil-post ġodda, servizzi mobbli, netwerks ta' komunikazzjoni, għodod parteċipatorji tas-servizz tal-web u informatika u infrastruttura tal-immudellar mtejba, bil-għan li kontinwament tiġi provduta informazzjoni previżjonijiet u projezzjonijiet fil-ħin u preċiżi. Se jiġi mħeġġeġ l-aċċess liberu, miftuħ u mingħajr restrizzjonijiet għad-dejta u informazzjoni interoperabbli, kif ukoll l-ħżin , ġestjoni u disseminazzjoni effettivi tar-riżultati ta' riċerka.

## 5.6. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni

L-attivitajiet għandhom isaħħu l-parteċipazzjoni tal-UE fil-proċessi multilaterali u inizjattivi u l-kontribuzzjoni finanzjarja lejhom, bħall-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar il-Tibdil fil-Klima (IPCC), il-Pjattaforma Intergovernattiva dwar is-Servizzi tal-Bijodiversità u l-Ekosistema (IPBES), u l-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO). Il-kooperazzjoni mal-finanzjaturi pubbliċi u privati tar-riċerka ewlenin għandha ttejjeb l-effiċjenza tar-riċerka globali u Ewropea u tikkontribwixxi lill-governanza tar-riċerka globali.

Il-kooperazzjoni fix-Xjenza u t-teknoloġija għandha tikkontribwixxi lill-mekkaniżmu ta' teknoloġija globali tal-UNFCCC u tiffaċilita l-iżvilupp tat-teknoloġija, innovazzjoni u trasferiment bħala appoġġ għall-adattament tal-klima u l-mitigazzjoni tal-gassijiet serra.

Għandu jiġi esplorat mekkaniżmu, imsejjes fuq ir-riżultati tal-Konferenza tal-NU RIO+20, li b'mod sistematiku jiġbor, iqabbel u janalizza l-għarfien xjentifiku u teknoloġiku dwar il-kwistjonijiet ewlienin ta' żvilupp sostenibbli u l-ekonomija ekoloġika, li għandu jinkludi qafas għall-kejl tal-progress. Dan għandu jikkumplimenta l-gruppi u korpi xjentifiċi ezistenti u jfittex is-sinerġiji magħhom.

L-azzjonijiet ta' riċerka taħt din l-isfida għandhom jikkontribwixxu lis-servizzi operattivi tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) billi tiġi provduta bażi ta'għarfien ta' żvilupp għall-GMES.

Miżuri speċifiċi se jiżguraw li r-riżultati mir-riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tal-klima, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-materja prima huma użati b'mod mifrux minn programmi oħrajn tal-Unjoni, bħal pereżempju l-programm LIFE+, fondi strutturali u reġjonali, u programmi ta' kooperazzjoni esterna.

Netwerk Konsultattiv tal-Istituti jista' jkun stabbilit sabiex jipprovdi: l-analiżi kontinwa tal-progress xjentifiku u teknoloġiku fl-Unjoni u l-pajjiżi u reġjuni msieħba tagħha; investigazzjoni bikrija tal-opportunitajiet tas-suq għat-teknoloġiji u prattiki ambjentali; antiċipazzjoni għar-riċerka u innovazzjoni u politika.

# 6. SOĊJETAJIET INKLUŻIVI, INNOVATTIVI U SIGURI

## 6.1. Soċjetajiet inklużivi

Ix-xejriet attwali prezenti fis-soċjetajiet Ewropej iġibu magħhom opportunitajiet għal Ewropa iktar magħquda iżda ukoll riskji. Dawn l-opportunitajiet u riskji jeħtieġu li jkun mifhuma u antiċipati sabiex l-Ewropa tevolvi bis-solidarjetà u kooperazzjoni adegwata fuq livelli soċjali, ekonomiċi, politiki u kulturali, filwaqt li titqies id-dinja dejjem aktar interkonnessa.

F'dan il-kuntest, l-objettiv huwa li tikber l-inklużjoni soċjali, ekonomika u politika, d-drittijiet tal-bniedem, l-inklużività diġitali, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u d-dinamiċi interkulturali

permezz tal-appoġġ għar-riċerka interdixxiplinarja, indikaturi, avvanzi teknoloġiċi, soluzzjonijiet organizzazzjonali u forom ġodda ta' kollaborazzjoni u kokreazzjoni. Ir-riċerka u attivitajiet oħra għandhom jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, kif ukoll politiki barranin oħra rilevanti tal-Unjoni. Ir-riċerka umanistika jista' jkollha rwol importanti f'dan il-kuntest. L-ispeċifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-objettivi tal-istrateġiji u l-politiki Ewropej se jesġiu riċerka ffukata fuq sistemi ta' informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, u l-iżvilupp ta' sistemi u strumenti adattati li jippermettu lil dawk li jfasslu l-politika li jivvalutaw l-impatt u l-effettività ta' miżuri previsti, partikolarment dawk favur l-inklużjoni soċjali.

Se jiġu indirizzati l-objettivi li ġejjin:

*6.1.1. Promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv*

It-tiftixa kostanti għal tkabbir ekonomiku iġġorr għadd ta' spejjeż umani, soċjali, ambjentali u ekonomiċi importanti. Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa jimplika bidliet sostanzjali fil-mod kif it-tkabbir u benessri huma ddefiniti, imkejla (anke permezz tal-kejl tal-progress lil hinn mill-indikatur tal-PDg użat normalment), iġġenerati u sostnuti biż-żmien. Ir-riċerka għandha tanalizza l-iżvilupp ta' stili ta' ħajja sostenibbli u imġiba u valuri soċjoekonomiċi u kif dawn jirrelataw għall-attitudnijiet, politiki u funzjonament ta' istituzzjonijiet, swieq, ditti, sistemi ta' governanza u twemmin fl-Ewropa. Din se tiżviluppa għodod għal valutazzjoni aħjar tal-impatti kuntestwali u reċiproki ta' tali evoluzzjonijiet u alternattivi ta' politika f'oqsma bħall-impjiegi, tassazzjoni, inklużjoni soċjali, edukazzjoni u ħiliet, żvilupp tal-komunità, kompetittività u s-Suq Intern. Din se tanalizza wkoll kif jevolvu l-ekonomiji nazzjonali u liema forom ta' governanza fuq livell Ewropew u internazzjonali jistgħu jgħinu sabiex jiġu evitati l-iżbilanċi, diffikultajiet monetarji, kompetizzjoni fiskali, qgħad u problemi ta' impjiegi u forom oħra ta' dizordni ekonomiku u finanzjarju. Din għandha tqis interdipendenzi, dejjem jikbru, bejn l-ekonomiji, swieq u sistemi finanzjarji tal-UE u dawk globali.

*6.1.2. Bini ta' soċjetatjiet reżiljenti u inklużivi fl-Ewropa*

Il-fehim tat-trasformazzjonijiet soċjali ġewwa l-Ewropa jesiġu l-analiżi ta' prattiki demokratiċi u aspettattivi li qed jinbidlu, kif ukoll l-evoluzzjoni storika tal-identitajiet, id-diversità, it-territorji, ir-reliġjonijiet, il-kulturi u l-valuri. Dan jinkludi fehim tajjeb tal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea. Mibarra dan, fehim tad-diffikultajiet u opportunitajiet li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-ICT, kemm fuq livelli individwali kif ukoll dawk kollettivi, huwa importanti sabiex jinfetħu toroq ġodda ta' innovazzjoni inklużiva. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-modi sabiex jiġu adattati u mtejba s-sistemi tal-welfare, servizzi pubbliċi u dimensjoni usa' tas-sigurtà soċjali tal-politiki sabiex tinkiseb koeżjoni u tiġi promossa iktar ugwaljanza soċjali u ekonomika u solidarjetà interġenerazzjonali. Ir-riċerka se tanalizza kif is-soċjetajiet u politiki isiru aktar Ewropej fis-sens wiesa' permezz tal-evoluzzjonijiet tal-identitajiet, kulturi u valuri, iċ-ċirkolazzjoni tal-ideat u twemmin u kombinazzjoni ta' prinċipji u prattiki ta' reċiproċità, komunalità u ugwaljanza. Għandu jiġi analizzat kif il-popolazzjonijiet li huma vulnerabbli jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fid-demokrazija, notevolament permezz tal-kisbiet ta' diversi ħiliet u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant, l-analiżi ta' kif jirreaġixxu s-sistemi politiċi jew le għal tali evoluzzjonijiet soċjali u kif huma jevolvu għandha tkun ċentrali. Ir-riċerka se tindirizza wkoll l-evoluzzjoni ta' sistemi ewlenin li jipprovdu forom sottostanti ta' rabtiet soċjali, bħall-familja, ix-xogħol, l-edukazzjoni u l-impjiegi u li jgħinu fil-ġlieda kontra il-faqar. Din

għandha tqis l-importanza tal-mitigazzjoni u d-demografija fl-iżvilupp futur tal-poltiki Ewropej

Minħabba l-importanza soċjoekonomika dejjem akbar tal-inklużjoni diġitali, azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni fuq skala kbira se jippromwovu s-soluzzjonijiet tal-ICT inklużivi u l-kisba effettiva tal-ħiliet diġitali li jwasslu għall-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini u forza tax-xogħol kompetittiva. L-enfasi se tingħata lill-avvanzi teknoloġiċi ġodda li jippermettu titjib radikali fil-personalizzazzjoni, faċilità u aċċessibilità għall-utent permezz ta' fehim aħjar tal-imġiba u valuri tal-utenti, taċ-ċittadini u l-konsumaturi, inklużi l-persuni b'diżabilità. Din se tesiġi approċċ ta' riċerka u innovazzjoni bl-"inklużjoni mid-disinn".

*6.1.3. Tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attriċi globali*

Is-sistema storika, politika, soċjali u kulturali distinta tal-Ewropa hija dejjem iktar konfrontata mill-impatt tal-bidliet globali. Sabiex tiġi żviluppata iktar l-azzjoni esterna tagħha fil-viċinat tagħha stess u lil hinn kif ukoll ir-rwol tagħha bħala attriċi globali, l-Ewropa għandha ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha ta' definizzjoni, prijoritizzazzjoni, spjegazzjoni, valutazzjoni u promozzjoni tal-objettivi ta' politika tagħha ma' reġjuni tad-dinja u soċjetatjiet oħra sabiex ikun hemm aktar kooperazzjoni jew prevenzjoni jew soluzzjoni tal-kunflitti. F'dan ir-rigward, għandha ttejjeb ukoll il-kapaċitajiet tagħha ta' antiċipazzjoni u reazzjoni għall-evoluzzjoni u impatti tal-globalizzazzjoni. Dan jesiġi fehim akbar tal-istorja, kulturi u sistemi politiċiekonomiċi ta' reġjuni oħrajn tad-dinja , kif ukoll ir-rwol u l-influwenza tal-atturi transnazzjonali. Finalment, l-Ewropa għandha wkoll tikkontribwixxi lill-governanza globali fi sferi ewlenin bħall-kummerċ, żvilupp, xogħol, kooperazzjoni ekonomika, drittijiet tal-bniedem, difiża u sigurtà. Dan jimplika l-potenzjal li jinbnew kapaċitajiet ġodda kemm jekk f'termini ta' għodod, sistemi u strumenti ta' analiżi jew f'termini ta' diplomazija fl-arena internazzjonali formali u informali ma' atturi governattivi u dawk mhux governattivi.

*6.1.4. L-għeluq tad-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa*

Hemm differenzi reġjonali sinifikanti madwar l-Ewropa fil-prestazzjoni tar-riċerka u innovazzjoni li jeħtieġu li jiġu indirizzati. Il-miżuri se jimmiraw għall-isfruttar tal-eċċellenza u innovazzjoni u se jkunu distinti, komplimentari u sinerġistiċi ma' politiki u azzjonijiet tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. Dawn jinkludu:

– Il-konnessjoni, f'kompetizzjoni, bejn istituzzjonijiet, ċentri ta' eċċellenza u reġjuni innovattivi emerġenti fi Stati Membri inqas żviluppati ma' kontropartijiet mexxejja internazzjoni li jinsabu x'imkien ieħor fl-Ewropa. Dan se jinvolvi lil-ħolqien ta' timijiet ta' istituzzjonijiet ta' riċerka eċċellenti, ġemellaġġ ta' perunal, skambji, parir u assistenza esperti u l-iżvilupp ta' strateġiji konġunti għall-istabbiliment ta' ċentri ta' eċċellenza li jistgħu jkunu appoġġati mill-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni f'reġjuni inqas żviluppati. Se jitqiesu l-ħolqien ta' rabtiet ma' raggruppamenti innovattivi u r-rikonoxximent tal-eċċellenza fir-reġjuni inqas żviluppati, inkluż mill-analiżi *inter pares* u l-għoti ta' tikketti ta' eċċellenza lil dawk l-istituzzjonijiet li jissodisfaw l-istandards internazzjonali.

– L-istabbiliment tal-"President tal-ERA" sabiex jiġu attirati akkademiċi brillanti lejn istituzzjonijiet b'potenzjal ċar ta' riċerka ta' eċċellenza, sabiex jgħinu lil dawn l-istituzzjonijiet jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal u għalhekk joħolqu kundizzjonijiet ugwali għar-riċerka u innovazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-

Riċerka. Dan se jinkludi appoġġ istituzzjonali għall-ħolqien ta' ambjent kompetittiv ta' riċerka u l-kundizzjonijiet qafas neċessarji għall-attirar, żamma u żvilupp tal-aħjar talent ta' riċerka fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet.

– L-appoġġ għall-aċċess għan-netwerks internazzjonali għal riċerkaturi u innovaturi eċċellenti li nieqsin minn involviment suffiċjenti fin-netwerks Ewropej u internazzjonali. Dan għandu jinkludi l-appoġġ provdut permezz tal-COST u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali.

– L-appoġġ għall-iżvilupp u monitoraġġ ta' strateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni . Faċilità ta' appoġġ tal-politika għandha tkun żviluppata u t-tagħlim tal-politika fuq livell reġjonali se jkun ffaċilitat permezz tal-evalwazzjoni internazzjonali *inter pares* u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

### 6.2. Soċjetajiet innovattivi

It-tnaqqis fis-sehem tal-Unjoni tal-produzzjoni tal-għarfien globali jenfasizza l-ħtieġa li l-impatti soċjoekonomiċi u l-effiċjenza tal-politiki ta' riċerka u innovazzjoni jiġu mmassimizzati u li jiżdiedu b'mod sostanzjali s-sinerġiji u koerenza tal-politika transnazzjonali. L-innovazzjoni għandha tkun indirizzata f'sens wiesa', inklużi l-politika, innovazzjoni xprunata mill-utent u mis-suq ta' skala kbira. Dawn l-attivitajiet se jappoġġaw l-iżvilupp u l-iffunzjonar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u b'mod partikolari l-inizjattivi Ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 favur l-'Unjoni tal-Innovazzjoni' u l-'Aġenda Diġitali għall-Ewropa'.

Se jiġu indirizzati l-objettivi li ġejjin:

*6.2.1. Tisħiħ tal-bażi ta' evidenza u appoġġ għall-Unjoni tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea għar-Riċerka.*

Sabiex jiġu vvalutati u prijoritizzati l-investimenti u jissaħħu l-Unjoni tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea għar-Riċerka, se jiġu appoġġati l-analiżi tal-politiki , sistemi u atturi tar-riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa u pajjiżi terzi, kif ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi, infrastrutturi ta' dejta u informazzjoni. Attivitajiet li jħarsu 'l quddiem u inizjattivi pilota, analiżi ekonomika, monitoraġġ tal-politika, tagħlim reċiproku, għodod ta' koordinazzjoni u attivitajiet u l-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-impatt u evalwazzjonijiet se jkunu wkoll, bl-isfruttar tar-reazzjonijiet diretto mill-partijiet interessati fir-riċerka, impriżi, awtoritajiet pubbliċi u ċittadini.

Sabiex jiġi żgurat suq uniku għar-riċerka u innovazzjoni, għandhom jiġu implimentati miżuri biex jinċentivaw imġiba kompatibbli mall-ERA. Għandhom ikunu appoġġati l-attivitajiet li jsostnu l-politiki relatati mal-kwalità tat-taħriġ fir-riċerka, mobbiltà u żvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi, inklużi inizjattivi li jipprovdu għas-servizzi ta' mobbiltà, reklutaġġ miftuħ, drittijiet tar-riċerkaturi u konnessjonijiet mal-komunitajiet ta' riċerkaturi globali. Dawn l-attivitajiet se jkunu implimentati filwaqt li jfittxu sinerġiji u koordinazzjoni mill-qrib mal-Azzjonijiet Marie Curie taħt ix-"Xjenza eċċellenti". L-istituzzjonijiet li jipprezentaw kunċetti innovattivi għall-implimentazzjoni rapida tal-prinċipji tal-ERA, inkluż il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi, se jkunu appoġġati.

Fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-politiki, għandha tiġi stabbilita faċilita għall-parir ta' politika sabiex il-parir espert dwar il-politika jkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali meta jiġu ddefiniti l-Programmi ta' Riforma Nazzjoni u l-istrateġiji ta' riċerka u innovazzjoni.

Sabiex tiġi implimentata l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, hemm ukoll il-ħtieġa ta' appoġġ għall-innovazzjoni xprunata mis-suq bl-għan ta' tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tad-ditti u t-trawwim tal-kompetittività Ewropea. Dan se jesiġi titjib fil-kundizzjonijiet qafas globali għall-innovazzjoni kif ukoll l-indirizzar tal-ostakli speċifiċi li jipprevjenu t-tkabbir ta 'kumpaniji innovattivi. Se jkunu appoġġati mekkaniżmi b'saħħithom ta' appoġġ għall-innovazzjoni (pereżempju ġestjoni mtejba tar-raggruppamenti, sħubijiet privati pubbliċi u kooperazzjoni tan-netwerk), servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni ta' speċjalizzazzjoni għolja (pereżempju ġestjoni/sfruttar tal-IPR, ġestjoni tal-innovazzjoni, netwerks ta' akkwirenti) u analiżi tal-politiki pubbliċi b'konnessjoni mal-innovazzjoni. Kwistjonijiet speċifiċi għall-SMEs se jiġu appoġġati taħt l-għan speċifiku "Innovazzjoni fl-SMEs".

### *6.2.2. Esplorazzjoni ta' forom ġodda ta' innovazzjoni, inklużi l-innovazzjoni soċjali u l-kreattività*

L-innovazzjoni soċjali tiġġenera oġġetti, servizzi, proċessi u mudelli ġodda li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-soċjetà u joħolqu relazzjonijiet soċjali ġodda. Huwa importanti li jinftiehem kif l-innovazzjoni u l-kreattività soċjali jistgħu jwasslu għal bidla fl-istrutturi u politiki eżistenti u kif dawn jistgħu jkunu mħeġġa u skalati 'l fuq. Għeruq onlajn u pjattaformi distribwiti li jagħmlu netwerking bejn iċ-ċittadini u li jippermettulhom li jikkollaboraw u joħolqu flimkien soluzzjonijiet bbażati fuq kuxjenza estiża tal-kuntest soċjali, politiku u ambjentali jistgħu jkunu għodda b'saħħithom sabiex jappoġġaw l-objettivi tal-Ewropa 2020. Se jingħata wkoll appoġġ għal netwerking u l-isperimentazzjoni tal-użu tal-ICT biex itejbu l-proċessi tat-tagħlim, kif ukoll lil networks ta' intraprendituri u innovaturi soċjali.

Għandu jkun essenzjali li tiġi promossa l-innovazzjoni sabiex jitrawwmu servizzi pubbliċi effiċjenti, miftuħa u li jiffukaw fuq iċ-ċittadin (Gvern elettroniku). Dan jeħtieġ riċerka multidixxiplinari fuq teknoloġiji u innovazzjoni ġodda fuq skala kbira relatati b'mod partikolari mal-privatezza diġitali, interoperabbiltà, identifikazzjoni elettronika ippersonifikata, dejta miftuħa, interfaċċji dinamiċi għall-utent, konfigurazzjoni u integrazzjoni innovazzjoni tas-servizz pubbliku li jiffoka fuq iċ-ċittadin xrpunati mill-utenti, inklużi x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi. Tali azzjonijiet se jindirizzaw ukoll id-dinamika tan-netwerk soċjali u l-crowd-sourcing u smart-sourcing għall-koproduzzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-problemi soċjali, bbażati fuq settijiet ta' dejta miftuħa. Dawn se jgħinu fl-immaniġġjar tat-teħid ta' deċiżjonijiet kumplessi, b'mod partikolari l-immaniġġjar u l-analiżi ta' kwantitajiet enormi ta' dejta għall-immudellar kollaborattiv tal-politika, simulazzjoni tat-teħid tad-deċiżjoni, tekniki ta' viżwalizzazzjoni, immudellar tal-proċess u sistemi parteċipatorji, kif ukoll fl-analiżi tar-relazzjonijiet li jinbidlu bejn iċ-ċittadini u s-settur pubbliku.

### *6.2.3. Żgurar tal-involviment tas-soċjetà fir-riċerka u l-innovazzjoni*

Li jkun possibbli għalll-atturi kollha tas-soċjetà li jinteraġixxu fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni jżid il-kwalità, rilevanza, aċċettabbiltà u s-sostenibbiltà tal-eżiti tal-innovazzjoni permezz tal-integrazzjoni tal-interessi u valuri tas-soċjetà. Dan jesiġi l-iżvilupp ta' ħiliet, għarfien u kapaċitajiet speċifiċi fuq il-livelli individwali u organizzattivi, kif ukoll fuq dawk nazzjonali u transnazzjonali. Soċjetà xjentifikament litterata, responsabbli u kreattiva għandha tkun imrawwma permezz tal-promozzjoni ta' metodi xierqa ta' edukazzjoni tax-xjenza u riċerka

dwarhom. L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tkun promossa, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ għall-bidliet fl-organizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u fil-kontenut u disinn tal-attivitajiet ta' riċerka. Sabiex titjieb iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fi ħdan il-komunità xjentifika u l-pubbliku ġenerali, l-aċċessibiltà u l-użu tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjata pubblikament għandha tiġi żviluppata iktar. Qafas Etiku għar-riċerka u innovazzjoni, bbażat fuq il-prinċipji etiċi fundamentali, inklużi dawk riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet tal-Unjoni u l-Konvenzjonijiet rilevanti kollha għandu jkun promoss b'koordinazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevantri.

### *6.2.4. Promozzjoni ta' kooperazzjoni koerenti u effettiva ma' pajjiżi terzi*

L-attivitajiet orizzontali se jiżguraw l–iżvilupp strateġiku tal-kooperazzjoni internazzjonali tul l-Orizzont 2020 u jindirizzaw l-objettivi trasversali tal-politika . L-attivitajiet li jappoġġaw il-djalogi bilaterali, multilaterali u bireġjonali, fir-riċerka u innovazzjoni, ma' pajjiżi terzi, reġjuni, fora internazzjonali u organizzazzjonijiet se jiffaċilitaw l-iskambju ta' politika, tagħlim reċiproku u iffissar tal-pijoritajiet, jippromwovu l-aċċess reċiproku għall-programmi u jimmonitorjaw l-impatt tal-kooperazzjoni. L-attivitajiet ta' netwerking u ġemellaġġ se jiffaċilitaw l-isħubija ottimali bejn l-atturi tar-riċerka u l-innovazzjoni fuq iż-żewġ naħat u jtejbu l-kompetenzi u l-kapaċità ta' kooperazzjoni f'pajjiżi terzi inqas avvanzati. L-attitivajiet se jippromwovu l-koordinazzjoni ta' politiki u programmi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif ukoll azzjonijiet konġunti tal-Istati Membri u Pajjiżi Assoċjati ma' pajjiżi terzi sabiex isaħħu l-impatt ġenerali. Finalment, il-preżenza tar-riċerka u innovazzjoni Ewropea fil-pajjiżi terzi għandha tkun ikkonsolidata u msaħħa, notevolment bil-promozzjoni tal-ħolqien tad-'djar ta' xjenza u innovazzjoni' Ewropej, servizzi lill-organizzazzjonijiet Ewropej li jestendu l-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi terzi u l-ftuħ ta' ċentri ta' riċerka stabbiliti b'mod konġunt ma' pajjiżi terzi għal organizzazzjonijiet jew riċerkaturi minn Stati Membri oħra u Pajjiżi Assoċjati.

## 6.3. Soċjetajiet siguri

L-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini tagħha u l-imsieħba internazzjoni tagħha huma affrontati b'firxa ta' theddid għas-sigurtà bħall-kriminalità, terroriżmu u emerġenzi tal-massa minħabba diżastri magħmula mill-bniedem jew naturali. Dan it-theddid jista' jinfirex tul il-konfini u jimmira għal miri fiżiċi jew iċ-ċiberspazju. Pereżempju l-attakki kontra s-siti tal-Internet tal-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet privati, mhux biss jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadin iżda wkoll jaffettwaw serjament is-setturi essenzjali bħall-enerġija, trasport, saħħa, finanzi u telekomunikazzjonijiet.

Sabiex jiġi antiċipat, evitat u mmaniġġjat dan it-theddid, huwa neċessarju li jiġu żviluppati u applikati teknoloġiji, soluzzjonijiet, għodda ta' antiċipazzjoni u għarfien innovattivi, tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti, jinstabu soluzzjonijiet tas-sigurtà ċivili, titjieb il-kompetittività tas-sigurtà, industriji tal-ICT u tas-servizzi Ewropej u jiġi evitat u miġġieled l-abbuż tal-privatezza u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-Internet.

Għaldaqstant il-koordinazzjoni u t-titjib taż-żona ta' riċerka tas-sigurtà se jkunu element essenzjali u se jgħinu fl-immappjar tal-isforzi ta' riċerka preżenti, inkluż l-antiċipazzjoni, u jtejbu il-kundizzjonijiet legali u proċeduri rilevanti għall-koordinazzjoni, inklużi l-attivitajiet prenormativi.

L-attivitajiet se jsegwu approċċ orjentat lejn il-missjoni u jintegraw id-dimensjonijiet rilevanti tas-Soċjetà. Dawn se jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni għas-sigurtà interna u esterna, politiki

ta’ difiża u d-dispożizzjoni rilevanti ġdida tat-Trattat ta’ Liżbona, u jiżguraw iċ-ċibersigurtà, fiduċja u privatezza fis-Suq Diġitali uniku. Se jiġu indirizzati l-objettivi li ġejjin:

*6.3.1. Ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu*

Il-ambizzjoni hija kemm li jkunu evitat inċidenti kif ukoll li jkunu mmitigati l-konsegwenzi potenzjali tagħhom. Dan jesiġi teknoloġiji u kapaċitajiet ġodda (inklużi dawk kontra iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberterroriżmu) ta' appoġġ għas-saħħa, ikel, ilma u sigurtà ambjentali li huma essenzjali għall-iffunzjonar tajjeb tas-soċjetà u l-ekonomija. Teknoloġiji u kapaċitajiet dedikati ġodda se jgħinu biex jiġu protetti infrastrutturi , sistemi u servizzi kritiċi (inklużi l-komunikazzjonijiet, trasport, saħħa, ikel, ilma, enerġija, loġistika u l-katina tal-provvista, u l-ambjent). Dan se jinkludi l-analizzar u l-assigurar tal-infrastrutturi kritiċi pubbliċi u privati netwerkjati u servizzi kontra kwalunkwe tip ta’ theddid.

*6.3.2. Tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri*

It-teknoloġiji u kapaċitajiet huma wkoll meħtieġa sabiex isaħħu s-sistemi, tagħmir, għodod, proċessi u metodi għall-identifikazzjoni rapida sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-fruntieri, inklużi kemm il-kwistjonijiet ta’ kontroll kif ukoll dawk ta’ sorveljanza, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-EUROSUR. Dawn se jiġu żviluppati u ttestjati filwaqt li jitqiesu l-effettività, konformita’ mal-prinċipji legali u etiċi, proporzjonalità, aċċettazzjoni soċjali u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ir-riċerka se tappoġġa wkoll it-titjib tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej, anke permezz ta’ iktar kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

*6.3.3. Provvista ta’ ċibersigurtà*

Iċ-ċibersigurtà hija prerekwiżit għan-nies, negozji u servizzi pubbliċi sabiex jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti mill-Internet. Din tesiġi li tiġi provduta sigurtà għas-sistemi, netwerks, apparat ta’ aċċess u softwer u servizzi, inkluż il-cloud computing, filwaqt li titqies l-interoperabbiltà ta' teknoloġiji multipli. Ir-riċerka se tipprevjeni, tiskopri u timmaniġġja ċiberattakk f'ħin reali madwar id-dominji u ġuriżdizzjonijiet multipli, u tipproteġi l-infrastrutturi kritiċi tal-ICT. Is-soċjetà diġitali hija fi żvilupp sħiħ b'użi u abbużi, li jinbidlu b’mod kostanti, tal-Internet, modi ġodda ta’ interazzjoni soċjali, servizzi ġodda mobbli u bbażati fil-post u t-tfaċċar tal-Internet tal-Affarijiet. Dan jesiġi tip ta' riċerka ġdida li għandha tkun attivata mill-applikazzjonijiet u xejriet ta' użu u tas-soċjetà emerġenti. Se jitwettqu inizjattivi ta’ riċerka bi prontezza, inkluża r-Riċerka u l-Iżvlupp proattiva sabiex jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi komtemporanji ġodda fil-fiduċja u sigurtà.

*6.3.4. Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri*

Din tesiġi l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet ddedikati li jappoġġaw it-tipi differenti ta’ operazzjonijiet ta’ ġestjoni ta’ emerġenza (bħal pereżempju protezzjoni ċivili, tifi tan-nar, għajnuna umanitarja, difiza ċivili, prevenzjoni tal-kunflitti, żvilupp ta’ kompiti ta’ salvataġġ tal-infrastrutturi ta’ informazzjoni medika u stabilizzazzjoni ta' wara krizi), kif ukoll l-infurzar tal-liġi. Ir-riċerka se tkopri l-katina sħiħa tal-ġestjoni tal-kriżijiet u r-reżiljenza, u tappoġġa t-twaqqif ta' kapaċità Ewropea ta' reazzjoni għall-emerġenzi.

L-attivitajiet fost l-oqsma kollha ta' missjoni se jindirizzaw ukoll l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi u servizzi, inklużi l-aspetti bħall-komunikazzjoni, arkitetturi distribwiti u fatturi umani. Dan jesiġi ukoll l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet ċivili u militari fil-

kompiti li jvarjaw mill-protezzjoni ċivili għall-għajnuna umanitarja, ġestjoni tal-fruntieri jew żamma tal-paċi. Dan se jinkludi l-iżvilupp teknoloġiku fil-qasam sensittiv tat-teknoloġiji ta' użu doppju sabiex jiggarantixxi l-interoperabbiltà bejn il-protezzjoni ċivili u l-forzi militari u fost il-forzi tal-protezzjoni ċivili madwar id-dinja, kif ukoll l-aspetti ta' affidabbilità, ta' organizzazzjoni, legali u etiċi, kwistjonijiet kummerċjali, protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni u t-traċċabiltà tat-tranżazzjonijiet u proċessi kollha.

*6.3.5. Żgurar tal-privatezza u libertà fl-internet u titjib tad-dimensjoni tas-soċjetà fir-rigward tas-sigurtà*

Is-salvagwardja tad-dritt uman tal-privatezza fis-soċjetà diġitali tesiġi l-iżvilupp ta' oqfsa u teknoloġiji ta' privatezza mid-disinn mill-konċepiment tal-prodotti u servizzi. It-teknoloġiji se jkunu żviluppati biex jippermettu l-utenti li jikkontrollaw id-dejta personali tagħhom u l-użu tagħha minn partijiet terzi; kif ukoll għodod li jiskopru u jimblukkaw kontenut illegali u ksur tad-dejta u biex jipproteġu d-drittijiet umani onlajn filwaqt li jipprevjenu li l-imġiba tan-nies b'mod individwali jew fi gruppi hija limitata mit-tiftix u pprofilar illegali.

Kwalunkwe soluzzjoni u teknoloġija ġdida ta' sigurtà għandha bżonn li tkun aċċettabbli għas-soċjetà, tkun konformi mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali, tkun effettiva u proporzjonata fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tat-theddida għas-sigurtà. Fehim aħjar tad-dimensjonijiet soċjoekonomiċi, kulturali u antropoloġiċi tas-sigurtà, tal-kawżi ta' nuqqas ta' sigurtà, ir-rwol tal-midja u komunikazzjoni u l-perċezzjonijiet taċ-ċittadin huma għalhekk essenzjali. Se jiġu indirizzati l-kwistjonijiet etiċi u l-protezzjoni tal-valuri umani u d-drittijiet fundamentali.

*6.3.6. Aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni*

Peress li r-riċerka se jkollha orjentazzjoni lejn is-sigurtà ċivili, il-koordinazzjoni mal-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (EDA) se tkun segwita b'mod attiv sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-EDA, notevolment permezz tal-Qafas Ewropew ta' Kooperazzjoni diġà stabbilit, u b'hekk ikun rikonoxxut li jeżistu oqsma ta' teknoloġija ta' użu doppju rilevanti kemm għall-applikazzjonijiet ċivili kif ukoll dawk militari. Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, bħal pereżempju il-FRONTEX, l-EMSA u l-Europol, se jiġu wkoll msaħħa aktar sabiex titjieb il-koordinazzjoni ta' Programmi u politiki tal-Unjoni fil-qasam kemm tas-sigurtà interna kif ukoll dik esterna, u inizjattivi oħra tal-Unjoni.

Filwaqt li titqies in-natura partikolari tas-sigurtà, se jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi fir-rigward tal-ipprogrammar u governanza, inklużi arranġamenti mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni. Informazzjoni klassifikata jew sensittiva relatata mas-sigurtà se tkun protetti u rekwiżiti partikolari u kriterji partikolari għal kooperazzjoni internazzjonali jistgħu jkunu speċifikati fi programmi ta' ħidma. Dan se jkun rifless ukoll fl-ipprogrammar u l-arranġamenti ta' governanza għal Soċjetajiet Siguri (inklużi aspetti komitoloġiċi).

# PARTI IV

# Azzjoni Diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC)

## 1. XJENZA EĊĊELLENTI

Il-JRC se jwettaq riċerka sabiex isaħħaħ il-bażi ta' evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika, sabiex jiġi promoss l–fehim tal-proċessi naturali sottostanti għall-isfidi tas-soċjetà, u sabiex jeżamina l-oqsma emerġenti tax-xjenza u teknoloġija, anke permezz programm ta' riċerka esploratorja.

## 2. TMEXXIJA INDUSTRIJALI

**Il-JRC se jkompli jikkontribwixxi lill-innovazzjoni u l-kompetittività:**

(a) Billi jkompli jikkontribrixxi lill-orjentazzjoni strateġika u aġenda tax-xjenza tal-istrumenti rilevanti tar-riċerka indiretta, bħall-Isħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, kif ukoll l-isħubijiet privati pubbliċi u sħubijiet pubbliċi pubbliċi.

(b) Billi jappoġġa t-trasferiment tal-għarfien u teknoloġija permezz tad-definizzjoni tal-oqfsa tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali għal strumenti differenti ta' riċerka u innovazzjoni, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fit-trasferiment tal-għarfien u teknoloġija fost l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika kbar.

(c) Permezz ta' kontribuzzjonijiet sabiex jiġi ffaċiltat l-użu, l-istandardizzazzjoni u validazzjoni tat-teknoloġiji u dejta tal-ispazju, b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà.

## 3. SFIDI TAS-SOĊJETÀ

### 3.1. Saħħa, bidla demografika u benessri

Il-JRC se jikkontribwixxi lill-armonizzazzjoni ta' metodi, standards u prattiki f'appoġġ għall-legizlazzjoni tal-UE li timmira għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-klijent permezz ta':

(a) Valutazzjoni ta' riskji u opportunitajiet ta' teknoloġiji u kimiki ġodda, inklużi n-nanomaterjali, fl-ikel, għalf u prodotti tal-konsumatur; żvilupp u validazzjoni tal-kejl armonizzat, metodi ta' identifikazzjoni u kwantifikazzjoni, strateġiji ta' ttestjar integrat u għodod mill-aktar avvanzati għall-valutazzjoni tal-periklu tossikoloġiku, inklużi l-metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali; valutazzjoni tal-effetti fuq is-saħħa mit-tniġġis ambjentali.

(b) L-iżvilupp u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-ittestjar tas-saħħa u prattiki ta' skrinjar inkluż l-ittestjar ġenetiku u skrinjar tal-kanċer.

### 3.2. Sigurtà tal-ikel, agrikoltura sostenibbli, riċerka dwar il-baħar u dik marittima u l-bijoekonomija

Il-JRC għandu jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki ta' agrikoltura u sajd Ewropej, inkluż is-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp tal-bijoekonomija permezz ta':

(a) L-istabbiliment ta' sistema globali u għodod għat-tbassir tal-uċuħ tar-raba u monitoraġġ tal-produttività tal-uċuħ tar-raba; appoġġ għat-titjib tal-prospetti fuq medda ta' żmien qasir u dak medju għall-komoditajiet agrikoli , inklużi l-effetti mbassra tat-tibdil fil-klima.

(b) Kontribuzzjoni lill-innovazzjoni bijoteknoloġika u effiċjenza mtejba fl-użu tar-riżorsi sabiex jiġi prodott 'iktar b'inqas' permezz ta' analiżi u mmudellar teknoekonomiċi.

(c) Immudellar tax-xenarju għat-tfassil tad-deċiżjoni fil-politiki agrikoli u analiżi tal-impatt tal-politika fuq livelli makro/reġjonali/mikro; analiżi tal-impatt tal-"PAK lejn l-2020' fuq l–ekonomiji li qed jiżviluppaw/emerġenti.

(d) L-iżvilupp ulterjuri tal-metodi għall-kontroll tas-sajd u infurzar u traċċabilità tal-ħut u prodotti tal-ħut; żvilupp ta' indikaturi robusti tas-saħħa tal-ekosistema u l-immudellar bijoekonomiku sabiex jinftiehmu aħjar l-effetti diretti (pereżempju is-sajd) u effetti indiretti (tibdil fil-klima) u attivitajiet umani fuq d-dinamika tal-stokkijiet tal-ħut, l-ambjent tal-baħar u l-impatt soċjoekonomiku tagħhom.

### 3.3. Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti

Il-JRC se jiffoka fuq il-miri tal-20/20/20 għall-klima u l-enerġija u t-tranżizzjoni tal-Unjoni għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' karbonju sal-2050 bir-riċerka dwar l-aspetti teknoloġiċi u soċjoekonomiċi ta':

(a) Sigurtà tal-provvista ta' enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-konnessjonijiet u interdipendenzi mal-provvista tal-enerġija u s-sistemi ta' trażmissjoni extra-Ewropej; immappjar ta' sorsi ta' Enerġija indiġeni primarji u esterni infrastrutturi li tiddependi fuqhom l-Ewropa.

(b) Netwerks ta' trażmissjoni tal-enerġija/elettriku, b'mod partikolari l-immudellar u simulazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej ta' enerġija, l-analiżi tat-teknoloġiji tal-grilja intelliġenti/super, u simulazzjoni f'ħin reali tas-sistemi ta' enerġija.

(c) L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari l-metodoloġiji għall-monitoraġġ u valutazzjoni tal-kisbiet tal-istrumenti tal-politika ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-analiżi teknoekonomika tal-użu tat-teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija u strumenti u grilji intelliġenti.

(d) Teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (inkluża s-sikurezza tal-enerġija nukleari fil-programm Euratom), b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-prestazzjoni u r-riċerka prenormativa tat-tekonoloġiji prospettivi b'livell baxx ta' karbonju; l-analiżi u l-immudellar ta' katalizzaturi u ostakli għall-iżvilupp u skjerament tagħhom; valutazzjoni tar-riżorsi rinnovabbli u punti dgħajfa, bħal pereżempju l-materja prima kritika, fil-katina ta' provvista tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju; żvilupp

kontinwu tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SETIS) u l-attivitajiet relatati.

### 3.4. Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat

Il-JRC se jappoġġa l-miri tal-2050 ta' sistema tat-trasport kompetittiva, intelliġenti, li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u integrata għat-trasport sikur u sigur tan-nies u oġġetti permezz tal-istudji tal-laboratorju. immudellar u approċċi ta' monitoraġġ fuq:

(a) Teknoloġiji strateġiċi tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju għall-modi kollha tat-trasport, inkluża l-elettrifikazzjoni tat-trasport tat-triq u inġenji tal-ajru/bastimenti/vetturi imħaddma b'fjuwil alternattiv, u żvilupp ulterjuri taċ-ċentru intern ta' ikklirjar tal-Kummissjoni għall-ġbir u disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar it-teknoloġiji rilevanti; disponibbiltà u spejjeż tal-fjuwils u sorsi tal-enerġija mhux fossili, inklużi l-impatti tat-trasport tat-triq elettrifikat fuq il-grilji tal-elettriku u l-ġenerazzjoni tal-elettriku.

(b) Vetturi nodfa u effiċjenti, b'mod partikolari d-definizzjoni tal-proċeduri armonizzati ta' testjar u l-valutazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi f'termini ta' emissjonijiet, effiċjenza u sikurezza tal-fjuwils konvenzjonali u alternattivi; żvilupp ta' metodoloġiji mtejba għall-kejl tal-emissjoni u kalkoli ta' pressjonijiet ambjentali; koordinazzjoni u armonizzar tal-attivitajiet ta' inventarji u monitoraġġ tal-emissjonijiet fuq livell Ewropew.

(c) Sistemi ta' mobbiltà intelliġenti sabiex tinkiseb mobbiltà sigura, intelliġenti u integrata, inklużi l-valutazzjoni teknoekonomika tas-sistemi u komponenti ġodda tat-trasport, applikazzjonijiet għal ġestjoni mtejba tat-traffika u kontribuzzjoni lit-tfassil ta' approċċ integrat għad-domanda u ġestjoni tat-trasport.

(d) Is-sikurezza integrata tat-trasport, b'mod partikolari l-provvista ta' għodod u servizzi għall-ġbir, tqassim u analizzar tal-informazzjoni dwar l-aċċidenti u l-inċidenti fis-setturi tat-trasport tal-avjazzjoni, marittimu u tal-art; issaħħaħ il-prevenzjoni tal-inċidenti permezz ta' analiżi u tagħlimiet dwar is-sikurezza transmodali filwaqt li tikkontribwixxi lejn l-iffrankar tal-ispejjeż u l-gwadann tal-effiċjenza.

### 3.5. Azzjoni klimatika, użu effiċjenti tar-riżorsi u materja prima

Il-JRC se jikkontribwixxi għal Ewropa aktar ekoloġika, għas-sigurtà tal-provvista tar-riżorsi u ġestjoni sostenibbli globali tar-riżorsi naturali permezz ta':

(a) Aċċess għal dejta u informazzjoni ambjentali interoperabbli permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-istandards u arranġamenti tal-interoperabbiltà, għodod ġeospazjali u infrastrutturi innovattivi tat-teknoloġija tal-konumikazzjoni u l-informazzjoni, bħall-Infrastruttura għall-Informazzjoni Spazjali fl-Unjoni Ewropea (INSPIRE), u inzzjattivi tal-Unjoni u globali oħrajn.

(b) Kejl u monitoraġġ ta' fatturi varjabbli ambjentali ewlenin u l-valutazzjoni tal-istat u l-bidla tar-riżorsi naturali permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-indikaturi u s-sistemi ta' informazzjoni li jikkontribwixxu lill-infrastrutturi ambjentali. Il-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema, inkluż il-valutazzjoni tagħhom u l-effetti tat-tibdil fil-klima.

(c) Żvilupp ta' qafas integrat tal-immudellar għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà bbażat fuq il-mudelli tematiċi bħall-ħamrija, użu tal-art, ilma, kwalità tal-arja, emissjonijiet tal-gassijiet serra, foresterija, agrikultura, enerġija u trasport, li jindirizza wkoll l-effetti tat-tibdil fil-klima u r-reazzjonijiet għalih.

(d) Appoġġ għall-miri tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni permezz tal-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija, monitoraġġ tar-riżorsi essenzjali (bħal pereżempju l-foresti, ħamrija u provvista tal-ikel), u riċerka sabiex jiġu limitati l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-impatti ambjentali tal-użu tar-riżorsi, u sabiex jiġu riżolti l-kompromessi fil-kompetizzjoni għall-art sabiex għall-produzzjoni tal-ikel jew l-enerġija b'art għal, pereżempju , il-bijodiversità.

(e) Valutazzjoni integrata relatata mal-politiki tal-produzzjoni u konsum sostenibbli, inkluża s-sigurtà tal-provvista tal-materja prima strateġika, l-użu effiċjenti tar-riżorsi, proċessi ta' produzzjoni u teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u nodfa, l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi, xejriet ta' konsum u kummerċ. Żvilupp ulterjuri u integrazzjoni fl-analiżi tal-politika tal-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja.

(f) L-analiżi integrata tal-impatt tal-alternattivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u/jew l-adattament ibbażat fuq l-iżvlupp ta' sett kwantitattiv ta' għodod ta' mudelli fuq skala reġjonali u globali, li jvarjaw mil-livell settorali għal dak makroekonomiku.

### 3.6. Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri

Il-JRC se jikkontribwixxi lill-miri tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, is-Sigurtà u Ċittadinanza u l-Ewropa Globali permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

(a) L-analiżi komprensiva tal-katalizzaturi u ostakli għar-riċerka u innovazzjoni u l-iżvilupp ta' pjattaforma tal-immudellar għall-valutazzjoni tal-impatti mikro- u makroekonomiċi.

(b) Il-kontributi lill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni permezz ta' tabelli tar-riżultati, l-iżvilupp ta' indikaturi eċċ. u t-tħaddim ta' sistema pubblika ta' informazzjoni u intelligence li tilqa' dejta u informazzjoni rilevanti.

(c) It-tħaddim ta' pjattaforma pubblika ta' informazzjoni u intelligence biex tassisti l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali bl-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti; analiżi ekonomika kwantitattiva tal-mudell spazjali tal-attività ekonomika, b'mod partikolari fl-indirizzar tad-differenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali u t-tibdiliet fil-mudell bħala reazzjoni għall-iżviluppi teknoloġiċi.

(d) L-ekonometrika u analiżi makroekonomika tar-riforma tas-sistema finanzjarja sabiex jikkontribwixxu liz-zamma ta' qafas effiċjenti tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-krizijiet finanzjarja; filwaqt li jibqa' jiġi pprovdut appoġġ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membru fir-rigward tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(e) Il-monitoraġġ tal-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) u analiżi tal-katalizzaturi ta' wħud mill-elementi ewlenin tagħha u l-ostakli għaliha (bħall-mobbiltà tar-riċerka, il-ftuħ tal-programmi nazzjonali tar-riċerka) u l-proponiment ta' alternattivi rilevanti ta' politika; għad għandhom rwol importanti fl-ERA permezz tan-networking, taħriġ u ftuħ tal-faċilitajiet u bażi ta' dejta tagħha lill-utenti tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Kandidati u Assoċjati..

(f) L-iżvilupp ta' analiżi kwantitattiva ekonomika tal-Ekonomija Diġitali; titwettaq riċerka dwar l-impatt tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fuq il-miri tas-Soċjetà Diġitali; studju tal-impatt ta' kwistjonijiet sensittivi ta' sigurtà fuq il-ħajja ta' individwi (Għajxien Diġitali).

(g) Iffukar fuq l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-vulnerabilità tal-infrastrutturi kritiċi (inklużi s-sistemi ta' navigazzjoni globali, swieq finanzjarji); titjib tal-għodod għall-ġlieda kontra l-frodi tal-baġit tal-Unjoni u għas-sorveljanza marittima; kif ukoll il-valutazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali tat-teknoloġiji għal jew li jaffettwaw l-identità personali (identità diġitali).

(h) Tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni għat-tnaqqis ta' riskju ta' diżastru u ġestjoni ta' diżastri naturali magħmula mill-bniedem, notevolment permezz tal-iżvilupp ta' sistemi globali ta' avviż bikri ta' bosta perikoli globali u informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji, bl-użu tat-teknoloġiji għall-Osservazzjoni tad-Dinja.

(i) Tkomplija ta' provvista ta' għodod għall-valutazzjoni u ġestjoni tal-isfidi ta' sigurtà globali, bħat-theddid ta' terroriżmu u nonproliferazzjoni (kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (fil-programm Euratom)), theddid li jirriżulta mill-instabbiltà soċjopolitika u mard komunikabbli. Oqsma ġodda li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-vulnerabbiltà u r-reżijlenza għat-theddid emerġenti jew ibridu, pereżempju aċċessibiltà għall-materja prima, piraterija, skarsezza/kompetizzjoni tar-riżorsi u l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq l-okkorrenza tad-diżastri naturali.

## 4. ASPETTI SPEĊIFIĊI TAL-IMPLIMENTAZZJONI

Skont il-prioritajiet tal-Ewropa Globali, il-JRC se jsaħħaħ il-kooperazzjoni xjentifika mal-organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin u pajjiżi terzi (pereżempju korpi tan-NU, l-OECD, l-Istati Uniti, il-Ġappun, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Brażil, l-Indja) fl-oqsma li għandhom dimensjoni globali qawwija bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, jew in-nanateknoloġiji.

Sabiex jiġi pprovdut servizz imsaħħaħ għat-tfassil tal-politika, il-JRC se jiżviluppa iktar l-ħila tiegħu li janalizza u jipprovdi alternattivi ta' politika transettorjali u jwettaq valutazzjonijiet tal-impatt relatati. Din il-ħila għandha tkun appoġġata b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ ta':

(a) l-immudellar f'oqsma ewlenin (pereżempju enerġija u trasport, agrikoltura, klima, ambjent, ekonomija). L-attenzjoni se tkun kemm fuq il-mudelli settorjali kif ukoll dawk integrati (għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà), u tkopri l-aspetti xjentifiċi tekniċi kif ukoll dawk ekonomiċi.

(b) Studji li jħarsu 'l quddiem li jipprovdu analiżi tax-xejriet u avvenimenti fix-xjenza, teknoloġija u soċjetà u dwar kif dawn jistgħu jaffetwaw il-politiki pubbliċi, jinfluwenzaw l-innovazzjoni, jirrinfurzaw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli. Dan ikun jista' jista' jippermetti lill-JRC li jiġbed l-attenzjoni għal kwistjonijiet li jistgħu jesiġu l-intervent ta' politika fil-futur u antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tal-klijenti.

Il-JRC se jsaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-proċess ta' standardizzazzjoni u l-istandards bħala komponent orizzontali fl-appoġġ għall-kompetittività Ewropea. L-attivitajiet se jinkludu r-riċerka prenormativa, l-iżvilupp ta' materjali u kejl ta' referenza, u l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji. Ġew identifikati ħames oqsma ta' ffukar (l-Enerġija; trasport; l-Aġenda Diġitali; is-sigurtà u s-sikurezza (inkluż mil-lat nuklear fil-programm Euratom); protezzjoni tal-

konsumatur). Minbarra dan, il-JRC għandu jkompli jippromwovi id-disseminazzjoni tar-riżultati tiegħu u jipprovdi l-appoġġ dwar il-ġestjoni tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali lill-istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni.

Il-JRC se jistabbilixxi kapaċità fix-xjenzi komportamentali sabiex tkun ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' regolazzjoni aktar effettiva, komplimentari għall-attivitajiet tal-JRC f'oqsma magħżula bħall-politiki ta' nutrizzjoni, effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar il-prodotti.

Ir-riċerka soċjoekonomika se tkun parti mill-attivitajiet fl-oqsma rilevanti bħall-Aġenda Diġitali, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli jew is-saħħa pubblika.

Sabiex tintlaħaq il-missjoni tiegħu bħala ċentru ta’ referenza għall-Unjoni, biex ikompli jkollu rwol vitali fl-ERA, u biex jidħol f’oqsma ġodda ta’ riċerka, huwa essenzjali għall-JRC li jiddisponi minn infrastruttura avvanzata. Il-JRC se jkompli l-programm ta’ rinnovazzjoni u tiġdid sabiex jiżgura l-konformità mar-regolamenti ambjentali u tas-sikurezza u sigurtà applikabbli, u se jinvesti fl-infrastruttura xjentifika, inkluż l-iżvilupp tal-pjattaformi, faċilitajiet tal-immudellar, faċilitajiet għal oqsma ġodda bħall-ittestjar ġenetiku, eċċ. Tali investimenti se jkunu mwettqa f’koordinazzjoni mill-qrib mal-pjan direzzjonali tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u jitqiesu l-faċilitajiet eżistenti fl-Istati Membri.

## Anness II
## Indikaturi tal-prestazzjoni

It-tabella li ġejja tispeċifika għall-objettivi speċifiċi tal-Orizzont 2020 għadd limitat ta' indikaturi ewlenin għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti.

### 1. PARTI I. PRIJORITÀ "XJENZA EĊĊELLENTI"

**Objettivi speċifiċi:**

- Kunsill Ewropew għar-Riċerka
  - Sehem tal-pubblikazzjonijiet minn proġetti ffinanzjati mill-ERC li huma fost l-ogħla 1 % ikkwotati ħafna
  - Għadd ta' miżuri ta' politika istituzzjonali u politika nazzjonali/reġjonali ispirati mill-finanzjament tal-ERC
- Teknoloġiji Futuri u Emerġenti
  - -Pubblikazzjonijiet fil-ġurnali analizzati *inter pares* ta' impatt għoli
  - Applikazzjonijiet tal-privattivi fit-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti
- Azzjonijiet Marie Curie dwar il-ħiliet, taħriġ u żvilupp tal-karriera
  - Ċirkolazzjoni transettorjali u bejn il-pajjiżi tar-riċerkaturi, inklużi l-kandidati għal Dottorat
- **Infrastrutturi Ewropej għar-Riċerka (inkluż l-Infrastutturi elettroniċi)**
  - Infrastrutturi tar-riċerka li jsiru aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn permezz tal-appoġġ tal-Unjoni.

### 2. PARTI II "TMEXXIJA INDUSTRIJALI"

**Objettivi speċifiċi:**

- **Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali** (ICT, Nanoteknoloġiji, Materjali Avvanzati, Bijoteknoloġiji, Manifatturar avvanzat u Spazju)
  - L-applikazzjonijiet tal-privattivi miksuba fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali differenti
- **Aċċess għal finanzjament ta' riskju**
  - L-investimenti totali mmobilizzati permezz tal-investimenti minnfinanzjament tad-dejn u Kapital ta' Riskju
- **Innovazzjoni fl-SMEs**

– Sehem tal-SMEs parteċipanti li jintroduċu innovazzjonijiet ġodda għall-kumpanija jew is-suq (li jkopru l-perjodu tal-proġett u tliet snin miżjuda miegħu)

## 3. Parti III "Sfidi tas-Soċjetà";

**Objettivi speċifiċi:**

Għal kull waħda mill-isfidi, il-progress għandu jkun ivvalutat fil-konfront tal-objettivi speċifiċi li ġejjin wara li huma ddettaljati fl-Anness I tal-Orizzont 2020, flimkien ma' deskrizzjonijiet tal-avvanzar sostantiv meħtieġ għall-indirizzar tal-isfidi u l-kisba tal-indikaturi rilevanti tal-politika:

– Titjib tas-saħħa u benessri tul il-ħajja ta' kulhadd

– Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti b'bażi bijoloġika oħrajn, permezz ta' żvilupp ta' sistemi ta' produzzjoni primarja produttivi u li jużaw ir-riżorsi b'effiċjenza, li jrawwmu servizzi tal-ekosistema, flimkien ma' ktajjen ta' provvista kompetittivi u b'livell baxx ta' karbonju.

– Issir it-tranżizzjoni lejn sistema tal-Enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva, fid-dawl tal-iskarsezza tar-riżorsi, l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tal-Enerġija u t-tibdil fil-klima;

– Il-kisba ta' sistema Ewropea tat-trasport li hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla xkiel għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-ekonomija u s-soċjetà;

– Tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar fil-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta.

– It-trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri f'kuntest ta' trasformazzjonijiet mingħajr preċedent u interdipendenzi globali dejjem akbar.

Indikaturi addizjonali tal-prestazzjoni huma:

Pubblikazzjonijiet f'ġurnali analizzati *inter pares* ta' impatt qawwi fil-qasam tal-Isfidi tas-Soċjetà differenti.

– Applikazzjonijiet tal-privattivi fil-qasam tal-Isfidi tas-Soċjetà differenti

– Għadd ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jirreferu għall-attivitajiet appoġġati fil-qasam tal-Isfidi tas-Soċjetà differenti

## 4. Parti IV "Azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-Kunsill taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) ".

**Objettivi speċifiċi:**

- **Għoti ta' appoġġ xjentiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni**

- Għadd ta' okkorrenzi ta' impatti speċifiċi tanġibbli fuq politiki Ewropej li jirriżultaw minn appoġġ tekniku u xjentifiku mogħtija miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka

- Għadd ta' pubblikazzjonijiet analizzati *inter pares*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Ġustifikazzjoni(jiet) għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i previst(i) tal-ġestjoni

### 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

### 3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestatura/i tal-baġittan-nefqa affettwata/i

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali preżenti*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Il-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[29]

| |
|---|
| - 08 - Riċerka u Innovazzjoni |
| - 09 - Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja; |
| - 02 - Impriża u Industrija |
| - 05 - Agrikoltura |
| - 32 - Enerġija |
| - 06 - Mobbiltà u Trasport |
| - 15 - Edukazzjoni u kultura |
| - 07 - Ambjent u Azzjoni Klimatika |
| - 10 - Ċentru Konġunt għar-Riċerka |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[30]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettivi

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat/i mill-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont 2020 – Il-Programm għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("SP") qed jindirizza l-objettivi ġenerali tal-Orizzont |

[29] ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting .(Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività).

[30] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ("Orizzont 2020”), li għandu jikkontribwixxi lill-Istrateġija ta' Ewropa 2020, inkluż it-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, billi jiġi stimulat tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ:

- Tkabbir intelliġenti – żvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni (implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni).

- Tkabbir sostenibbli – il-promozzjoni ta' ekonomija aktar effiċjenti fl-użu ta' riżorsi, aktar ekoloġika u aktar kompetittiva.

- Tkabbir inkluživ – il-promozzjoni ta' ekonomija b'rata għolja ta' nies b'impjieg li twassal għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet konċernati tal-ABM/ABB*

- Parti I: Prijorità ta' "Xjenza eċċellenti"

- Parti II: Prijorità ta' "Tmexxija Industrijali"

- Parti III: Prijorità ta' "Sfidi tas-Soċjetà "

- Parti IV: Attivitajiet mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar- Riċerka

Attività/Attivitajiet konċernati tal-ABM/ABB

- 08 - Riċerka u Innovazzjoni

- 09 - Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja;

- 02 - Impriża u Industrija

- 05 - Agrikoltura

- 32 - Enerġija

- 06 - Mobbiltà u Trasport

- 15 - Edukazzjoni u kultura

- 07 - Ambjent u Azzjoni Klimatika

- 10 - Ċentru Konġunt għar-Riċerka

### 1.4.3. *Riżultat(i) u l-impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/popolazzjoni fil-mira.*

L-SP se jkopri il-parti l-aktar sostanzjali tal-Orizzont 2020. Huwa stmat li sal-2030, l-Orizzont 2020 huwa mistenni li jiġġenera 0.92 fil-mija aktar ta' PDG, 1.37 fil-mija aktar f'esportazzjonijiet, -0.15 fil-mija f'importazzjonijiet, u 0.40 fil-mija aktar f'impjiegi.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra d-Dokumebnt ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Orizzont 2020 ("IA") li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva.

### 1.4.4. *Indikaturi ta' riżultati u impatti*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva*

It-tabella li ġejja tispeċifika, għall-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-SP, għadd limitat ta' indikaturi ewlenin għall-valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti.

Indikaturi – inklużi dawk riċentement żviluppati – addizzjonali se jintużaw sabiex jiġbru diversi tipi ta' riżultati u impatti għall-attivitajiet speċifiċi differenti.

*Objettiv ġenerali*:

Kontribuzzjoni lill-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u lejn it-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Il-mira ta' R&Ż ta' Ewropa 2020 (3 % tal-PDG)

Attwali: 2.01 % tal-PDG (UE 27, 2009)

Mira 3% tal-PDG (2020)

L-indikatur ewlieni ta' Ewropa 2020 għall-innovazzjoni

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: Piż sostanzjali ta' impriżi innovattivi li qed jikbru malajr fl-ekonomija

**Parti I: Prijorità ta' "Xjenza eċċellenti"**

*Objettivi Speċifiċi*

*** Kunsill Ewropew għar-Riċerka**

- Sehem tal-pubblikazzjonijiet mill-proġetti ffinanzjati mill-ERC li huma fost l-ogħla 1 % ikkwotati ħafna

Attwali: 0.8 % (Pubblikazzjonijiet tal-UE mill-2004 sal-2006, ikkwotati sal-2008)

Mira: 1.6 % (pubblikazzjoni tal-ERC 2014 – 2020)

- Għadd ta' miżuri ta' politika istituzzjonali u politika nazzjonali/reġjonali ispirati mill-finanzjament tal-ERC

Attwali: 20 (stima 2007 – 2013)

Mira: 100 (2014 – 2020)

* **Teknoloġiji Futuri u Emerġenti**

- Pubblikazzjonijiet fil-ġurnali analizzati *inter pares* ta' impatt qawwi

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: 25 pubblikazzjoni għal kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

- Applikazzjonijiet ta' privattivi fit-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: applikazzjoni ta' privattiva waħda (1) għal kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

*- **Azzjonijiet Marie Curie dwar il-ħiliet, taħriġ u żvilupp tal-karriera**

- Ċirkolazzjoni transettorjali u bejn il-pajjiżi tar-riċerkaturi, inklużi l-kandidati għal Dottorat

Attwali: 50,000, madwar 20 % tal-kandidati għal Dottorat (2007 – 2013)

Mira: 65,000, madwar 40 % tal-kandidati għal Dottorat (2014 – 2020)

* Infrastrutturi Ewropej għar-riċerka (inkluż l-Infrastutturi elettroniċi)

- Infrastrutturi għar-riċerka li jsiru aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn permezz tal-appoġġ tal-Unjoni.

Attwali: 650 (2012)

Mira: 1000(2020)

**Parti II: Prijorità ta' "Tmexxija Industrijali"**

*Objettivi Speċifiċi*

* **Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali (**ICT, Nanoteknoloġiji, Materjali Avvanzati, Bijoteknoloġiji, Manifatturar avvanzat u Spazju)

- L-applikazzjonijiet tal-privattivi miksuba fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali differenti

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: 3 applikazzjonijiet ta' privattivi kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

* Aċċess għal finanzjament ta’ riskju

- L-investimenti totali mmobilizzati minn investimenti permezz tal-finanzjament tad-dejn u l-Kapital ta' Riskju

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: Investiment totali ta' EUR 100 miljun għal kull kontribuzzjoni ta' EUR 10 miljuni mill-Unjoni (2014 – 2020)

*** Innovazzjoni fl-SMEs**

Sehem tall-SMEs parteċipanti li jintroduċu innovazzjonijiet ġodda għall-kumpanija jew is-suq (li jkopru l-perjodu tal-proġett u tliet snin miżjuda miegħu)

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: 50 %

**Parti III: Prijorità ta' 'Sfidi tas-Soċjetà "**

*Objettivi Speċifiċi*

Għal kull waħda mill-isfidi, il-progress għandu jkun ivvalutat fil-konfront tal-objettivi speċifiċi li ġejjin wara li huma ddettaljati fl-Anness I tal-Orizzont 2020, flimkien ma' deskrizzjonijiet tal-avvanzar sostantiv meħtieġ għall-indirizzar tal-isfidi u l-kisba tal-indikaturi rilevanti tal-politika:

- Titjib tas-saħħa u benessri tul il-ħajja għal kulħadd

- Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta’ ikel sikur u ta’ kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijoloġika, permezz ta' żvilupp ta' sistemi ta' produzzjoni primarja produttivi u li jużaw ir-riżorsi b’effiċjenzali jrawwmu servizzi tal-ekosistema, flimkien ma’ ktajjen ta' provvista kompetittivi b'livell baxx ta' karbonju.

- Żgurar tat-tranżizzjoni għal sistema ta’ enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva, fid-dawl tal-iskarsezza dejjem tikber tar-riżorsi, ħtiġijiet dejjem jikbru tal-Enerġija u t-tibdil fil-klima.

- Il-kisba ta’ sistema Ewropea tat-trasport li hija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, favur l-ambjent, sikura u bla xkiel għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-ekonomija u s-soċjetà;

- Tinkiseb ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli tal-materja prima, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni globali dejjem akbar fil-limiti sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-pjaneta.

- Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri f’kuntest ta’ trasformazzjonijiet mingħajr preċedenti u interdipendenzi globali dejjem jikbru.

Indikaturi addizjonali tal-prestazzjoni huma:

- Pubblikazzjonijiet ġewwa ġurnali analizzati *inter pares* ta' impatt qawwi fl-oqsma tal-Isfidi Soċjali differenti.

Attwali: Approċċ ġdid (għall-FP7 (2007-2010), pubblikazzjonijiet f preliminari 8149 - totali figura)

Mira: Fil-medja, 20 pubblikazzjoni għal kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

- L-applikazzjoni tal-privattivi fiż-żona tal-Isfidi Soċjali differenti

Attwali: 153 (Programm ta' Kooperazzjoni FP7 2007-10, ċifri preliminarji)

Mira: Fil-medja, 2 applikazzjonijiet ta' privattivi għal kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

- Għadd ta' biċċiet ta' legizlazzjoni tal-Unjoni li jirreferu għall-attivitajiet appoġġati fil-qasam tal-Isfidi Soċjali differenti

Attwali: Approċċ ġdid

Mira: Fil-medja, 1 għal kull EUR 10 miljun ta' finanzjament (2014 – 2020)

**Parti IV: Attivitajiet mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar- Riċerka**

Għoti ta' appoġġ xjentiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni

- Għadd ta' okkorrenzi ta' impatti speċifiċi tanġibbli fuq politiki Ewropej li jirriżultaw minn appoġġ tekniku u xjentifiku mogħtija miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka

Attwali: 175 (2010)

Mira: 230 (2020)

- Għadd ta' pubblikazzjonijiet analizzati *inter pares*

Attwali: 430 (2010)

Mira: 500 (2020)

### 1.5. Ġustifikazzjoni(jiet) għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

-Titjib tal-kontribuzzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jissolvew l-isfidi ewlenin tas-soċjetà.

-Spinta lill-kompetittività industrijali tal-Ewropa permezz tal-promozzjoni tat-tmexxija teknoloġika u tat-tqegħid tal-ideat tajba fis-suq.

-Tisħiħ tal-bażi xjentifika tal-Ewropa.

-Tinkiseb iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tiżdied l-effettività tagħha (objettivi transversali).

-Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Orizzont 2020 ("IA") li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

Hemm kaz ċar għal intervent pubbliku sabiex jiġu indirizzati l-problemi deskritti f '1.5.1 hawn fuq. Is-swieq waħedhom ma jwasslux għal tmexxija Ewropea fix-xenarju teknoekonomiku ġdid. Intervent pubbliku fuq skala kbira permezz ta' miżuri tal-provvista u d-domanda se jkunu meħtieġa miżuri biex jingħelbu l-fallimenti assoċjati tas-suq assoċjati b'ċaqliq sistemiku fit-teknoloġiji bażiċi.

Madankollu, billi l-Istati Membri jagixxu waħedhom mhux se jkunu kapaċi li jwettqu l-intervent pubbliku meħtieġ. L-investiment tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa komparattivament baxx, huwa fframmentat u jbati minn ineffiċjenzi – ostaklu kruċjali meta jasal għal bidliet teknoloġiċi fundamentali. Huwa diffiċli għall-Istati Membri wahedhom li jħaffu l-iżvilupp teknoloġiku fost portafoll ta' teknoloġiji wiesa' biżżejjed, jew biex jindirizza n-nuqqas ta'koordinazzjoni transnazzjonali.

Kif enfasizzat fil-proposta għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, l-Unjoni hija pożizzjonata tajjeb biex iżżid il-valur billi tipprovdi investiment fuq skala kbira f'riċerka fil-fruntieri tal-għarfien "blue sky", f'R&Ż applikati immirati, u fl-edukazzjoni, taħriġ u infrastrutturi assoċjati li se jgħinu fit-tisħiħ tall-prestazzjoni tagħna f'R&Ż tematikament ffukati u teknoloġiji abilitanti; billi tappoġġa l-isforzi tal-kumpaniji fl-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka u biex dawn jissarrfu fi prodotti, proċessi u servizzi kummerċjabbli; u bl-istimular tal-adozzjoni ta' dawn l-innovazzjonijiet. Sensiela ta' azzjonijiet transkonfinali – li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' finanzjament nazzjonali għar-riċerka, il-kompetizzjoni madwar l-Unjoni għall-finanzjament tar-riċerka, il-mobbiltà u t-taħriġ tar-riċerkaturi, il-koordinazzjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi transnazzjonali, u appoġġ għall-innovazzjoni - huma l-aktar effiċjenti u effettivi meta organizzati fil-livell Ewropew. Evidenza ta' evalwazzjoni *ex-post* uriet b'konvinċenti li l-programmi ta'riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni jappoġġaw riċerka u attivitajiet oħra li huma ta' importanza strateġika kbira għall-parteċipanti, u li fin-nuqqas ta'appoġġ tal-Unjoni, dawn sempliċiment ma jitwettqux. Fi kliem ieħor, ma jkunx hemm sostituti għalil- appoġġ fil-livell tal-Unjoni.

L-evidenza turi wkoll li l-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet ta' appoġġ għall-politika, li huwa dderivat billi jingħaqdu flimkien l-għarfien u l-esperjenza minn kuntesti differenti, appoġġ għal tqabbil bejn il-pajjiżi tal-għodod u esperjenza ta' politika tal-innovazzjoni, u billi tiġi pprovduta l-opportunità li jiġu identifikati, promossi u ttestjati l-aħjar prattiki mill-iktar qasam wiesa' possibli.

L-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (il- " JRC ") jipprovdu valur miżjud Ewropew minħabba d-dimensjoni Ewropea unika tagħhom. Dawn il-benefiċċji jvarjaw mir-reazzjoni għall-ħtieġa tal-Kummissjoni li jkollha aċċess intern għal evidenza xjentifika indipendenti minn interessi privati u nazzjonali biex twassal

il-benefiċċji liċ-ċittadini tal-Unjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet lill-politiki li jwasslu għal kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali mtejba.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Orizzont 2020 (" IA ") li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-programm huwa msejjes fuq l-esperjenza akkumulata minn Programmi Qafas passati għar-Riċerka u Dimostrazzjoni Teknoloġika (FP), il-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), u l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (EIT).

F'perjodu mifrux fuq diversi deċennji, il-programmi tal-Unjoni:

- irnexxilhom jinvolvu l-aħjar riċerkaturi u istituti tal-Ewropa,

- jipproduċu effetti ta' strutturar, impatti xjentifiċi, teknoloġiċi u innovattivi, benefiċċji mikroekonomiċi, u impatti makroekonomiċi, soċjali u ambjentali downstream għall-Istati Membri kollha.

Flimkien mas-suċċess, hemm tagħlimiet importanti li wieħed għandu jieħu mill-passat:

- Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni għandhom jiġu indirizzati b'mod aktar koordinat;

- Ir-riżultati tar-riċerka jkunu ddessiminati aħjar u msarrfa fi prodotti, proċessi u servizzi ġodda;

Il-logika tal-intervent għandha tkun aktar iffukata, konkreta, dettaljata u trasparenti;

- Għandu jitjieb l-aċċess għall-programm u għandha tiżdied il-parteċipazzjoni minn impriżi ġodda, l-SMEs, l-industrija, Stati Membri bi prestazzjoni inqas tajba u pajjiżi barra mill-Unjoni;

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm jeħtieġ li jissaħħu.

- Ir-rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet diretti f'rapporti reċenti ta' evalwazzjoni reċenti jinnutaw i.a. li l-JRC jista'

- jippromwovi integrazzjoni iktar b'saħħitha fil-produzzjoni tal-għarfien fl-Unjoni;

- jintroduċi analiżi u studji tal-ispiża u l-benefiċċji tal-impatt ta' ħidma speċifika;

- jsaħħaħ il-kooperazzjoni mal-industrija sabiex jissaħħu l-effetti favur il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-Orizzont 2020 (" IA ") li jakkumpanja din il-proposta leġiżlattiva.

*1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

| |
|---|
| Fil-kuntest tal-kisba tal-objettivi tal-Ewropa 2020, se jiġu stabbiliti u żviluppati sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni komuni bħall-Qafas Strateġiku għall-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali u mal-Programm tal-Kompetittività u l-SMEs. |

## 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien limitat**

- ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2026

☐ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' **żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu tat-twaqqif mill-YYYY sal-YYYY,
- segwita b'operazzjoni ta' skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni previst(i)[31]

☒ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☒ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- ☒ aġenziji eżekuttivi
- ☒ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[32]
- ☒ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☒ Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluża l-Agenzija Spazjali Ewropea

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

| Kummenti |
|---|
| Il-Kummissjoni beħsiebha tuża varjetà ta 'modi ta' ġestjoni biex timplimenta din l-attività abbażi ta' modi ta' ġestjoni użati taħt il-prospetti finanzjarji attwali. Dawn il-modi ta' ġestjoni jinkludu ġestjoni ċentralizzata u ġestjoni konġunta. |
| Il-ġestjoni se titwettaq permezz tas-servizzi tal-Kummissjoni, permezz tal-Aġenziji Eżekuttivi eżistenti tal-Kummissjoni billi jiġġeddu u jiġu estiżi l-mandati tagħhom b'mod bilanċjat u permezz tal-korpi esternalizzati oħra bħal entitajiet imwaqqfa taħt |

[31] Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[32] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

l-Artikoli 187 (pereżempju Impriżi Konġunti b'mandati mġedda wara valutazzjoni u oħrajn ġodda li għandhom jiġu mwaqqfa fil-kuntest ta' implimentazzjoni pereżempju l-Parti dwar "Sfidi tas-Soċjetà"), 185 (programmi mwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Membri, fejn se jkollhom rwol il-korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku) tat-Trattat ta' Liżbona kif ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji.

Attivitajiet diġà esternalizzati taħt il-prospett finanzjarju attwali (pereżempju Riċerka fil-Fruntiera tal-Għarfien, Azzjonijiet Marie Curie, Azzjonijiet tal-SMEs ), li se jitkomplew taħt dan l-SP, se jiġu implimentati billi tinżamm il-forma attwali ta' esternalizzazzjoni. Dan jista' jinvolvi l-approfondiment tal-ispeċjalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-korpi esternalizzati rispettivi u li dawn jiġu għal daqs operattiv kumparabbli.

L-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet ulterjuri tal-SP, b'mod permezz ta' involviment mill-ġdid tal-Aġenziji Eżekuttivi eżistenti tal-Kummissjoni, hija prevista sakemm tkun kumpatibbli maż-żamma tal-kompetenzi ewlieni ta' politika fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni. Il-mezzi ta' esternalizzazzjoni li jinżammu biex jimplimentaw dawn l-attivitajiet se jintgħażlu fuq abbażi tal-effiċjenza u effettività murija tagħhom. Fl-istess waqt, il-persunal assenjat lill-Aġenziji Eżekuttivi tal-Kummissjoni jkollu jiżdied b'mod proporzjonali mal-Parti tal-baġit korrispondenti għall-attivitajiet esternalizzati u billi jitqies l-impenn dwar il-persunal li sar mill-Kummissjoni (Baġit għall-Ewropa 2020 COM(2011) 500)

Fejn jistgħu jinkisbu ingranaġġi ogħla, l-Agenzija Spazjali Ewropea tista' tkun involuta fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet spazjali tal-Orizzont 2020.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

Simplifikazzjoni

l-SP għandu jattira l-aktar riċerkaturi eċċellenti u l-aktar impriżi innovattivi Ewropej. Dan jista' jintlaħaq biss permezz ta' programm bl-inqas piż amministrattiv possibbli għall-parteċipanti u b'kondizzjonijiet xierqa ta' ffinanzjar. **Simplifikazzjoni** fl-SP għalhekk se timmira **għat-tliet għanijiet prinċipali**: li jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-parteċipanti; li l-proċessi kollha tal-ġestjoni tal-proposta u tal-għotja jsiru b'mod aktar rapidu, u li titnaqqas ir-rata tal-iżbalji finanzjarji. Barra minn hekk, se tirriżulta wkoll f'simplifikazzjoni ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni mir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju (pereżempju l-ebda kontijiet bl-imgħax għall-prefinanzjament, VAT, eliġibbli għal finanzjament minn qabel, limitazzjoni tal-estrapolazzjoni ta' żbalji sistematiċi).

Se tinkiseb simplifikazzjoni fl-SP tul diversi dimensjonijiet.

**Simplifikazzjoni strutturali** hija pprovduta permezz

- Integrazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni f'dan l-SP;

- Dan il-Programm Speċifiku uniku li jimplimenta Orizzont 2020

- Sett wieħed uniku ta' regoli ta' parteċipazzjoni li jkopru l-komponenti kollha tal-Orizzont 2020.

Is-**simplifikazzjoni** maġġuri **ta' regoli dwar l-iffinanzjar** se tiffaċilita t-tħejjija ta' proposti u l-ġestjoni ta' proġetti. Fl-istess ħin, huma se jnaqqsu l-għadd ta' żbalji finanzjarji. Gie propost l-approċċ li ġej:

Mudell ewlieni ta' ffinanzjar għal għotjiet:

- Ir-rimborż simplifikat ta' spejjeż diretti reali, b'aċċettazzjoni wiesgħa tal-kontabbiltà normali tal-benefiċjarji, inkluża l-eleġibbiltà ta' ċerti taxxi u imposti;

- Il-possibbiltà li jintużaw spejjeż għal kull unità tal-persunal (spejjeż medji tal-persunal) għall-benefiċjarji li għalihom dan huwa l-metodu ta' kontabbiltà normali, u għal sidien ta' SMEs mingħajr salarju;

- Simplifikazzjoni tal-irrekordjar tal-ħin billi jiġi pprovdut sett ċar u sempliċi ta' kundizzjonijiet minimi, partikolarment it-tneħħija tal-obbligi tal-irrekorjar tal-ħin għall-persunal li jaħdem esklużivament fuq proġett tal-Unjoni;

- Rata ta' rimborż unika għall-parteċipanti kollha minflok 3 rati differenti skont it-tip ta' parteċipant;

- Rata fissa unika li tkopri l-ispejjeż indiretti, minflok 4 metodi għall-ikkalkular tal-ispejjeż indiretti, bħala regola ġenerali;

- Kontinwazzjoni tas-sistema ta' spejjeż għal kull unità u rati fissi għal azzjonijiet ta' mobbiltà u taħriġ (Marie Curie);

- Iffinanzjar, permezz ta' somom f'daqqa, ibbażat fuq l-output, għal proġetti sħaħ f'oqsma speċifiċi.

**Strateġija riveduta ta' kontroll kif deskritt fit-taqsima 2.2.2, li tilħaq bilanċ** ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll, tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv għall-parteċipanti.

Minbarra r-regoli u l-kontrolli aktar sempliċi, **il-proċeduri u l-proċessi** kollha għall-implimentazzjoni tal-proġett se jiġu razzjonalizzati. Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontenut u s-sura tal-proposti, il-proċessi sabiex il-proposti jissarrfu fi proġetti, ir-rekwiżiti għar-rappurtar u l-monitoraġġ, kif ukoll id-dokumenti ta' gwida relatati u s-servizzi ta' appoġġ. Kontribuzzjoni importanti għal spejjeż amministrattivi mnaqqsa għall-parteċipazzjoni se tiġi minn pjattaforma unika tal-IT faċli għall-utent, ibbażat fuq il-Portal tal-Parteċipant tas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għar-R&Ż (2007-2013) ("FP7").

## 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet*

Se tiġi żviluppata sistema ġdida għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet indiretti tal-SP. Din se tkun imsejsa fuq strateġija komprensiva, f'waqtha u armonizzata, b'iffukar qawwi fuq il-flus, output, riżultati u impatti. Se tkun appoġġata b'arkivji ta' dejta, esperti u attività speċifika ta' riċerka xierqa, u b'aktar kooperazzjoni mal-Istati Membri u Stati Assoċjati, u se tiġi valorizzata permezz ta' disseminazzjoni u rappurtar xierqa. Għal azzjonijiet diretti, il-JRC se tkompli jtejjeb il-monitoraġġ tiegħu billi jaġġusta aktar l-indikaturi tiegħu li jkejlu l-output u l-impatt

Is-sistema se tinkludi informazzjoni li tikkonċerna temi trasversali bhas-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima. Nefqa relatata mal-klima se tiġi kkalkulata skont is-sistema ta' traċċaw imsejsa fuq il-markaturi ta' Rio.

## 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

Limitu ta'żball ta' 2 % ġie adottat bħala l-indikatur prinċipali fil-qasam tal-legalità u r-regolarità li tikkonċerna l-qasam tal-għotjiet għar-riċerka. Madankollu, dan kkawża għadd ta' effetti sekondarji mhux mixtieqa jew mhux mistennija. Kien hemm sensazzjoni qawwija fost il-benefiċjarji kif ukoll fost l-awtorità leġiżlattiva, li l-piż tal-kontroll sar kbir wisq. Din qed tirriskja li tnaqqas l-attrazzjoni tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni, u b'hekk jaffettwa negattivament ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni.

Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 kkonkluda li " huwa kruċjali li l-istrumenti tal-UE mmirati lejn it-trawwim tar-R&Ż&I jiġu simplifikati sabiex jiffaċilitaw l-adozzjoni tagħhom minn l-aqwa xjentisti u l-iktar kumpaniji innovattivi, partikolarment billi jiftiehmu, bejn l-istituzzjonijiet rilevanti, bilanċ ġdid bejn fiduċja u kontroll u bejn it-teħid ta' riskju u l-evitar tar-riskju " (ara EUCO 2/1/11 REV1, Brussell, 8 ta' Marzu 2011).

Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 (P7_TA(2010)0401) dwar l-issimplifikar tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas ta' riċerka espliċitament jappoġġa riskju ogħla ta' żbalji għal finanzjament tar-riċerka u "jesprimi t-tħassib tiegħu li s-sistema attwali u l-prattika ta' ġestjoni tal-FP7 huma eċċessivament orjentati lejn il-kontroll, b'hekk iwassal għal ħela ta' riżorsi, parteċipazzjoni iżgħar u xenarji anqas attraenti għar-riċerka; jinnota bi tħassib li s-sistema attwali ta' ġestjoni ta' 'tolleranza żero tar-riskju' tidher li tevita aktar milli timmaniġġja r-riskji".

Iż-żieda qawwija fl-għadd ta' verifiki u estrapolazzjoni sussegwenti tar-riżultati wkoll pprovokaw mewġa ta' ilmenti mid-dinja tar-riċerka (pereżempju l-inizjattiva Trust Researchers[33], b'iktar minn 13,800 firma s'issa).

Għaldaqstant, hemm aċċettazzjoni fost il-partijiet interessati u l-Istituzzjonijiet li l-approċċ attwali jeħtieġ li jiġi rivedut. Hemm objettivi u interessi oħra, speċjalment is-suċċess tal-politika tar-Riċerka, il-kompetittività internazzjonali u eċċellenza xjentifika, li għandhom jitqiesu wkoll.. Fl-istess waqt, hemm ħtieġa ċara ta' ġestjoni tal-baġit b'mod effiċjenti u effettiv, u prevenzjoni tal-frodi u l-hela. Dawn huma l-isfidi għall-SP.

Jibqa' l-objettiv aħħari tal-Kummissjoni li tikseb rata ta' żbalji residwi ta' anqas minn 2 % tan-nefqa totali matul il-ħajja tal-programm, u għal dan il-għan, introduċiet għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni. Madankollu, jeħtieġ li jitqiesu objettivi oħra bħall-ġibda u s-suċċess tal-politika tar-riċerka tal-UE, il-kompetittività internazzjonali, eċċellenza xjentifika u partikolarment l-ispejjeż tal-kontrolli (ara l-punt 2.2.2).

